Unità 1

# Niskopru l-Knisja

**Skop tal-unità**
Meta Ġesù qam mill-mewt baqa' jidher għal xi żmien lill-appostli tiegħu, iżda sar il-waqt li jitla' s-sema. L-appostli bdew jibżgħu. Bdew iħossuhom waħedhom. X'ħa jagħmlu issa mingħajr Ġesù? Ġesù qalihom li ser jibqa' magħhom sal-aħħar taż-żmien. Bgħatilhom l-Ispirtu s-Santu li għamel il-Knisja waħda ... qaddisa ... kattolika u appostolika. Anké għalina wkoll kien qed jgħid Ġesù li ħa jibqa' dejjem magħna. Aħna niltaqgħu miegħu, il-ħbieb tiegħu u tagħna meta ninqagħdu bħala kominità fil-Knisja li waqqaf hu.

Nikbru flimkien

# 1.1 Flimkien ma' Ġesù

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Alla ma ħalliniex waħedna fid-dinja. Tana nies li jħobbuna, jieħdu ħsiebna. Dawn in-nies huma importanti għalina, jagħmlu differenza f'ħajjitna għax iħobbuna. It-tfal jitgħallmu li fil-waqt li jagħmlu parti minn familja ta' bnedmin, il-ġenituri tagħhom riedu wkoll li huma jkunu membri tal-famlja speċjali ta' Alla – Il-Knisja.

**L-GĦAN**
Il-parteċipanti jifhmu aħjar li:-
- Aħna bħala bnedmin nagħmlu parti minn numru ta' gruppi differenti.
- Niltaqgħu ma' xulxin biex insiru nafu lil xulxin, inħobbu lil xulxin u nibnu relazzjoni ma' Alla u bejnietna

### Ikollok bżonn:

- Karti kuluriti (4 jew 5 kuluri differenti biex jagħmlu gruppi zgħar)
- Storja ta' Tor
- White Board u marker
- Stampi ta' Klieb
- Ktieb tal-attivitajiet
- Kuluri

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Aħna nagħmlu parti minn grupp

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn il-lejla biex insiru nafu aktar lilek u lil xulxin. Aħna lkoll differenti: min iħobb il-football u min iħobb jiżfen, min iħobb jaqra u min jħobb imur jgħum* ***(ara l-gosti tat-tfal u semmi lilhom)****. Imma ilkoll nixtiequ li nkunu ħbieb ma' xulxin u miegħek.*

**KONTENUT**
*Nota: Qassam il-karti kuluriti waħda lil kull parteċipant biex jingħaqdu fi gruppi ta' ħamsa jew sitta. Kull parteċipant isib il-grupp li għandu karta bil-kulur bħal tiegħu. Uża kuluri skont kemm hemm parteċipanti biex kull grupp ikun bejn 5 – 6 parteċipanti.*

Staqsi lill-parteċipanti ta' kull grupp u ara ftit jekk il-kulur tal-grupp tagħhom iħobbuhx jew le u għaliex.

Mela issa intom tagħmlu parti mill-grupp tal-kulur isfar... vjola eċċ...(skont il-kuluri li wżajt). Ara li kull parteċipant ikun jaf l-isem tal-membri kollha tal-grupp.

Il-Katekist ipinġi ċrieki fuq il-white board u jistieden lill-parteċipanti jsemmu xi grupp li jagħmlu parti minnu eż. scouts/ guides/ nursery tal-football/ iċ-ċentru fejn jitagħallmu l-katekiżmu/ il-familja tagħhom/ eċċ

Niddiskutu mal-parteċipanti fuq it-tfal tamparhom li niltaqgħu magħhom fil-gruppi differenti.

Tkellem mal-parteċipanti fuq kemm inkunu ferħanin meta jkunu jagħmlu parti minn grupp.

Staqsi lill-parteċipanti x'jagħmlu flimkien mal-grupp li jagħmlu parti minnu. Eżempju x'nilgħabu flimkien.

Ġieli xi ħadd mill-ħbieb tal-grupp ma baqax jiġi fil-grupp miegħek? Għaliex? Forsi mar joqgħod f'dar il-bogħod jew ma baqax jiġi fil-grupp għax iddejjaq u sab grupp ieħor iktar viċin id-dar tiegħu jew.....? Ħalli lill-parteċipanti jitkellmu għaliex forsi xi ħadd m'għadux jattendi.

Forsi kien hemm min iddejjaq li xi ħadd kellu jħalli l-grupp. Għaliex iddejjaqt? Ħalli lill-parteċipanti jitkellmu.

## L-Istorja ta' Tor

Darba waħda ġewwa belt mhux wisq imbiegħda kien hemm kelb kbir u muswaf. Kien għaddej ħajja ferħana u kuntenta. Kien jgħix ma' familja tħobb il-klieb, mitmugħ tajjeb u abbundanti, u f'xi okkażjoni speċjali dejjem isib xi għadma mimlija mudullun xi jgerrem. Tal-familja semmewh Thor għax xtaquh ikun feroċi u jżomm 'il bogħod il-ħallelin. Imma Thor kien kelb ġentili u fessud, l-għaxqa tiegħu jgħaddi ħafna ħin jiġri fil-bitħa wara d-dar, kuntent jiġri wara l-iskojjatli u jongħos għad-dell. Il-ġirien ukoll kellhom kelb, jismu Critter. Għal bosta żmien Critter kien sar jagħmel parti mill-ħajja ta' Thor. Kull filgħodu kollu ħerqan Thor kien joħroġ fil-bitħa biex hu u Critter, kull wieħed fuq in-naħa tiegħu taċ-ċint li jifridhom, joqgħodu jiġru flimkien tul il-btieħi. Xalata waħda jinbħu, jonfħu b'nifishom maqtugħ, jingħu, kollox flimkien. Kultant kienu jilgħabu flimkien fil-bitħa ta' xi ħadd minnhom. Critter sar tant parti minn ħajtu illi għal Thor kienet l-iżjed ħaġa naturali li dejjem isibu hemm wara ċ-ċint jistennieh kull filgħodu.

Għodwa waħda meta Thor ġera lejn iċ-ċint bħas-soltu, sab li l-affarijiet inbidlu. Critter ma tfaċċax. Thor għadda l-ġurnata kollha hemm jistenna, għassa maċ-ċint, id-dwejjaq dejjem jiżdiedu fuq wiċċu. Iżda Critter baqa' ma deherx. Il-familja ta' Thor mal-ewwel fehmu illi Critter kien telaq post ieħor, iżda ma setgħux jaħsbu kif ifehmu dan lil Thor. Fl-aħħar ħasbu li l-aħjar kien li jieħdu lil Thor jara l-bitħa tal-ġirien.

Thor dar minn naħa għal-oħra ixammem ixammem, imbagħad beda jnewwaħ, issa għaraf illi Critter ma kienx hemm. Iżda dan l-għarfien ma żammux mill-qsim ta' qalb li ħass. L-uġiegħ ta' qalb kiber jum wara l-ieħor, dejjem jiżdied. Ma bediex jiekol, u daqshekk ġera wara l-iskojattli. Kull darba li jersaq lejn iċ-ċint jiftakar li Critter m'għadux hemm u d-dmugħ iġelben minn għajnejh. Sidu għamel minn kollox biex iħajjru b'xi ġugarelli ġodda, xi mixja qalb l-għelieqi jew xi għadam mill-aqwa. Kollu għalxejn, lil Thor xejn ma seta' jsabbru.

Għadda ż-żmien, u jum minnhom, hekk kif Thor, li qalbu kienet għadha maqsuma, ta titwila lejn il-bitħa tal-ġirien, dehrlu li ra ġeru ċkejken jiġri u jaqbeż ġewwa l-bitħa, il-bitħa ta' Critter. Kif, kif jista' jkun! Kif qatt il-ġirien setgħu jaħsbu li xi ħadd seta' jieħu post Critter? Żgur li żgur li hu qatt ma sejjer jagħti kas lil dan il-ġdid. Thor intefa' gozz għad-dell ta' siġra xiħa u raqad raqda fonda mimlija tqallib. Iżda f'dik ir-raqda Critter ġie jżuru f'ħolma speċjali, ikellmu f'qalbu.

"Int għadek muġugħ għax tħoss in-nuqqas tiegħi, u dan in-nuqqas ġej għax int qed tfittixni fil-post żbaljat. Tfittixnix fuq barra; jien hawn qiegħed ġewwa qalbek." Bil-kliem li sema' mingħand ħabibu, Thor ħass qalbu timtela bħal qatt ma ħassha qabel, mimlija uġiegħ u fl-istess ħin serħan. U f'din il-ħolma Thor ħass li qalbu kbira biżżejjed għalihom it-tnejn, hu u Critter. Wara dan tgħidx kemm il-taħdita kellhom Thor u Critter, bi kliem li jafu jgħiduh dawk li jinħabbu biss. Hekk kif qam minn din ir-raqda, Thor tmattar u ttewweb, u mal-ewwel intebaħ bil-ġeru ċkejken iħarislu bil-ħniena minn wara ċ-ċint. Hu u jħares lejn dak il-kelb żgħir, Thor ħass xi ħaġa ġdida titwieled ġewwa fih. Wieqaf hemm, ftakar fil-ħolma li kellu, xtarrha ħalli jifhem aħjar x'kienet tfisser, x'riedet tgħid lil qalbu. Imbagħad, bil-mod il-mod qasam il-bitħa u b'tislima li jifhmuma l-klieb biss, daħħal rasu bejn it-twavel taċ-ċint b'ilsienu lagħaq ir-ras muswafa tal-ġeru.

"Darba waħda kont naf kelb jismu Critter," Thor qal lill-ġeru. U kif qal hekk, ħass lil Critter jitbissimlu.

***Nota:*** *Tajjeb li l-katekist juri stampi differenti ta' pets u jista' jistieden lill-parteċipanti jġibu stampi tal-pets tagħhom.*

*Il-katekist jispjeg x'ħass Tor meta telaq Critter: Ħass li hu waħdu m'għandux ma' min jilgħab, eċċ.*

***Staqsi lill-parteċipanti:***
*Ġieli kien hemm xi ħadd mill-grupp li mietlu l-pet tiegħu? Kif ħassejtek?*

*Erġajt kellek pet ieħor?*
*Meta Thor reġa' sab pet ieħor, reġa kien ferħan.*

## L-Attività

Il-parteċipanti jingħataw 4-5 ħelwiet differenti kull wieħed. Għal kull ħelwa differenti li għandhom il-parteċipanti jridu jsemmu grupp li jagħmlu parti minnhom u mbagħad iniżżluhom fil-ktieb tal-attivitajiet.

## Għeluq

Bħala talba tal-għeluq, tingħad din it-talba:
Mulej Alla aħna sirna nafu aktar lil xulxin. Nixtiequ nibqgħu ħbieb ta' xulxin. Grazzi li aħna lkoll ħbieb u nagħmlu affarijiet flimkien. Kemm nieħdu gost flimkien. Meta nkunu ħbieb ta' xulxin inkunu ħbieb miegħek ukoll. Ammen.



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Il-Wegħda ta' Ġesù li jibqa' magħna

**L-GĦAN**

Il-parteċipanti jifhmu aħjar li:-

- Ġesù wegħdna li ħa jibqa' magħna.
- Meta Ġesù tela' s-sema l-Appostli ħassew in-nuqqas tiegħu. Imma hu kien wegħedhom li xorta ser jibqa' magħhom.

**KONTENUT**

*Nota: Il-parteċipanti jkunu mgħejjuna jiftakru l-istorja ta' Thor u kemm ħassu mdejjaq meta miet Critter, il-ħabib tiegħu. Imma mbagħad beda jiftakar fih u jħossu li qiegħed ħdejh. Imbagħad reġa ħassu ferħan.*

## Ġesù jitla' s-sema (Atti 1, 1-14)

Staqsi lill-parteċipanti: L-appostli x'kienu jaħsbu fuq Ġesù? Kienu jarawh bħala ħabib? Għaliex?

L-appostli kienu jieħdu gost joqgħodu miegħu, kien jgħidilhom ħafna stejjer sbieħ, kienu jmorru jimxu flimkien, jieklu flimkien u ħafna aktar. Allura meta rawh tiela' s-sema u ma reġax ġie kif ħassewhom? Ferħana jew le? Xi xtaqu ? Imma tiftakru Ġesù x'kien wegħedhom qabel telaq?

Ħalli lill-parteċipanti jgħidu x'jaħsbu fuq din l-istorja. Xi drabi aħna wkoll inwegħedu xi ħaġa lill-ħbieb tagħna imma ma nżommuhiex. Agħti eżempji mill-ħajja tal-parteċipanti stess.

## Ġesù jżomm kelmtu (Atti 2, 1-11)

Agħżel lil xi ħadd mill-parteċipanti biex jaqra din is-silta. Fisser din is-silta fi kliemek.

Ġesù żamm il-kelma tiegħu u bgħatilhom l-Ispirtu s-Santu. Permezz tal-Ispirtu s-Santu, Ġesù baqa' mal-appostli u magħna.

## Ikollok bżonn:

- Bibbja
- Kuruna tar-ruzarju
- Stampa ta' knisja



# L-Attività

Il-katekist jagħti lil kull parteċipant silta fejn Ġesù jgħid li ħa jkun magħna. Importanti ħafna li jispjega xi kliem tqil li jkun hemm u jwassal lill-parteċipanti biex jagħrfu l-messaġġ ta' kif Alla permezz ta' Ġesù baqa magħna.

**Xi eżempji:** Ġesù jgħallem il-Missierna – Ġesù jgħallimna nitolbu; kwotazzjonijiet mill-Bibbja fejn Ġesù jgħid li ser jibqa magħna; L-Aħħar Ikla – L-Ewkaristija; L-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli – Alla jibqa' magħna; San Pawl f'Malta – Alla jwassal l-kelma tiegħu permezz ta' ħaddieħor.

Fl-aħħar il-katekist jistieden lit-tfal ipinġu l-istorja u jwaħħluha fil-Ktieb tal-Attivitajiet.

# Għeluq

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex kif imorru d-dar, jitolbu lil min jieħu ħsiebhom biex jitolbu flimkien. Jistedinhom biex flimkien jitolbu t-talba tar-rużarju u joffruha għall-bżonn tal-familja tagħhom.

# 1.2 Alla għandu stedina għalina

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Fil-magħmudija nissieħbu fil-familja speċjali ta' Alla li hi l-Knisja u nissieħbu ma' membri oħra mill-familja, mill-parroċċa, mid-djocesi u mid-dinja kollha. Fil-magħmudija nsiru parti mill-familja ta' Alla u aħwa ta' Ġesù flimkien mal-imgħammdin l-oħra – il-Knisja. Aħna mistiedna biex ningħaqdu u naħdmu flimkien fil-Knisja bħala komunità tad-dixxpli ta' Ġesù.

**L-GĦAN**
Il-parteċipanti jifhmu aħjar li:-

- Il-knisja bħala bini hija post sagru (qaddis) għax hija kkonsagrata lil Alla u ddedikata lil xi qaddis.

## Ikollok bżonn:

- Oġġetti jew stampi li nsibu fil-kċina, fid-dar, skola, eċċ
- Stampi ta' affarijiet li nsibu fil-Knisja
- Stampi u /jew Dvd ta' meta Ġesù keċċa lill-bejjiegħa mit-tempju
- Bibbja

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-Knisja bħala bini

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Bħala talba tal-bidu, il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex flimkien jgħidu il-Kredu. Il-katekist jenfasizza t-twemmin fil-Knisja Kattolika. Jekk il-katekist jara li l-parteċipanti għadhom ma jafuhx, tajjeb li jerġa' jirrepetih ħalli jiftakruh.*

**KONTENUT**
*Nota: Il-katekist iġib numru ta' oġġetti diversi (jew stampi tagħhom fejn hu diffiċli biex jittieħdu fil-klassi) u l-parteċipanti jibdew jgħidu f'liema post insibuhom, eżempju: furketta, tazza eċċ - fil-kċina; ktieb – id-dar, l-iskola; biro - id-dar, l-iskola, fl-uffiċju; mediċina – l-isptar, id-dar, l-ispiżerija. Fost dawn ikun hemm stampi jew oġġetti li nsibuhom il-knisja.*

Staqsi lill-parteċipanti: X'insibu meta nidħlu fil-knisja bħala bini? Isemmu altar, gandlieri, bankijiet, il-font tal-ilma mbierek, pitturi, via sagra, missal, xemgħa, kurċifiss. Ħalli lill-parteċipanti jitkellmu.

Il-katekist flimkien mal-parteċipanti jiddiskutu għalfejn qegħdin hemm dawn l-oġġetti u s-simboliżmu tagħhom fi kliem li jifhmu huma. Eżempju: il-blandun – simbolu ta' Kristu d-Dawl veru tagħna.

Il-bini huwa post sagru (qaddis) għax il-knisja tiġi ikkonsagrata lil Alla u ddedikata lil xi qaddis.

Staqsi lit-tfal biex isemmu xi parroċċi f'Malta/ Għawdex u għal min huma ddedikati, per eżempju: għal xi appostlu (Ħal-Luqa – Sant'Andrija), għal xi qaddis (Ħamrun - San Gejtanu, Msida - San Ġużepp), għall-qaddis Malti (Swatar - San Ġorġ Preca), għal Madonna (Ħal-Tarxien - Lunzjata, Bormla - Kunċizzjoni), għal Ġesù (Sliema - Sacro Cuor, Paola - Kristu Re).

## L-Attività

Il-katekist juri stampi / DVD tat-tkeċċija tal-bejjiegħa mit-tempju. Ħu reazzjoni tal-parteċipanti fuq din is-silta. Stieden lill-parteċipanti biex isibuha fil-Bibbja.

Spjega li Ġesù keċċa l-bejjiegħa mit-Tempju għax ma rrispettawx il-bini li Ġesù sejjaħlu d-dar tal-Missier (Ġwanni 2 v 12-25).

Stieden lill-parteċipanti biex jagħmlu mima tal-episodju tal-bejjiegħa tat-tempju.

## Għeluq

Il-katekist jispiċċa l-lezzjoni billi jaqra silta mill-Bibbja fejn tkun imsemmija il-Knisja.



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Il-Knisja bħala komunità ta' Alla

**L-GĦAN**

Il-parteċipanti jifhmu aħjar li:-

- Il-Knisja hija magħmula minnha lkoll. Ġesù huwa r-ras tal-Knisja u aħna l-membri tal-knisja.
- Filwaqt li l-knisja bħala bini mhix ħaġa ħajja, Ġesù ried jagħmel knisja ħajja wkoll. Dan insibu referenza għalih fi Ġwanni 21, 15-24 fil-kliem li Ġesù jgħid lil Pietru.

**KONTENUT**

*Nota: Il-katekist iqassam l-istrixxi tal-karti lill-parteċipanti kollha biex jiktbu fuqhom isimhom. Fuq strixxi tal-karti oħrajn, il-katekisti jkun kiteb dawn in-nies:– Qassis, Patri, Soru, Isqof, Papa, Qaddisin, Familja, Knisja, Ġesù.*

## Ikollok bżonn:

- Karti kkuluriti maqtgħin fi strixxi
- Strixxi għall-ismijiet tal-parteċipanti
- Strixxi bil-kliem: Qassis, Patri, Soru, Isqof, Papa, Qaddisin, Familja, Knisja, Ġesù.
- Stapler
- Biros/lapes


il-Knisja bħala
Komunità ta' Alla

Standing on the Promises Cedarmont Kids

Standing on the promises of Christ my King
through eternal ages let his praises ring
Glory in the highest; I will shout and sing
Standing on the promises of God.

**Standing, standing,**
**standing on the promises of Christ my Saviour;**
**standing, standing**
**I'm standing on the promises of God.**

Standing on the promises that cannot fail,
when the howling storms of doubt and fear assail,
by the living Word of God I shall prevail,
standing on the promises of God. **R/.**

Standing on the promises I now can see
Perfect, present cleansing in the blood for me;
Standing in the liberty where Christ makes free,
Standing on the promises of God. **R/.**

Standing on the promises of Christ the Lord,
bound to him eternally by love's strong cord,
overcoming daily with the Spirit's sword,
standing on the promises of God. **R/.**

Standing on the promises I cannot fall,
listening every moment to the Spirit's call,
resting in my Saviour as my all in all,
standing on the promises of God. **R/.**

8



9

Il-katekist jieħu strixxa strixxa tan-nies li jkun kiteb hu (Qassis, Patri, Soru, Isqof, Papa, Qaddisin, Familja, Knisja, Ġesù) u jitlob lill-parteċipanti jgħidu x'jafu fuq kull wieħed minn dawn il-persuni.

Eżempju: Soru: jistgħu jgħidu li tgħix f'kunvent, isemmu s-sorijiet tal-iskola fejn imorru, jew xi ħadd jiġi minnhom... jew sister li jafu huma...

Meta tissemma l-familja, trid issir l-enfasi fuq r-rwol ta' kull membru, kif kulħadd għandu l-ħidma tiegħu fid-dar. Ix-xogħol tal-ġenituri hu li jieħdu ħsieb il-familja kollha. Kif? X'jagħmlu? Ix-xogħol tat-tfal x'inhu? Ix-xogħol tagħhom fid-dar ... fl-iskola... fil-laqgħa tal-katekiżmu... waqt il-logħob...

## Il-Knisja ħajja

Aħna lkoll flimkien niffurmaw il-Knisja. Il-knisja hi magħmula minn diversi nies li lkoll għandhom rwoli differenti. Kull persuna hija importanti. Kollha kemm aħna rridu naħdmu biex din il-kommunità tkun mimlija ħajja.

Ġesù huwa l-Kap tal-Knisja. Nistgħu nqablu lil Ġesù ma' ras u aħna inqabblu lilna nfusna mal-ġisem. Flimkien nagħqdu ġisem wieħed li hi l-knisja.

## L-Attività

L-isimjiet tal-parteċipanti li jkunu kitbu fil-bidu ser jiġu stappiljati flimkien. Flimkien mal-ismijiet, jitwaħħlu dawk in-nies li jkun kiteb il-katekist (Qassis, Patri, Soru, Isqof, Papa, Qaddisin, Familja, Knisja, Ġesù).

Ilkoll flimkien niffurmaw il-Knisja. Għalhekk il-katekist jikteb fuq stixxa tal-karti l-kelma: Knisja. Il-katekist jgħaqqad il-katina tal-ismijiet billi jwaħħal il-kelma Knisja mal-ismijiet.

Imbagħad il-katekist fuq stixxa oħra jikteb Ġesù. Din l-istrixxa mbagħad iwaħħalha mal-kelma Knisja fil-katina.

## Għeluq

Il-katekist jista' jistieden lill-parteċipanti biex huma jgħidu talba ta' ringrazzjament talli Alla tana l-Knisja u talli aħna niffurmaw parti minnha.

# 1.3 Niltaqgħu ma' Ġesù u l-ħbieb tiegħu

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Meta kiber Ġesù ħareġ jgħallem. Kellu grupp ta' ħbieb li kienu dejjem miegħu, jisimhom Appostli. L-Appostli kienu l-akbar ħbieb ta' Ġesù u ma' dawn il-ħbieb Ġesù kien iqatta' ħafna ħin. Huma kienu jieħdu ħafna gost fil-kumpanija tiegħu. Ġesù kien jimpurtah ħafna minnhom u wara li miet kienu jinġabru flimkien jitolbu u jgħallmu fuq Ġesù. Matul iż-żmien ħafna nies semgħu bih u baqgħu jinġabbru u jitgħallmu fuqu; saru dixxipli kbar tiegħu. Għixu u kabbru r-relazzjoni tagħhom ma' Alla permezz tal-fidi u d-doni. Aħna nafu bihom u nsejħulhom Qaddisin. Inħarsu lejn il-Qaddisin li f'din d-dinja wieġbu għall-imħabba ta' Alla u qegħdin jaqsmu l-ħajja u l-hena ta' dejjem miegħu fis-sema.

**L-GĦAN**
Il-parteċipanti jifhmu aħjar li:-
- Aħna lkoll nagħmlu parti mill-Knisja.
- Jekk aħna ma nibqgħux magħqudin ma' Ġesù ma nistgħux ngħixu fil-vera paċi.

### Ikollok bżonn:

- Stampa ta' werqa għal kull parteċipant
- Stampa kbira ta' siġra mingħajr weraq
- Kolla
- Karta kbira vojta
- Qasrija ta' vera

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-Knisja minn min hi magħmula?

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Bħala talba tal-bidu, il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jaqbdu idejn xulxin u jgħidu it-talba tal-Missierna.*

**KONTENUT - WERAQ TAS-SIĠRA**
*Nota: Il-katekist jagħti werqa lil kull parteċipant.*
*Fuq il-werqa, il-parteċipant ser jikteb ismu.*
*Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex iwaħħlu l-werqa tagħhom x'imkien mas-siġra.*

Xi tfisser tkun imwaħħla maz-zokk? Ħalli lill-parteċipanti jwieġbu.

Il-katekist juri l-qasrija ta' vera u jispjega li biex kull werqa tgħix trid tkun magħquda maz-zokk. Huwa miz-zokk li ser jaslulha s-sustanzi biex tibqa' tgħix. Jekk tinqata' minn maz-zokk tinxef u tmut.

Mela nistgħu ngħidu li: Ġesù huwa s-siġra u aħna l-weraq. Jekk il-weraq ma jibqgħux imwaħħlin mas-siġra jmutu. Jekk aħna ma nibqgħux magħqudin ma' Ġesù ma nistgħux ngħixu fil-vera paċi.

## Il-Parabbola tad-Dielja

Il-katekist jistieden xi ħadd mill-parteċipanti biex jaqra s-silta tal-parabbola tal-dielja.

Il-katekist ifisser is-silta fil-kuntest tad-diskussjoni li kellhom qabel il-parteċipanti.

## L-Attività

Wara li jkunu qraw, semgħu u fehmu s-silta tal-parabbola tad-dielja, issa l-parteċipanti ħa jkunu mistiedna biex filwaqt li l-katekist ser jerġa' jaqra' s-silta, huma jagħmlu mossi għall-kliem: dielja, friegħi, jinqatgħu, frott.

## Għeluq

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jgħidu dak li jħossu lil Alla fuq il-Kelma tiegħu stess.

Qabel ma tispiċċa l-laqgħa l-parteċipanti jintalbu biex fil-laqgħa li jmiss iġibu xemgħa u stampa ta' qaddis.



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Komunità ta' qaddisin

**L-GĦAN**

Il-parteċipanti jifhmu aħjar li:-

- Matul iż-żmien ħafna nies semgħu b'Ġesù u baqgħu jinġabru u jitgħallmu fuqu; saru dixxipli kbar tiegħu. Għixu u kabbru r-relazzjoni tagħhom ma' Alla permezz tal-fidi u d-doni. Aħna nafu bihom u nsejħulhom Qaddisin.
- Inħarsu lejn il-Qaddisin li f'din d-dinja wieġbu għall-imħabba ta' Alla u qegħdin jaqsmu l-ħajja u l-hena ta' dejjem miegħu fis-sema.

**KONTENUT**

*Nota: Il-katekist jipprepara l-affarijiet biex jaraw il-film THE STRING BEAN. Dan il-film qasir juri li aħna rridu nieħdu ħsieb il-fidi tagħna. F'dan il-film mara anzjana tħawwel qasrija b'tant għożża u mħabba. Din il-mara anzjana kienet inkwetata fuq il-futur ta' din il-pjanta, għalhekk hija tmur tħawwila fil-ġnien biex tikber b'saħħitha. It-tama ta' din il-mara anzjana għenet biex il-pjanta tikber.*

*Bħalma l-mara anzjana ħadet ħsieb il-qasrija, aħna rridu nieħdu ħsieb il-fidi tagħna. Hekk għamlu diversi nies qabilna. Ħadu ħsieb ikabru l-fidi tagħhom f'Ġesù u llum aħna nsejħulhom qaddisin.*

## Ikollok bżonn:

- Stampa ta' diversi qaddisin
- Stampa ta' Knisja kbira
- Stampa ta' Ġesù kbira
- Fjuri
- Xemgħat żejda (għal min jinsa' jġib miegħu)



Komunità ta' qaddisin

God Is So Good Cedarmont Kids

God is so good,
God is so good,
God is so good,
He's so good to me!

He answers prayers
He answers prayers
He answers prayers
He's so good to me!

He saved my soul
He saved my soul
He saved my soul
He's so good to me!

Now I'm free
Now I'm free
Now I'm free
He's so good to me!

Xi tfisser tkun qaddis?

Min hu msejjaħ biex ikun qaddis?

X'għandi nagħmel biex inkun qaddis?

Kulħadd imsejjaħ biex ikun qaddis

12

13

Xi tfisser tkun qaddis?
Min hu msejjaħ biex ikun qaddis?
X'għandi nagħmel biex inkun qaddis?
Xi premju jkollu min ikun qaddis?
Għadu moda li tkun qaddis?
Ħalli lill-parteċipanti jwieġbu.

Stieden lill-parteċipanti jsemmu qaddisin li jafu bihom u forsi wkoll jgħidu xi ħaġa li għamlu f'ħajjithom. Il-parteċipanti jistgħu jagħmlu riferenza għall-istampa ta' qaddis li jkunu ġabu.

## L-Attività

Il-katekist jarma rokna speċjali fil-klassi u jżejjinha b'xi fjuri. Fin-nofs ta' dan l-armar ipoġġi stampa kbira ta' Ġesù u stampa kbira ta' knisja. Il-katekist irid iħejji spazju fejn il-parteċipanti jkunu jistgħu jpoġġu x-xemgħa u l-istampa tal-qaddis tagħhom.

Fil-waqt li tindaq ftit background music ħalli jkun hemm il-ġabra, il-katekist jibda din il-litanija billi jgħid: Mulej ħniena, Kristu ħniena, Mulej ħniena.

Il-parteċipanti wara xulxin jgħidu l-isem tal-qaddis tagħhom u l-bqija jwieġbu 'Itlob għalina'. Filwaqt li l-bqija tal-parteċipanti jkunu qed iwieġbu, il-parteċipant li jkun semma' l-isem tal-qaddis joħroġ fin-nofs biex jixgħel ix-xemgħa u jpoġġi stampa tal-qaddis fil-post imħejji minn qabel mill-katekist.

Nibqgħu sejrin sakemm il-parteċipanti kollha jkunu semmew il-qaddis tagħhom.

## Għeluq

Bħala talba tal-għeluq il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jitolbu lil Alla jgħinhom ħalli jaħdmu biex isiru qaddisin.

# 1.4 Niltaqgħu flimkien f'Jum il-Mulej

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Alla jaqsam il-ħajja tiegħu magħna u aħna nwieġbu għas-sejħa billi nħejju u nieħdu sehem f'ċelebrazzjoni li tgħaqqadna flimkien – il-Quddiesa. Noħorġu msaħħin biex inkunu nistgħu ngħixu bħala dixxipli ta' Ġesù. Tajjeb li nitolbu waħħedna imma importanti ħafna li ninġabru fil-knisja biex bħaż-zmien ta' Ġesù inkunu miegħu flimkien. Nitkellmu fuq il-Quddiesa – ċelebrazzjon u ikla ta' festa. Fil-Quddiesa aħna nkunu qegħdin nagħmlu bħad-dixxipli f'żmien Ġesù – nisimgħu l-kelma tiegħu, nitolbu u nieklu miegħu.

**L-GĦAN**
Il-parteċipanti jifhmu aħjar li:-
- Tajjeb li nitolbu waħedna imma importanti ħafna li ninġabru fil-knisja biex bħaż-zmien ta' Ġesù inkunu miegħu flimkien.
- Ii l-Quddiesa hi ċelebrazzjoni u ikla ta' festa.

## Ikollok bżonn:

- Salm 118 (kollu f'daqqa)
- Salm 118 maqsum vers vers
- Film: the Third Commandment

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-Knisja minn min hi magħmula?

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Bħala talba tal-bidu, il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jaqbdu idejn xulxin u jgħidu grazzi lil Alla talli reġa' laqqagħhom flimkien biex jitgħallmu fuqu.*

**KONTENUT - IL-KMANDAMENTI**
*Nota: Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jgħidu flimkien il-kmandamenti. Suppost il-parteċipanti jkunu jafuhom diġà. Imma żgur li ser ikun hemm bżonn li l-katekist jgħin lil xi wħud minnhom biex jiftakruhom.*

Xi jfisser Jum il-Mulej? Għalfejn importanti li niltaqgħu flimkien bħala komunità?
Għalfejn irridu nipprateċipaw fil-quddiesa?
Mhux biżżejjed li titlob waħdek? Ħalli lill-parteċipanti jwieġbu.

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti biex jgħidu liema mill-għaxar kmandamenti jgħidilna biex nipparteċipaw fil-quddiesa nhar ta' Ħadd. Il-parteċipanti għandhom iwieġbu li huwa t-tielet kmandament li jgħidilna dan.

Imbagħad il-katekist jista' jurihom il-film THE THIRD COMMANDMENT. F'dan il-film joħroġ biċ-ċar l-importanza li f'Jum il-Mulej, ningħaqdu flimkien bħala komunità u nipparteċipaw fil-quddiesa.

## L-Attività

Il-katekist iqassam lil kull parteċipant vers mis-Salm 118. Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jaqraw wara xulxin Salm 118.

Wara li jinqara s-salm, il-katekist jagħmel riferenza għall-frażi: 'Dan hu l-jum li għamel il-Mulej, ħa nifirħu u nithennew fih.'

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jagħmlu poster b'din il-frażi. Il-posters jitwaħħlu fil-klassi.

## Għeluq

Bħala talba tal-għeluq il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jitolbu lil Alla jgħinhom ħalli jattendu b'mod regolari għall-quddiesa tal-Ħadd.



1.4

Niltaqgħu flimkien f'Jum il-Mulej

Behold, Behold Cedarmont Kids

Behold, behold!
I stand at the door and knock, knock, knock,
Behold, behold!
I stand at the door and knock, knock, knock,
If anyone hear my voice,
If anyone hear my voice,
And will open, open, open the door,
I will come in.

Behold, behold!
I stand at the door and knock, knock, knock,
Behold, behold!
I stand at the door and knock, knock, knock,
If anyone hear my voice,
If anyone hear my voice,
And will open, open, open the door,
I will come in.

Salm 118
Imla l-ispazji vojta

________ l-Mulej, għaliex hu tajjeb,
______ għal dejjem it-tjieba tiegħu!
Ħa jgħidu wlied __________:
"Għal dejjem it-tjieba ________."
Sejjaħt il-Mulej fid-____________ tiegħi;
u l-________ weġibni, u ħariġni fil-wisa'.
La l-Mulej miegħi, m'għandix għax ________;
x'jista' ________ l-bniedem?
Il-Mulej miegħi, hu l-__________ tiegħi,
u nħares b'wiċċi minn __________ lejn l-għedewwa tiegħi.
Aħjar __________ fil-Mulej milli tittama fil-__________.
Niżżik ħajr talli __________ u kont għalija s-salvazzjoni ________.
Dan hu l-_____ li għamel il-Mulej; ħa nifirħu u nithennew _____!
Imbierek minn _____ f'isem il-Mulej!
Inberkukom minn ______ il-Mulej.
Alla tiegħi ______, jien niżżik ħajr;
Alla tiegħi, jien lilek __________.

UŻA DAWN IL-KLIEM BIEX TIMLA L-ISPAZJI VOJTA

inkabbar weġibtni jagħmilli quddiem dwejjaq Mulej għax
int jum nibża' Iżrael fih tiegħu bnedmin
ġej tiskenn tiegħi Faħħru
dar għajnuna

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Komunità ta' qaddisin

**L-GĦAN**

Il-parteċipanti jifhmu aħjar li:-

- Fil-Quddiesa aħna inkunu qegħdin nagħmlu bħad-dixxipli f'żmien Ġesù – nisimgħu l-kelma tiegħu, nitolbu u nieklu miegħu.

**KONTENUT**

*Nota: Bħala talba tal-bidu, il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jaqbdu jdejn xulxin u jgħidu grazzi lil Alla talli tana l-qassisin li permezz tagħhom ikollna l-Ewkaristija.*

## Ikollok bżonn:

- Talba għas-saċerdoti
- Kliem: Ċelebrazzjoni Ewkaristika,
- Liturġija tal-Kelma,
- Liturġija Ewkaristika
- Stampi tal-partijiet differenti tal-quddiesa
- Stampi ta' oġġetti liturġiċi

X'inhi l-quddiesa?
Xi tfisser tipparteċipa fil-quddiesa?
X'nagħmlu eżatt fil-quddiesa?
Għalfejn il-quddiesa hija festa?

Ħalli lill-parteċipanti jwieġbu.

Il-katekist ħa jfisser x'inhi l-liturġija tal-Kelma u liturġja Ewkaristika.



*"Kull darba li tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom tħabbru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi"* (1Kor 11:26).

**IĊ-ĊELEBRAZZJONI EWKARISTIKA**

Dawn il-kelmiet tal-Appostlu Missierna San Pawl jgħidulna l-għoli u l-fond taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika li tagħmel preżenti l-misteru tal-Mewt u l-Qawmien tal-Mulej.

Aħna rċevejna mit-tradizzjoni tal-Appostli ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Il-fedeltà tagħna lkoll lejn il-ġesti u s-sinjali li jinsġu ċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-misteru kbir, mhux biss tbiegħed it-tentazzjoni tal-protagoniżmu tal-individwi, kemm saċerdoti kif ukoll lajċi, imma tqiegħed il-ġemgħa kollha fit-tradizzjoni liturġika tal-Knisja.

Fi ħdan din it-tradizzjoni qaddisa, aħna nistgħu nifhmu l-moħħ u l-qalb ta' Ġesù filwaqt li nirrepetu dak li darba għamel hu. Awl il-lejl qabel ma bata, Ġesù antiċipa l-misteru tal-Mewt u l-Qawmien tiegħu u ta lid-dixxipli tiegħu l-kmand: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi."

Matul iż-żminijet, il-Komunità Nisranija qatt ma naqset li tħares dan il-kmand tal-Mulej. Fid-dawl ta' dak li l-Mulej ikkmandana nagħmlu b'tifkira tiegħu u fid-dawl tat-tweġiba li tat il-Knisja matul l-istorja tagħha, sa nagħmlu mixja ta' għarfien taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika biex filwaqt li nħarsu t-tradizzjoni li ngħatatilna, ngħadduha bla mittiefsa lil dawk ta' warajna.

Nibdew il-mixja tagħna b'ħarsa lejn l-istruttura tal-istess ċelebrazzjoni Ewkaristika kif waslet għandna mit-tradizzjoni. Jekk immorru lura lejn il-bidu tal-Knisja, insibu struttura komuni għall-Knejjes kollha, kemm dawk tal-Lvant kif ukoll dawk tal-Punent. Din l-istruttura nistgħu naqsmuha hekk:
riti tal-bidu liturġija tal-Kelma (1 Kor 14); liturġija ta' l-Ewkaristija (1 Kor 11: 23-26); riti tat-Tqarbin (1 Kor 10:16-17; 12, 13); riti tal-għeluq.

Nistgħu ninnutaw il-kontinwità taċ-ċelebrazzjoni li waslet sa għandna llum u kif tal-anqas tliet elementi ta' din l-istruttura ċelebrattiva nsibuhom digà fl-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin.

Fl-ewwel tliet sekli tal-Kristjaneżmu, l-ewwel komunitajiet tal-Insara kienu jinġabru biex jiċċelebraw l-Ewkaristija fid-djar tagħhom stess. Fir-raba' seklu, l-ewlenin Insara bdew jiċċelebraw l-Ewkaristija f'dar (domus ecclesiae) imħejjija apposta biex tilqa' fiha l-ġemgħa liturġika taħt it-tmexxija tal-isqof.

www.cakmalta.org/jumilmulej/katekezi_ewkaristija/katekezi2.htm)

**IL-LITURĠIJA TAL-KELMA**

Il-Kelma ta' Alla hija ċċelebrata fil-Liturġija hekk li kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II: Kristu hu preżenti fil-Kelma tiegħu, għaliex huwa hu li jitkellem meta fil-Knisja tinqara l-Iskrittura mqaddsa (ara Sacrosanctum Concilium, 7).

Il-Qari mill-Kotba mqaddsa, bil-kant tas-Salm u l-akklamazzjoni li jakkumpanjawh, jikkostitwixxi l-parti prinċipali tal-Liturġija tal-Kelma; l-omelija, l-istqarrija tal-fidi (il-Kredu) u t-talbiet tal-ġemgħa jew tal-fidili (dawk li jemmnu) jiżviluppaw u jikkonkludu l-Liturġija tal-Kelma. Fil-Qari mfisser fl-omelija, Alla jkellem lill-poplu tiegħu, jurih il-misteru tas-salvazzjoni u joffrilu ikel għal ruħu. (ara Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, 33).

Kienet drawwa tal-Lhud li meta jiltaqgħu flimkien, barra mit-talb jagħmlu wkoll xi qari mill-Kotba mqaddsa li wara kien jitfisser lill-poplu. Naqraw fil-Ktieb ta' Neħemija li Esdra l-qassis ġieb il-Liġi quddiem il-ġemgħa, li kienet magħmula minn irġiel, nisa u oħrajn li setgħu jifhmu dak li jisimgħu u l-poplu kollu kien attent jisma' l-qari tal-Ktieb tal-Liġi. (ara Neh 8: 2-3).

Meta Esdra fetaħ il-ktieb biex jaqra, il-poplu kollu rah jagħmel dan, billi kien qiegħed fil-għoli 'l fuq minn kulħadd. Fis-sinagogi tal-Lhud, il-Kelma kienet tixxandar mill-għoli kif naqraw li għamel Ġesù meta qam biex jaqra fis-sinagoga ta' Nazaret (ara Lq 4: 16-30).

www.cakmalta.org/jumilmulej/katekezi_ewkaristija/katekezi11.htm

**IL-LITURĠIJA TAL-EWKARISTIJA**

Bil-preżentazzjoni tal-offerti tibda l-parti ewkaristika taċ-ċelebrazzjoni. Din it-tieni parti tal-Quddiesa tibda billi l-ewwelnett jitħejja l-altar li huwa ċ-ċentru tal-Liturġija tal-Ewkaristija. Għaldaqstant fuqu jitqiegħed il-Missal (il-ktieb tat-talb tal-Quddiesa), il-korporal (maktur kbir abjad li fuqu jitqiegħdu l-kalċi bl-inbid u l-patena bl-ostji) u l-purifikatur (maktur żgħir abjad għall-użu tal-kalċi).

Billi l-altar, fih innifsu huwa sinjal ta' Kristu u mhux sempliċi mejda li fuqha jitqiegħed kull ma jkun hemm bżonn, tajjeb li dan is-sinjal ikun jidher billi xejn ma jtellef mill-importanza tal-ħobż u tal-inbid. Għaldaqstant ix-xemgħa u l-fjuri jistgħu jitpoġġew fil-ġenb tal-altar u l-aħjar li l-Missal, flok fuq leġiju, jitqiegħed fuq imħadda. Tajjeb ukoll li l-microphone jkun wieħed baxx kemm jista' jkun.

www.cakmalta.org/jumilmulej/katekezi_ewkaristija/katekezi15.htm

## L-Attività

Il-katekist jaqsam lill-parteċipanti fi gruppi ta' erbgħa jew sitta.
Fuq il-whiteboard ikun hemm lista tal-ismijiet tal-oġġetti liturġiċi u l-parteċipanti jridu jqabbluhom mal-istampa li ser juri l-katekist.

Il-katekist ser juri stampi ta' oġġetti liturġiċi.
Il-parteċipanti jridu jaqtgħu l-isem tal-oġġetti.
Kull risposta tajba tiswa' lill-grupp 5 punti.
Jirbaħ minn iġib l-iktar punti.

## Għeluq

Bħala talba tal-għeluq il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jerġgħu jitolbu flimkien lil Alla t-talba għas-saċerdoti.

# 1.5 Ċelebrazzjoni

**L-GĦAN**

- Nifhmu aħjar l-importanza tal-quddiesa billi nispjegaw il-partijiet differenti tagħha.

L-ispjega tal-partijiet differenti tal-quddiesa ħa ssir forma ta' 'Dry Mass'.
L-ambjent tal-kamra jkun armat b'tali mod biex issir 'Dry Mass'. Importanti li jkun hemm mejda fin-nofs bi dvalja fuqha li tirrapreżenta artal.

## Ikollok bżonn:

- Affarijiet biex tarma l-klassi għad-Dry Mass
- Bibbja

**IS-SINJAL TAS-SALIB**
Aħna nibdew iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa bir-radd tas-Salib, li huwa tifkira tal-magħmudija tagħna u stqarrija tal-fidi tagħna fil-misteru tat-Trinità Qaddisa. Huwa s-saċerdot waħdu (jien nafha li tal-bidu ngħiduh ilkoll, huwa tal-aħħar li jgħidu biss is-saċerdot) li jlissen l-ismijiet imqaddsa tat-Tliet Persuni, waqt li l-ġemgħa twieġeb 'Ammen', jiġifieri 'Nemmen'. Wara r-radd tas-salib, is-saċerdot isellem lill-ġemgħa bil-kliem 'Il-Mulej magħkom'. Din it-tislima mhix sempliċi awguri, imma affermazzjoni tal-preżenza ta' Alla fostna.

**L-ATT PENITENZJALI**
Fil-bidu tal-laqgħa tagħna ma' Ġesù, aħna nitolbu maħfra tan-nuqqasijiet tagħna. Ilkoll kemm aħna midinbin. Ma nistgħux ngħidu li aħna bla dnub. Il-Mulej jieħu pjaċir b'dawk li b'umilta' u b'dispjaċir sinċier jistqarru n-nuqqasijiet tagħhom u jitolbu maħfra. Min jisspupervja quddiem Alla ma jsibx ħniena. Anzi, bħala sinjal ta' umiltà quddiem il-Mulej, aħna nħabbtu tliet darbiet fuq sidirna waqt li ngħidu 'ħtija tiegħi, ħtija tiegħi, bl-akbar ħtija tiegħi.' Nagħtu mportanza lill-ħin tas-skiet qabel it-talba ta' maħfra: dan hu ħin biex naħsbu fuq in-nuqqasijiet tagħna. Importanti li nużawh tajjeb.

**IL-GLORJA**
Il-Glorja hija innu ta' tifħir lil Alla antik ħafna. Infaħħru lil Alla bl-istess innu li kantaw l-Anġli fil-lejl qaddis meta twieled Ġesù f'Betlehem. Permezz ta' dan l-innu infaħħru lil Alla l-Missier, Sultan tas-sema li jista` kollox, lil Sidna Ġesu` Kristu bħala l-Ħaruf ta' Alla u lill-Ispirtu s-Santu. Nitolbu dan l-innu flimkien bil-qalb.

**IL-QARI TAL-EVANĠELJU**
Il-mument tal-Qari tal-Evanġelju għandu jkun mument ta' attenzjoni kbira min-naħa tal-kongragazzjoni. Se nisimgħu l-Aħbar it-Tajba, aħbar li trid tagħmel differenza fil-ħajja tagħna. Fl-Evanġelju huwa Sidna Ġesù Kristu nnifsu, il-Kelma tal-Ħajja, li qed ikellimna. Aħna lkoll irridu nagħmlu sforz biex nisimgħu, b'attenzjoni u b'qima kbira, dak li Hu jrid jgħidilna llum. Dan nuruh billi aħna nqumu bil-wieqfa, kemm b'sinjal ta' rispett, u kemm biex nuru li aħna mweldin mill-ġdid bil-qawwa tal-Kelma ta' Alla. Fil-bidu tal-Evanġelju, aħna nagħmlu salib fuq moħħna, fommna u qalbna. Dan ifisser ix-xewqa tagħna li l-Kelma ta' Kristu ddawwal il-ħsibijiet tagħna, il-kliem tagħna u l-azzjonijiet tagħna. Wara l-Evanġelju, inħallu ftit ħin tas-skiet biex nagħtu ċans li l-Kelma ta' Alla tinżel fil-fond tal-qalb tagħna.

Is-saċerdot iħalli ħin ta' skiet bejn il-qari tal-Evanġelju u "Il-Kelma tal-Mulej".

**L-OMELIJA**
L-Omelija hija parti mportanti tal-Quddiesa. Bħalma Gesu kien ifisser il-parabboli lid-dixxipli tiegħu, hekk is-saċerdot jgħin lill-ġemgħa biex tifhem dak li l-Kelma ta' Alla qed tgħidilna għall-ġurnata tal-lum. Ħaġa sabiha li fil-familja, jew anke mal-istess saċerdot, kultant niddiskutu xi punt li jkun laqatna fl-omelija. *Anke wara l-Omelija, ta' min jagħmel ftit ħin ta' skiet biex nirriflettu fuq dak li smajna.*

**IL-KREDU**
Wara li smajna l-Kelma ta' Alla u l-ispjega tagħha, nagħtu t-tweġiba lil Alla bl-istqarrija tal-fidi tagħna. Meta ngħidu l-Kredu, qegħdin nistqarru quddiem kulħadd dak li aħna nemmnu fih. Importanti għalhekk li l-Kredu ma jkunx sempliċiment xi ħaġa li 'ngħidu' bl-amment, imma t-twemmin li aħna qed nippruvaw ngħixu. Waqt il-kliem 'U ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu,' inbaxxu rasna b'qima lejn il-misteru kbir tal-Inkarnazzjoni.

**IT-TALB TAL-ĠEMGĦA**
F'dan il-mument, aħna nagħmlu t-Talb tal-ġemgħa, talb f'isem il-Komunità nisranija kollha. Sidna Ġesù Kristu stess qalilna biex aħna nitolbuh il-bżonnijiet u l-ħtiġijiet tagħna. Permezz ta' dan it-Talb, nesprimu l-fidi tagħna f'Alla li hu Missier ħanin li jipprovdi dak kollu li aħna neħtieġu. Huwa ċ-ċelebrant li jibda u jikkonkludi din it-talba, fil-waqt li l-invokazzjonijiet jistgħu jsiru minn membri tal-kongregazzjoni.

**Il-Purċissjoni tal-Offertorju**
Wara li spiċċajna l-Liturġija tal-Kelma, nibdew il-Liturġija tal-Ewkaristija, billi nressqu l-offerta tal-ħobż u l-inbid lejn l-artal. Fl-antik, f'din il-purċissjoni, in-nies kienu jtellgħu mhux biss il-ħobż u l-inbid li mbagħad jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù, iżda wkoll kull xorta ta' oġġetti li kienu jingħataw għall-bżonnijiet tal-foqra, kif ukoll bħala għajnuna għall-kleru. Dawn kienu jingħataw lis-saċerdot f'dan il-ħin. Aħna llum nagħmlu l-offerta tagħna permezz ta' flus. Din l-offerta hija parti mit-talba tal-quddiesa: offerta żgħira mill-ġid tiegħek, bħala rigal lil Alla. Hija minnha nnfisha talba lil Alla, ġest ta' apprezzament għall-ġid li hu pprovda.

**Il-Konsagrazzjoni**
Fl-ispjega tal-partijiet differenti tal-quddiesa, illum ser nitkellmu dwar il-ħin tal-Konsagrazzjoni li huwa fost l-aktar għeżież waqt il-quddiesa. Huwa l-ħin fejn il-ħobż u l-inbid li ġibna fuq l-artal jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu. Waqt li jifrex idejh fuq l-offerti, is-saċerdot jitlob lill-Ispirtu s-Santu biex iqaddes l-offerti tal-ħobż u l-inbid ħa jsiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. It-tqegħid tal-idejn huwa ġest antik ħafna li jindika l-għoti tal-Ispirtu s-Santu.

Isegwi mbagħad ir-rakkont tat-twaqqif tal-Ewkaristija, fejn is-saċerdot, fil-persuna ta' Kristu, jirrepeti l-kliem għażiż li qal Ġesù waqt l-Aħħar Ċena. Dan hu kliem li s-saċerdot biss jista' jgħid u ħadd ma għandu jirrepeti warajh. Is-saċerdot jgħolli l-ostja kkonsagrata u l-kalċi bid-demm ta' Kristu. Waqt li dawn jiġu mgħollija 'l fuq, il-kongregazzjoni tħares lejhom, u tagħmel att ta' fidi fil-preżenza reali ta' Kristu. Meta s-saċerdot iniżżel il-ostja u l-kalċi, inbaxxu rasna biex nagħmlu att ta' qima lil Alla preżenti realment fostna.

F'dan il-ħin, aktar minn ħinijiet oħra tal-quddiesa, m'għandux ikun hemm ċaqliq jew distrazzjonijiet. Sakemm ma hemmx raġunijiet ta' saħħa, il-pożizzjoni tagħna għandha tkun għarrkobtejna.

**L-Għoti tal-Paċi lil Xulxin**
Għadna kif tlabna għall-paċi u l-għaqda fil-Knisja. Din it-talba tfakkarna li Kristu, fil-lejl qabel ma bata, talab għall-għaqda fost dawk kollha li jemmnu fih. Aħna ningħarfu bħala dixxipli ta' Kristu jekk inħobbu lil xulxin kif ħabbna hu. Għalhekk issa nuru din l-imħabba u l-għaqda bejnietna billi mill-qalb nagħtu l-paċi lil xulxin. Nistgħu nieħdu b'idejn xulxin, biex il-paċi ta' bejnietna tkun tidher b'sinjal aktar qawwi. Niftakru fil-kliem ta' Ġesù li qabel ma nressqu l-offerta tagħna lejn l-artal, l-ewwel irridu nkunu għamilna paċi ma' xulxin.

**Tħejjija għat-Tqarbin**
Fit-talba tal-Ħaruf ta' Alla, nużaw il-kliem li Ġwanni l-Battista stess uża biex juri min kien Ġesù. Naraw lil Ġesù bħala l-Ħaruf issagrifikat għalina, biex ninħelsu minn dnubietna u biex insiru ħbieb mill-ġdid ma' Alla. Waqt li tingħad din it-talba, is-saċerdot jaqsam l-Ostja

kkonsagrata li biha jkun ser jitqarben u jitfa' parti żgħira minnha fil-Kalċi. Il-qsim tal-Ħobż jissimbolizza l-mewt tal-Ħaruf, li qed jingħata għalina. Juri wkoll, li fit-tqarbin, aħna nieħdu sehem mill-istess Ġisem ta' Kristu.
Wara dan, nitolbu talba oħra, ispirata mill-Iskrittura, bi tħejjija għat-tqarbin, dik it-talba li ċ-ċenturjun qal lil Ġesù meta talbu biex ifejjaqlu lill-qaddej tiegħu. Tassew li ebda wieħed minna ma jistħoqqilna li nirċievu lil Ġesù ġo fina. Aħna nitqarbnu frott tal-grazzja u tal-imħabba ta' Alla. Kemm għandna nersqu għal dan is-sagrament b'umiltà, b'devozzjoni u b'imħabba!

**It-Tqarbin**
Issa huwa verament il-mument fejn "Induqu u naraw kemm hu tajjeb il-Mulej" – il-ħin fejn se nirċievu lil Ġesù Ewkaristija, il-Ħobż li jagħtina l-ħajja. Dan għandu jkun għalina mument ta' talb profond, ta' djalogu ma' Ġesù, ta' għaqda, ħbiberija, imħabba kbira miegħu. Nevitaw kull distrazzjoni. Il-mod kif inġibu ruħna f'dan il-ħin għandu juri li aħna nemmnu li Ġesù huwa verament preżenti fl-Ewkaristija u verament preżenti fina li nersqu għat-tqarbin.
Meta niġu quddiem is-saċerdot jew il-ministru tat-tqarbin, hu jgħidilna: 'Il-Ġisem ta' Kristù.' Aħna nwieġbu b'mod li jinstema': 'Ammen'. Niftħu jdejna b'mod li l-pala tal-id ix-xellugija tkun fuq il-leminija. Is-saċerdot ipoġġi l-Ostja Kkonsagrata fuq idejna. Nagħmlu pass wieħed fil-ġenb u bl-id il-leminija npoġġu l-ostja f'ħalqna. Irridu nibqgħu f'pożizzjoni fejn is-saċerdot jarana npoġġu l-Ostja f'ħalqna.
Mhux meħtieġ li wara t-tqarbin nagħmlu reverenza, aktar u aktar meta din ir-reverenza ma tkunx sħiħa. L-importanti hu li mmorru f'postna u għarrkubtejna jew bil-qegħda, nitolbu, inkantaw, infaħħru u nirringrazzjaw lil Sidna Ġesù Kristu.

**Wara t-Tqarbin**
Wara t-Tqarbin għandna nkomplu t-talb tagħna f'atmosfera ta' skiet u ġabra. Fil-ħin tas-skiet, aħna nistgħu niftħu qalbna b'mod aktar sħiħ ma' Ġesù, nistgħu nitolbuh, u wkoll, inħalluh ikellimna, inħalluh iweġibna. Importanti ħafna s-skiet u l-ġabra f'dan il-ħin. Ma ntellfux lil xulxin minn dan il-ħin ma' Ġesù.

F'dan il-waqt ukoll, ngħidu t-Talba ta' Wara t-Tqarbin li xi drabi tkun ispirata mill-Evanġelju tal-ġurnata, jew drabi oħra mill-ktieb tal-kant. Din it-talba għandha tkun mudell għat-talb personali tagħna.

**Talba tal-aħħar**
Is-saċerdot jagħmel l-aħħar talba tiegħu lil Alla f'isem il-ġemgħa. Fl-aħħar is-saċerdot ibierek lill-ġemgħa billi jitlob lil Alla jberikom f'isem it-Trinità Qaddisa. Huwa s-saċerdot waħdu li jlissen l-ismijiet imqaddsa tat-Tliet Persuni, waqt li l-ġemgħa twieġeb 'Ammen', jiġifieri 'Nemmen'. Wara r-radd tas-salib, is-saċerdot isellem lill-artal u jidħol lura fis-sagristija. Importanti li nistennew lis-saċerdot jidħol fis-sagristija qabel ma aħna noħorġu l-barra mill-knisja.

Unità 2

# Niskopru L-Ewkaristija

**Skop tal-unità**
Il-parteċipanti jifhmu xi ftit kemm l-Ewkaristija hija importanti fil-ħajja ta' kuljum.

Hemm il-bżonn li nieħdu sehem attiv. Dan ifisser li ngħixu dak li nkunu smajna u rajna waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Meta noħroġ mill-Knisja ma spiċċatx il-Quddiesa, issa rrid nibda naħdem u npoġġi fil-prattika dak li nkun smajt.

Nikbru flimkien

# 2.1 Il-Ħajja ta' Kuljum

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti ser jindunaw li huma jistgħu jieklu tipi differenti ta' ikel u li bejn dawn it-tipi differenti ta' ikel iridu jagħmlu l-għażliet tagħhom bil-għaqal. Issa aħna għandna ikel speċjali għar-ruħ tagħna, li huwa l-Ewkaristija. Ġesù qabel ma miet ħallilna lilu nnifsu fis-Sagrament tal-Ewkaristija. Ħa naraw ftit xi tfisser iktar l-Ewkaristija u s-sens tal-qadi meta Ġesù ħasel saqajn l-appostli.

**L-GĦAN**
- Il-parteċipanti ser jindunaw li huma jistgħu jieklu tipi differenti ta' ikel.
- Jitgħallmu jagħmlu l-għażliet tagħhom bil-għaqal.

## Ikollok bżonn:

- Stampi ta' ikel *healthy* u ieħor li mhux *healthy*
- Captions
- cd u Cd Player
- captions
- tazzi, platti, frott tal-plastic
- poeżija: Tifel Żaqqieq

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## L-ikel differenti fil-ħajja ta' kuljum

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù jiena għandi ħafna ikel tajjeb. Imma naf ukoll li hemm ħafna tfal bħali li m'għandhomx ikel tajjeb bħal ma għandi jiena. Ġesù nixtieq naqsam dak li għandi ma' dawn it-tfal biex huma wkoll ikollhom affarijiet tajbin bħal ma għandi jiena.*

**KONTENUT**
Waslet il-ġurnata tal-festa. Jonathan kien ilu jistenna li tasal il-festa. Billi kien is-sajf ma kellux skola u allura seta' jgawdi l-festa kemm irid. Lejliet il-festa mar għall-marċ u wara baqa' jara n-nar mal-mama u l-papa tiegħu. Il-papa qal, "Kemm nieħu gost nara n-nar, l–aqwa li ma jkunx hemm esaġerazzjoni." Il-mama qalet "Ankè jiena nieħu gost fil-festa." Jonathan ma tkellem xejn ... Hu kien iħobbha l-festa imma l-aktar li kien jieħu gost kien meta jara dak il-ħafna ikel ... kien jixtri ... xi ġelat... jew xi burger... kien iħobb il-candy floss u xi borża chips ma kienitx tonqos. Il-pastizzi kien jiekolhom ukoll, insomma kien jimla żaqqu sewwa.

Jonathan beda l-ġurnata tajjeb billi fil-għodu qam ftit kmieni u lesta biex imur il-Knisja. Hu kien abbati u allura ried jieħu sehem fil-quddiesa. Kien jieħu gost jagħti sehemu imma xi kultant minħabba s-sħana kien jiddejjaq xi ftit. Imma xorta kien imur.

Wara l-Quddiesa mar id-dar u billi kienet ġejja n-nanna u xi zijiet, allura għin ftit lill-mama tlesti dak li kien meħtieġ għal nofs inhar.

Wara li kielu talab lill-ġenituri biex joħroġ ftit mal-ħbieb. Imma hawn beda l-inkwiet għax Jonathan meta kien jara l-ikel ma kienx jaf jgħid biżżejjed. Beda jixtri kull ma jara: chips u burgers... candy floss u pakketti tal-ħelu... xi erbgħa pastizzi ma naqsux ... xtara xi żewġ flixken luminata ... insomma ma kienx jaf jieqaf.

Meta sar l-ħin mar id-dar u biddel biex jieħu sehem fil-purċissjoni. Veru kien libes pulit fil-purċissjoni ... Wara l-purċissjoni mar id-dar u raqad raqda kbira sa' fil-għodu ... għax fil-għodu ried iqum kmieni biex imur il-baħar mal-mama. Il-ħbieb tiegħu kollha kienu ser ikunu hemm. Kien jaf kemm kienu ser jieħdu gost jilgħabu flimkien u kemm kienu ser jgħumu.

Imma malli l-mama ġiet biex tqajmu Jonathan beda jinduna li kellu xi ħaġa mhux tajba. Kellu uġigħ kbir fl-istonku tiegħu. Il-mama tgħidx kemm inkwetat u bdiet taħseb x'seta' kellu Jonathan. F'daqqa waħda indunat li Jonathan ma kellu xejn speċjali!

Tafu x'kellu Jonathan? Min jaf x'kien ġralu? (Ħalli lit-tfal jitkellmu u jgħidu x'jaħsbu)

Il-mama billi kienet taf kemm kien żaqqieq Jonathan, staqsietu mistoqsija waħda!

Tafu xi staqsietu l-mama lil Jonathan? (Ħalli lit-tfal jitkellmu u jgħidu x'jaħsbu)

Sewwa qed taħsbu. Qaltlu "Jonathan, il-bieraħ meta ħriġt ma' sħabek x'kilt?"
Jonathan qalilha "U ma, x'taħseb li kilt? Ara kilt borża chips li kienu tajbin ħafna, u wara flixkun luminata kiesħa. Imbagħad bilħaqq xtrajt candy floss... eh.. u kien hemm tal-pastizzi u xtrajt tnejn tal-pizelli u tnejn tal-irkotta ... għandu jkun dawk kull ma xtrajt ... ħeqq ... flus ma kienx baqgħali ... xtaqt nixtri sausage roll ... imma ..."

Il-mama xtaqet tagħti tagħlima lil Jonathan. "Jonathan naħseb li naf xi ġralek... inti l-bieraħ kilt ħafna u llum għandek l-istonku juġgħek ... ma' għandek xejn speċjali ... imma ma tistax tiġi l-baħar magħna ... allura inti oqgħod hawn man-nanna u jiena u oħtok sejrin il-baħar kif ftehemna l-bieraħ ..."

Jonathan xejn ma ħa gost b'dak li qalet il-mama u talbha biex ma tmurx il-baħar dak inhar imma tmur l-għada biex hu wkoll ikun jista' jmur ... imma l-mama kienet ġa ftehemet maz-zija Maria u allura qaltlu li huma kienu sejrin ... "Darba oħra oqgħod attent ... ara x'ser tiekol... tiekolx iżżejjed ... u tkun tista' tiġi magħna."

U Jonathan kellu joqgħod id-dar, waqt li oħtu u ommu marru l-baħar u ħadu ħafna gost.

**DISKUSSJONI**
Semmi xi affarijiet li għamel Jonathan
Kieku inti kif taqsam dak li għamel ... Jonathan
Kollox kien tajjeb ? Semmi t-tajjeb ...
Kollox kien ħażin? Semmi l-ħażin.....
Xi ġralu kif qam l-għada fil-għodu?
Ħa pjaċir meta ma setgħax imur il-baħar mal-mama? Għaliex?

Mela jien nista' ngħid: Li l-ikel jista' jkun tajjeb fit-togħma, imma mhux bil-fors ikun tajjeb għal saħħitna.

## L-Attività

Inħarsu lejn l-istampi / ikel tal-plastic li għandna fuq il-mejda… u ikel tajjeb / healthy food.
(Importanti li l-katekist jagħti kas jekk hemm xi ħadd mit-tfal li huwa dijabetiku jew celiac jew għandu xi kundizzjoni oħra u ma jistax jiekol kollox. Importanti li fuq il-mejda ikun hemm ikel addattat għalihom ukoll fin-naħa tal-healthy food.)

Ħalli lill-parteċipanti jikkummentaw…
Aqsam il-mejda fejn hemm l-ikel fi tnejn u agħti ċans lill-parteċipanti jaqsmu l-ikel fi gruppi.
(Faċli li taqsam il-mejda billi tagħmel zigarella b'mod vertikali minn fuq għal isfel.)
Staqsi għaliex l-ikel qassmuh b'dak il-mod.
Ħallihom jitkellmu…..
Oħroġ il-fatt li hemm ikel li hu healthy għalina u hemm ikel li mhux healthy.

## Għeluq

Il-katekist jitkellem mal-parteċipanti dwar dak li jkunu għamlu f'din il-laqgħa flimkien. Qabel ma tispiċċa l-laqgħa l-parteċipanti jintalbu biex fil-laqgħa li jmiss iġibu Bibbja.

## Poeżija - It-tifel żaqqieq

Toninu mar il-festa
bil-pony ġdid li xtara
kien hemm folol u bandieri
u baned jimmarċjaw.

Kemm xtara luminati
pastizzi u qassatat
il-flus tal-karus nefaq
qubbajt, pastizzi u ġelat.

L-għada Toninu ma marx skola
Toninu qam marid.
Kiel wisq għamillu d-deni
b'hekk tgħallem jiekol ftit.

*Nota: Wara li tinqara din il-poeżija mat-tfal jittiekel l-ikel li jkun inġieb mill-parteċipanti. Importanti ħafna li l-ikel li ser jittiekel biss ikun ikel ta' veru. L-ikel li mhux healthy jkun jew stampi jew plastik.*



**B. It-Tieni Laqgħa**

## L-Ikel u l-Ewkaristija

**L-GĦAN**

- Nagħmlu differenza bejn Ikel u Ewkaristija.
- Ġesu qabel ma miet ħallilna lilu nnifsu fis-Sagrament tal-Ewkaristija.
- Il-parteċipanti diġà jafu dan il-fatt imma nippruvaw nagħmlu aktar enfasi biex jifhmu xi ftit aħjar.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù aħna qegħdin insiru nafuk dejjem aktar. Ta' dan nixtiequ ngħidulek grazzi. NixtieqHu nitolbuk biex ikun hemm aktar nies kbar li jkunu jistgħu jgħallmu lil ħafna tfal li ma għandhomx min jgħallimhom.*

**KONTENUT**

*Nota: Agħżel sitt parteċipanti biex jieħdu sehem f'din l-isketch. Spjega l-affarijiet li ser jintużaw fl-isketch: xugaman ... fliskatur ... buqar mingħajr ilma ... fardal ... mejda rranġata.*

## Ikollok bżonn:

- Cd u Cd Player.
- Kliem tas-song li tkun ser titkanta.
- stampa tal-Aħħar Ċena, jew clip tal-Aħħar Ċena mill-film: Jesus of Nazareth
- xugaman
- fliskatur
- buqar mingħajr ilma
- fardal
- mejda bi ftit platti tal-karti jew plastic... xi tazzi u ftit frott tal-plastic.
- video clip ta' żjara fil-knisja tal-lokal
- Bibbji għal dawk il-parteċipanti li ma jġibux waħda magħhom fil-lezzjoni.


l-ikel
u l-Ewkaristija

Standing in the Need of Prayer Cedarmont Kids

**It's me, it's me, it's me, O Lord,**
**Standing in the need of prayer.**
**It's me, it's me, it's me, O Lord,**
**Standing in the need of prayer.**

Not my father, not my mother,
but it's me, O Lord,
Standing in the need of prayer.
Not my sister, not my brother,
but it's me, O Lord,
Standing in the need of prayer. **R/.**

Not the people that are shouting,
but it's me, O Lord,
Standing in the need of prayer.
Not the members I've been doubting,
but it's me, O Lord,
Standing in the need of prayer. **R/.**

Not the preacher, not the sinner,
but it's me, O Lord,
Standing in the need of prayer.
Not the deacon, not the teacher,
but it's me, O Lord,
Standing in the need of prayer. **R/.**

22

Ikteb fi kliemek l-istorja tal-Aħħar Ċena

Ikteb x'jolqtok f'din l-istorja

23

# Sketch - L-Aħħar Ċena

| | |
|---|---|
| Pietru | Ġwanni, qiegħed tinduna kemm Ġesù jidher inkwetat? Tgħid ġralu xi ħaġa? |
| Ġwanni | Veru Pietru ilu minn dalgħodu ... qisu jrid jgħidilna xi ħaġa ... |
| Ġesù | Aħjar nibdew naħsbu għall-festa. Ma nistax immur inlesti jien. Hawn ħafna nies li jridu jisimgħu xi storja . Kemm jieħdu gost jisimgħu ... nixtieq li kulħadd jiġi biex jisma' ... b'hekk ħafna nies isiru ħbieb ta' Alla. Iva naf x'nagħmel. (Ġesù jħares lejn Pietru u lejn Ġwanni) Pietru ... Ġwanni .. isimgħu ftit please. |
| Pietru | Hawn Mgħallem sejjaħtli? |
| Ġesù | Iva Pietru.. Inti u Ġwanni, tistgħu tmorru sal-Belt u tlestu l-kamra fejn ser nieklu flimkien fil-festa? |
| Ġwanni | Hawn Ġesù, iva iva żgur li mmorru. Ejja Pietru ħaffef ftit. |
| Narratur A | Pietru u Ġwanni jmorru Ġerusalemm u jibdew ilestu biex fil-għaxija Ġesù u l-appostli l-oħra jieklu flimkien l-Ikla importanti tal-Għid. |
| | (Pietru u Ġwanni jduru mal-mejda jlestu platti u tazzi u frott tal-plastic f'posthom) |
| Narratur B | Jidħlu Ġesu u l-appostli u jgħidu t-talba ta' qabel l-ikel. |
| | (Ġesù u l-appostli jbaxxu rashom u joqgħodu fis-skiet.) |
| Narratur Ċ | Ġesu qagħad jitkellem mal-appostli. |

(Ġesu joqgħod jitkellem mal-appostli).

---

Staqsi lill-parteċipanti. Tihom ċans jitkellmu.
Meta taħsbu li ġrat din l-istorja?
X'taħsbu li ser jiġri issa fl-istorja?

Il-katekist juri lill-parteċipanti fejn insibu din l-istorja fil-Bibbja. Mhux kull parteċipant jaf kif ifittexx passaġġ mill-Bibbja. Għalhekk importanti li jiġi spjegat sew.

Insibu 4 rakkonti tat-Twaqqif tal-Ewkaristija:
Mattew 26 v 26 - 29
Luqa 22 v 15 - 23
Mark 14 v 22 – 25
1 Kor 11 v 23 - 26
Il-parteċipanti diġa jafuha din l-istorja.

Stieden lil wieħed mill-parteċipanti biex jaqra silta minnhom.

Agħmel referenza fuq il-kliem li qal Ġesù lill-appostli "Ħudu u kulu dan huwa ġismi ... ħudu u ixorbu għax dan huwa demmi"

Staqsi lill-parteċipanti:
X'ġara hawn?
X'kien għamel Ġesù?
(Ħalli lill-parteċipanti jgħidu x'jaħsbu)

Intom tafu li dak il-ħin Ġesù tana lilu nnifsu fl-Ewkaristija bħala ikel u xorb?
L-ostja ma baqgħetx ħobż imma saret il-ġisem ta' Ġesù.
L-inbid ma baqax inbid imma sar id-demm ta' Ġesù.

Qadi lil xulxin
Fl-Evanġelju ta' San Ġwann, jirrakkonta l-episodju tal-Aħħar Ċena b'mod differenti mir-rakkonti l-oħrajn. San Ġwann jenfasizza l-bżonn tal-qadi lil xulxin.

# Sketch - Il-Ħasil tas-Saqajn

Narratur: Wara li Ġesù kien qiegħed fuq il-mejda flimkien mal-appostli, qam minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar, ħa fardal u dawru ma' qaddu, tefa' l-ilma f'żingla u beda jaħsel saqajn l-appostli.

(Ġesù jaħsel saqajn it-tnax-il appostlu).

## L-Attività - Żjara fil-knisja

Il-parteċipanti huma mistiedna biex jagħmlu familjarizzazzjoni mal-knisja kif ukoll ma x'suppost wieħed jagħmel meta jmur il-knisja.

Jekk hu possibli l-parteċipanti jittieħdu fil-knisja tal-lokal. Fejn dan mhux possibli, jintwera l-feature ta' xi ħadd li qed jidħol fil-knisja.

Fil-feature ser ikun hemm xi ħadd li l-ewwel imur jara l-vara u joqgħod jitpaxxa biha, imbagħad jara kemm hi sabiħa l-knisja u mbagħad imur ħdejn Ġesù fit-tabernaklu. Ikun hemm xi ħadd li jiġbidlu l-attenzjoni lil dan it-tifel u jgħidlu kif għandu jagħmel meta jidħol fi knisja. Kif tidħol il-knisja agħlaq il-bieb bil-mod, agħmel ġeneflissjoni, uża l-ilma mbierek, mur għarkubbtejk u agħmel vista/għid talba. Wara nibdew naraw il-knisja...

## Għeluq

Il-katekist bħala talba tal-għeluq juża din it-talba: Ġesù grazzi tal-katekisti tagħna li joffru ħinhom biex jgħallmuna fuqek. Kemm jieħdu paċenzja bina. Jekk hemm xi tfal daqsna li ma'għandhomx katekista   please ibgħatilhom min jgħallimhom. U għażel  minn fostna tfal biex meta jikbru jibdew jgħallmu fuqek.

# 2.2 Imħabba lejn l-oħrajn

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti jindunaw li l-Ewkristija tkompli meta joħorġu mill-Knisja. Fl-aħħar tal-Quddiesa l-qassis jgħidilna "Morru fil-paċi ta' Kristu." Permezz ta' diskussjoni l-parteċipanti ħa jiddiskutu kif ħassewhom l-aħħar darba li ħadu sehem fil-quddiesa biex jagħrfu li dak li semgħu issa jridu jibdew jagħmluh fil-prattika. B'hekk titfisser aħjar kif jistgħu jgħixu fil-paċi ta' Ġesù fil-ħajja tagħhom.

**L-GĦAN**

- Il-parteċipanti jindunaw li l-Ewkristija tkompli meta jiena noħroġ mill-Knisja.
- Fl-aħħar tal-Quddiesa l-Qassis jgħidilna "Morru fil-paċi ta' Kristu."

## Ikollok bżonn:

- clip bl-aħħar parti tal-Quddiesa
- stampi
- video ta' servizz waqt il-Quddiesa
- cd/ Cd player
- Cd b'kant waqt il-Quddiesa

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-Paċi

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù sikwit nisma' l-kelma "PAĊI" ...*
*il-kbar jitkellmu sikwit fuq din il-kelma.*
*Imma ngħidlek il-veru ma tantx naf xi tfisser.*
*Lilna jgħidulna biex meta niġġieldu nagħmlu paċi għax Ġesù hekk irid u aħna hekk nagħmlu... Ġesù please għin lill-kbar biex huma wkoll jagħmlu paċi kif jgħidu lilna.*

**KONTENUT**
Permezz ta' storja jew stampi jew mużika spjega l-kelma Paċi. Aktarx trid turi meta nħossni fil-paċi u meta le... Il-Paċi iġġib il-ferħ... il-kalma...

Uża simboli li juru s-sens ta'paċi bħal ħamiema, qawsalla, baħar kalm, eċċ.

Tista' tuża stampi ta' uċuħ ta' nies ferħanin u oħrajn ta' nies li jidhru imdejqin... Tank tal-gwerra u bini mwaqqa...

**JIENA ĦADT SEHEM FIL-QUDDIESA.**
Staqsi lill-parteċipanti:
Kif ħassejtek l-aħħar darba li ħadt sehem fil-Quddiesa? Agħti ċans lill-parteċipanti jesprimu ruħhom. Forsi mhux kulħadd ħassu ferħan...

**Ħassejtni ferħan**
Għaliex? Jista' jkun li jiena nħobb il-kant u l-knisja jkun hemm il-kant.
Jista' jkun li jiena naf indoqq xi strument u l-Kappillan jew il-katekist talabni biex indoqq u jien ħadt pjaċir.

Forsi s-Superjura talbitni nitla naqra l-lezzjoni jew xi talba  bħat-talba tal-komunità jew ta' maħfra. Jista' jkun li jiena abbati u llum jiena għint lill-qassis fil-Quddiesa.

Jista' jkun li jkun hemm il-ħbieb u nieħu gost noqgħod magħhom (imma mhux noqgħodu nitkellmu).

**Ħassejtni imdejqa**
Għaliex? Forsi ħallejt xi nkwiet id-dar.
Il-quddiesa tinħass monotona.
Hemm xi ħadd marid id-dar.
Tensjoni bejn il-ġenituri... (f'din l-età t-tfal jibdew jifhmu li hemm xi problemi)
Iddejjaqt  għax il-Quddiesa twila.
Ma stajtx nifhem dak li kien qed jgħid il-father, kien tqil wisq.Jiena kont xi ftit ma niflaħx.

## L-Attività

Il-parteċipanti jkunu mistiedna biex jagħmlu poster bit-tema 'Il-Paċi'. F'dan il-poster il-parteċipanti ser jesprimu xi tfisser għalihom il-paċi. Dan il-poster għandu jitwaħħal fil-klassi fejn jitgħallmu l-parteċipanti.

## Għeluq

Bħala għeluq għal din il-lezzjoni, il-katekist jistieden lill-pateċipanti biex f'atmosfera ta' talb jgħidu xi tfisser għalihom il-kelma 'Paċi'. Jibda l-katekist billi jgħid: Ġesù fil-bidu tal-lezzjoni tlabnik biex tfissrlina xi tfisser il-kelma Paċi. Issa fhimna xi ftit aktar xi tfisser.

Kull parteċipant jgħid xi tfisser għalih il-kelma 'Paċi'. Jekk ikun hemm xi parteċipanti li jeħlu, il-katekist għandu jgħinhom biex jitkellmu u mhux jaqbiżhom. Eżempju:    Kylie tgħid:     Paċi tfisser inkun ferħana.  Maria tgħid:       Paċi tfisser inkunu ħbieb ma' xulxin. It-talba tagħlaq billi flimkien ngħidu AMMEN.


2.2

Imħabba lejn l-oħrajn

Down in my Heart

I have the joy, joy, joy, joy,
Down in my heart, (where?)
Down in my heart, (where?)
Down in my heart,
I have the joy, joy, joy, joy,
Down in my heart, (where?)
Down in my heart to stay.

And I'm so happy, so very happy
I have the love of Jesus in my heart.
And I'm so happy, so very happy
I have the love of Jesus in my heart.

I have the love of Jesus, love of Jesus,
Down in my heart, (where?)
Down in my heart, (where?)
Down in my heart,
I have the love of Jesus, love of Jesus,
Down in my heart, (where?)
Down in my heart to stay.

And I'm so happy, so very happy
I have the love of Jesus in my heart.
(down in my heart)
And I'm so happy, so very happy
I have the love of Jesus in my heart.

I have the peace
that passes understanding
Down in my heart,
Down in my heart,
Down in my heart,
I have the peace
that passes understanding
Down in my heart,
Down in my heart to stay.

And I'm so happy, so very happy
I have the love of Jesus in my heart.
And I'm so happy, so very happy
I have the love of Jesus in my heart.

I have the wonderful love
of my precious redeemer,
Way down in the depths of my heart,
Down in my heart, (where?)
Down in my heart, (where?)
I have the wonderful love
of my precious redeemer,
Way down in the depths of my heart,
Down in my heart to stay.

And I'm so happy, so very happy
I have the love of Jesus in my heart.
(down in my heart)
And I'm so happy, so very happy
I have the love of Jesus in my heart
I have the love of Jesus in my heart
I have the love of Jesus in my heart.

24

Xi tfisser għalik il-paċi?

Il-Paċi!

Agħti l-Kulur

Pinġi stampa li għalik tfisser 'paċi'

25

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Naqdi lill-oħrajn

**L-GĦAN**

- Il-parteċipanti jindunaw li l-Ewkaristija tagħtina l-qawwa biex naqdu lill-oħrajn għax fihom hemm Ġesù.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù sikwit nisma' b'xi ħadd li jinsab marid ħafna u ma jistax joħroġ mid-dar. Għinni biex niftakar ħalli nitlob għalih. Għinni wkoll ħalli nurih li jien jinteressani fih u li ma nsejtux għax bħalisa mhuwiex joħroġ.*

**KONTENUT**

Staqsi lill-parteċipanti:
X'nista' nisma' fil-Quddiesa?
X'nista' nara fil-Quddiesa?
Agħti ċans lill-parteċipanti jesprimu ruħhom.

Il-parteċipanti jistgħu jwieġbu:
X'nista' nisma? storja ta' xi ħadd li għamel xi ħaġa sabiħa, xi storja mill-Bibbja li għoġbitni...
X'nista' nara? xi ħabiba li ma tiddejjaqx titla taqra; xi ħabib tela' bl-offerti l-ewwel darba u nixtieq nitla' jiena bħalu....

## Ikollok bżonn:

- clip bl-aħħar parti tal-Quddiesa
- stampi
- video ta' servizz waqt il-Quddiesa
- cd/ Cd player
- cd b'kant waqt il-Quddiesa



Naqdi lill-oħrajn

Jesus wants me for a sunbeam — Cedarmont Kids

Jesus wants me for a sunbeam,
To shine for him each day;
In every way try to please him,
At home, at school, at play.

A sunbeam, a sunbeam,
Jesus wants me for a sunbeam;
A sunbeam, a sunbeam,
I'll be a sunbeam for him.

Jesus wants me to be loving,
And kind to all I see;
Showing how pleasant and happy
His little one can be.

A sunbeam, a sunbeam,
Jesus wants me for a sunbeam;
A sunbeam, a sunbeam,
I'll be a sunbeam for him.

I will ask Jesus to help me,
To keep my heart from sin;
Ever reflecting His goodness,
And always shine for him.

A sunbeam, a sunbeam,
Jesus wants me for a sunbeam;
A sunbeam, a sunbeam,
I'll be a sunbeam for him.

I'll be a sunbeam for Jesus;
I can if I but try;
Serving him moment by moment,
Then live with him on high.

A sunbeam, a sunbeam,
Jesus wants me for a sunbeam;
A sunbeam, a sunbeam,
I'll be a sunbeam for him.

Id-dar

fil-klassi

Ikteb x'għandek tagħmel biex tkun fil-paċi f'dawn il-postijiet

fil-bitħa

fil-ħin liberu

27

# L-Istorja ta' Faith

Kien il-Ħadd u Faith marret il-Quddiesa fil-Knisja tal-lokal. Dak in-nhar l-Evanġelju kien jirrakonta l-episodju ta' meta Marija marret għand Eliżabetta.
(Tista' taqra l-parti meta Marija marret għand Eliżabetta u sellmu lil xulxin. Mhemmx għalfejn tidħol fil-Manifikant wkoll)

Waqt li l-Father beda jfisser l-Evanġelju, hi bdiet taħseb fuq kemm Marija kienet qalbha tajba tant li marret tgħin lil Eliżabetta.

Faith bdiet tħares lejn dik l-anzjana li kien hemm il-knisja fuq l-ewwel bank li avolja anzjana xorta ġiet il-knisja minkejja li bi tbatija.

Fit-talb tal-komunità talbet għall-ġara tagħha, mara anzjana imma marida, li peres li hija marida ħafna ma tistax toħroġ mid-dar.

Faith tassew ħassitha ferħana u fil-paċi. "Kemm jiena ferħana. Nixtieq li llum u dejjem nibqa ferħana bħal issa."

Xtaqet li dan il-ferħ tieħdu magħha d-dar....l-skola... waqt il-logħob....
Xtaqet tgħin lil dik il-persuna li talbet għaliha.

Hi bdiet taħseb 'x'nista' nagħmel issa?'

**Diskussjoni**
Staqsi lill-parteċipanti: Faith bdiet taħseb fuq x'għandha tagħmel biex tkun ferħana.
Issa kieku jkolli nistaqsi lilkom:
X'għandi nagħmel biex inkun ferħan d-dar?
X'għandi nagħmel biex inkun ferħan l-iskola?
X'għandi nagħmel biex inkun ferħan waqt il-logħob?
X'għandi nagħmel biex ngħin lil dik il-persuna li tlabt għaliha fil-quddiesa?
Ħalli lill-parteċipanti jitkellmu.

Il-parteċipanti jistgħu jwieġbu:

*Meta nkun id-dar ħa nipprova nobdi aktar, ngħid il-verità, ngħin fix-xogħol tad-dar, nħalli l-kamra pulita, eċċ.*
*Meta nkun l-iskola ħa nipprova noqgħod aktar attent, nobdi aktar lill-għalliema, nikteb pulit mhux imħanżer, eċċ.*
*Meta nkun waqt il-logħob ħa nipprova nilgħab bil-fair, ħa nipprova ma ngħajjarx lil min qed jilgħab kontrija, eċċ.*
*Għal dik il-persuna li tlabt għaliha ħa nippova immur nittawlila xi ftit bil-permess tal-mama jew inċemplilha, nibgħatilha xi card, eċċ.*

# L-Attività

Il-parteċipanti ser jiġu mistiedna biex jagħmlu kartolina u/jew ittra lil xi ħadd li nafu li qiegħed marid id-dar jew f'xi sptar jew lil xi nies li qegħdin fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Jista' jkun hemm fil-klassi jew fir-raħal/belt tfal li huma morda fit-tul u għalhekk il-katekist jista' jgħid lit-tfal biex tintbgħat kartolina lilhom. Jista' jkun li l-kartolina tintbgħat lil min qed jieħu ħsieb dawn it-tfal, bħall-ġenituri tagħhom.

# Għeluq

Il-katekist jorganizza prayer meeting fejn il-parteċipanti jitolbu għal dik il-persuna li għamlulha l-kartolina. Il-parteċipanti jistgħu jkunu mitluba jġibu xemgħa li tiġi mixgħula waqt dan il-prayer meeting u fi drabi oħra matul is-sena (il-katekist għandu jara jekk din il-ħaġa hix possibli għall-klassi tiegħu).

# 2.3 Inħobb lil Ġesù

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti ser jindunaw li  biex inħobb lil Ġesù jiena irrid nagħmel dak li għallimni  hu għax Ġesù qalilna  "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jiena." Dak li jiena rrid li xi ħadd jagħmel lili, jien rrid nagħmlu lill-oħrajn. Mhux dejjem faċli li jiena nħobb lil Ġesù billi nħobb lill-proxxmu. Ħafna drabi jkun diffiċli. Imma Ġesù qalilna biex nitolbuh u hu jgħinna.

**L-GĦAN**
- Il-parteċipanti ser jindunaw li biex inħobb lil Ġesù jiena irrid nagħmel dak li għallimni  hu.  "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jiena."

### Ikollok bżonn:
- whiteboard
- whiteboard marker
- cd u Cd player

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Inħobb lil Ġesu u lill-oħrajn

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù   aħna tgħallimna li għandna inħobbuk. Imma xi kultant kemm tkun diffiċli din il-ħaġa.  Mhux dejjem ikolli aptit  nagħmel dak li  tixtieq inti.  Ġesù meta naraha diffiċli fakkarni u għini ħalli nagħmel dak li trid inti.*

**STORJA**
Wieħed tifel jismu Karl  beda jigdeb fuq il-ħabib tiegħu Cain. Meta Cain sar jaf li Karl kien qiegħed jigdeb  fuqu, tgħidx kemm iddispjaċih għax hu kien jaħseb li Karl kien ħabib tiegħu. Aymen tifel ieħor fil-klassi, meta sar jaf beda jgħid lil Cain li issa hu jmissu jivvinta gidba fuq Karl u jpattielu.  Cain ħa pjaċir  u beda jaħseb kif ser ipattieha lil Karl. Ġih il-ħsieb li meta jkunu l-iskola jieħu xi ħaġa ta' Erika  u jaħbiha fis-satchel ta' Karl.  It-teacher kienet ssibha fis-satchel ta' Karl u jeħel li ħadha Karl.  Hekk ikun pattiha lil Karl.

Imma tafu x'ġara?
Ħalli lit-tfal jaħsbu u jgħidu x'jaħsbu li ġara.

Fil-għaxija mar il-quddiesa man-nanna u waqt l-Evanġelju sema l-istorja ta' dak il-qaddej li wara li sidu ħafirlu ħafna affarijiet, hu ma ridx jaħfer  lil ħabib tiegħu  ftit affarijiet.  Qabel ma raqad, Cain intefa' fuq is-sodda u beda jaħseb.

Min ser jgħidli x'beda jaħseb Cain?
Ħalli lit-tfal jgħidu x'jaħsbu.

Tajjeb qed taħsbu. Cain ftakar kemm kien kattiv Karl. Beda jaħseb li issa hu kien imissu jpattiha lil Karl. IMMA Cain ftakar  li Ġesù qalilna li għandna naħfru.

Ħafna drabi jkun diffiċli li naħfru lil xulxin.

**Diskussjoni**
Staqsi lill-parteċipanti
Kieku inti kont flok Cain x'kont tagħmel?
Għaliex kont tagħmel hekk?
X'taħseb li għamel Cain?

**Nitolbu l-għajnuna ta' Ġesù biex naħfru**
Ħa ngħidilkom x'għamel Cain. Cain xtaq jaħfer lil Karl imma... Taħsbu li kienet ħafifa jew tqila biex jaħfer? Għamel enfasi li huwa ferm diffiċli li taħfer. Kieku jiena wkoll kont inkun nixtieq naħfer imma wkoll kont inħossha tqila bħal Cain u forsi bħalkom ukoll.

Imma Ġesù qalilna biex nitolbuh u hu jgħinna. Imma jiena naħseb li tafu x'kont nagħmel. Kont nitlob ħafna lil Ġesù biex jgħini ħalli naħfer lil xi ħadd li jkun għamilli xi ħaġa.

## L-Attività - Aqta' s-sentenza

Il-parteċipanti jridu jaqtgħu l-frażi moħbija li hi: 'Xi drabi jkun diffiċli li jiena nagħmel dak li jrid Ġesù.'

Il-katekist jimmarka fuq il-white board spazzji biex jikteb din il-frażi billi għal kull ittra jagħmel line vojt. Il-parteċipanti jinqasmu f'erba' gruppi.
Kull grupp jgħid ittra tal-alfabett u jekk hemm fil-frażi li jridu jaqtgħu, il-katekist jiktibha f'posta.
Ta' kull ittra li jaqtgħu f'postha l-grupp jieħu 5 punti. Jirbaħ il-grupp li jġib l-iktar punti.

## Għeluq

Bħala għeluq, stieden lill-parteċipanti biex flimkien jgħidu t-talba tal-Missierna filqawt li jżommu jdejn xulxin.



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Kif nġib ruħi mal-oħrajn

**L-GĦAN**

- Dak li jiena rrid li xi ħadd jagħmel lili jien rrid nagħmlu lill-oħrajn.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù jien nixtieq li nħobb lil kulħadd bħalek. Imma mhux dejjem jirnexxili. Għinni biex lil ħaddieħor nagħmillu dak li nixtieq li ħaddieħor jagħmel lili.*

**KONTENUT**

**DAK LI RRID LI ĦADDIEĦOR JAGĦMEL LILI**

Jiena ma rridx li xi ħadd jigdeb fuqi, mela jiena ma nigdeb fuq ħadd. Erġa fakkar l-istorja ta' Cain, Karl u Aymen. Ibda l-istorja inti u jkomplu t-tfal biċċa kull wieħed.

Jiena rrid li lili l-oħrajn iħobbuni mela jiena għandi nħobb lill-oħrajn. Jiena nixtieq li l-oħrajn jilgħabu miegħi mela jiena nipprova ndaħħal lil.... magħna waqt il-logħob.
Itlob lill-parteċipanti jagħtu aktar eżempji.

## Ikollok bżonn:

- żewġt iqfief
- karti maqtugħha puliti
- biro / lapes waħda għal kull parteċipant



**STORJA**

Mary Rose ġiet toqgħod fir-raħal tagħna. Miskina ma tantx kienet kuntenta għax ma kienet taf lil ħadd. Kienet tara lit-tfal tal-klassi jitkellmu, jilgħabu u lilha ħadd ma kien ikellimha.

Intom kif taħsbu li kienet tħossha Mary Rose? Ħalli lill-parteċipanti jgħidu x'jaħsbu.

Veru sewwa ħsiebtu kienet tkun imdejjqa ħafna. Imma darba Maryann tifla tal-klassi ndunat li Mary Rose qatt ma kienet tilgħab magħhom u ddeċidiet li tmur tkellimha.
Maryann qalet lil Mary Rose "Jien jisimni Maryann inti x'jismek?" Mary Rose weġbitha "Jiena Mary Rose".
Maryanne qaltila "Ejja ilagħab ftit magħna illum. Qatt ma ġejt tilgħab magħna." Mary Rose qaltilha "Jien nixtieq niġi ħdejkom imma ma naf lil ħadd." Maryanne qaltila "U iva issa taf lili u jien ngħidlek xi ħaġa fuq l-oħrajn u hekk malajr issir ħabiba ta' kulħadd." Mary Rose marret ma' Maryann. Kemm ħadet gost titkellem u tilgħab magħhom.
Maryann ħasbet "kieku jiena ma kontx nixtieq li jiġu jilgħabu miegħi? Mela allura hekk kelli nagħmel jiena ma' Mary Rose."

**DISKUSSJONI**

Staqsi lill-parteċipanti
Inti ġieli ħassejtek waħdek?
Min għinek biex ma tibqax waħdek?
Inti ġieli għint lil xi ħadd li kien waħdu?
Kif ħassejtek meta għint lil xi ħadd?

Ħa nintervistaw lil Mary Rose ħalli tgħidilna kif ħassitha. Il-katekista tintervista lil Mary Rose. Tintgħażel xi ħadd mill-parteċipanti biex jagħmlilha ta' Mary Rose.

Katekista: Mary Rose smajna l-istorja tiegħek. Nixtieqek tgħidilna fi ftit kliem kif kont tħossok qabel ma ġiet Maryanne tkellmek fil-bitħa biex tistiednek tmur tilgħab mal-grupp?

Mary Rose: Ħeqq... żgur li ma kontx ferħana ...ma naf lil ħadd... l-oħrajn kienu kollha ħbieb ta' xulxin... u jiena dejjem waħdi....

Katekista: Imbagħad nafu x'ġara .. Naħseb li meta ġiet tkellmek Maryanne l-ħajja inbidlet ...mhux hekk?

Mary Rose: U żgur li inbidlet.... Bdejt immur l-iskola ferħana... Meta jasal il-ħin tal-katekeżi kont immur bil-qalb...

Katekista: Għaliex bdejt tħossok differenti issa?

Mary Rose: Issa kont naf li meta mmur l-iskola ... l-MUSEUM .. nilgħab fil-playing field ser ikun hemm il-ħbieb tiegħi u allura ser ikolli ma' min nilgħab.

Katekista: Trid tagħtina xi messaġġ Mary Rose wara dak li għaddejt minnu?

Mary Rose: Naħseb li għandi messaġġ importanti x'nagħtikom. Meta taraw lil xi ħadd waħdu agħtu kasu . Morru ħdejn dik it-tifla jew tifel li tarawhom xi ftit inkwetati u ippruvaw tkellmu ftit magħhom.

# L-Attività

Qassam karta u biro/lapes lil kull parteċipant f'żewġt iqfief. Il-parteċipanti jiġu mitluba jiktbu dak li jaħsbu li Ġesù jixtieq li jagħmlu.
Jiktbu talba lil Ġesù u jitolbuh jgħinhom biex iwettqu dak li jħossu li għandhom jagħmlu.

# Għeluq

Bħala għeluq għal din il-lezzjoni, il-katekist jistieden f'atmosfera ta' talb lill-parteċipanti biex jgħidu dak li jħossu li Ġesù jixtieqhom jagħmlu.
Il-katekist jgħid: *Ġesù llum urejtna li jekk nitolbu lilek inti lest li tgħinna nagħmlu dak li tixtieq int anke jekk tkun xi ħaġa ftit tqila.*
Il-parteċipanti wara xulxin jaqraw dak li kitbu fl-attività. Il-bqija tal-parteċipanti jwieġbu "Ġesù għin lill-ħabib tagħna".

# 2.4 Il-Manna

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**

Il-parteċipanti jifhmu kemm hu importanti li nirċievu l-Ewkaristija jekk jista' jkun kuljum.
Fl-Antik Testment Alla jagħti l-manna lill-poplu tiegħu. Illum lilna jtina l-Ewkaristija. Dan hu ikel importanti ħafna għalina.

**L-GĦAN**

- Il-parteċipanti jifhmu kemm hu importanti li nirċievu l-Ewkaristija jekk jista' jkun kuljum. Fl-Antik Testment Alla lill-poplu tiegħu tah jiekol il-manna.

### Ikollok bżonn:

- Bibbja tat-tfal
- Parti mill-film Prince of Eygpt
- Script għal play fuq il-ħruġ tal-Lhud mill-Eġittu.
- Karti u biro / lapes biex il-parteċipanti jiktbu isimhom.
- Stampi tal-Lhud fit-tbatija tal-Eġittu
- Stampi tal-Lhud jimxu fid-deżert
- Stampi tal-Lhud jiġbru l-manna

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-poplu Lhudi u l-manna

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesu aħna qegħdin insiru nafuk dejjem aktar. Aħna nafu li inti tħobbna. Għinna nersqu aktar lejk billi meta nistgħu aħna niġu nitqarbnu.*

**SKETCH – L-GĦID TAL-LHUD**

*Agħżel sitt parteċipanti biex jieħdu sehem f'din l-isketch.*

| | |
|---|---|
| Narratur | Qegħdin ġo dar tal-Lhud fi żmien l-Għid. |
| Parteċipant A | Mela l-Għid mhux meta qam Ġesù mill-mewt? |
| Parteċipant B | Iva l-Għid il-Kbir hekk ifisser meta Ġesù qam mill-mewt. Imma ankè l-Lhud kienu jagħmlu l-festa tal-Għid biex jiftakru meta huma ħarġu mill-art tal-Eġittu. |
| Narratur | Il-famija kollha qegħda madwar il-mejda biex jieklu l-Ikla speċjali flimkien. Wara li kienu jgħidu xi talb flimkien it-tifel iż-żgħir nett li jkun hemm fil-kamra kien iqum u jistaqsi lil iktar raġel xiħ preżenti u jgħidlu |
| Tifel żgħir | Aħna għalfejn qegħdin hawn illum? Hemm xi ħaġa speċjali illum? U dan mhux l-ikel li nieklu s-soltu...għaliex? |
| Raġel anzjan | Iva dażgur li llum huwa jum speċjali. Ismagħni ħa ngħidlek din l-istorja. Ħafna snin ilu missierijietna kienu ilsira fl-Art tal-Eġittu ...kienu maħqurin ħafna. Kienu jitolbu bil-qalb lil Alla biex jeħlishom mill-jasar tal-Eġittu. Kienu jbatu ħafna... kienu jaħdmu bla mistrieħ... In- |

|  |  |
|---|---|
|  | nies tal-Eġittu xejn ma kienu qalbhom tajba magħhom. Meta Alla ra li kien wasal iż-żmien li l-Lhud joħorġu mill-Eġittu Hu bagħat lil wieħed raġel jismu Mosé. |
| Tifel żgħir | Iva naf min hu Mosé. |
| Raġel anzjan | Mosé kien magħżul mill-Mulej Alla biex jeħles lil-Lhud mill-Eġittu. Imma meta mar għand il-Farawni... |
| Parteċipant Ċ | Please għidli x'inhu Farawni |
| Katekista | Ara ħi l-Farawni kien dak ir-raġel li kien jikkmanda fl-Eġittu. Tajjeb li staqsejtni ..fejn ma tifhmux staqsu. |
| Raġel anzjan | Imma meta Mosé mar għand il-Farawni biex jgħidlu jħalli lil Lhud jitilqu mill-Eġittu dan bl-ebda mod ma ried iħallihom jitilqu. Kien wara li Alla, permezz ta' Mosé, għamel ħafna sinjali tal-għaġeb li Farawni ħalla lil-Lhud joħorġu mill-Eġittu. L-aħħar sinjal kien meta kien ġie maqtul it-tifel il-kbir tal-familji Eġizzjani. Allura Farawni ħalla lil-Lhud jitilqu minn artu.<br><br>Dak il-jum kien jum speċjali... Il-Lhud kienu qatlu ħaruf u bid-demm tiegħu ċapsu l-bieb tad-dar tagħhom. Lestew kollox ... kif qalilhom Mosé u meta Farawni qalilhom jitilqu .. telqu malajr. |
| Tifel żgħir | Imbagħad fejn marru? Kemm damu? Xi ġralhom sakemm waslu x'imkien? |
| Raġel anzjan | Bil-mod kollox ser ngħidlek.. Alla kien wiegħed lil Abraham (naħseb Mosé hux?? mhux Abraham) li ser jagħtih art fejn imur joqgħod hu u l-ġens tiegħu. Din hija l-Art Imqaddsa (Art Imqaddsa jew Art Imwiegħda??). Imma sakemm waslu f'din l-art iltaqgħu ma' ħafna avventuri .. biċċa sbieħ u oħrajn mhux tant sbieħ.. Sakemm waslu kellhom jgħaddu |



mid-deżert… bdew igergru għax m'għandhomx ħobż.. u Alla bgħatilhom il-Manna. Bdew igergru li m'għandhomx ilma u Alla tahom l-ilma matul it-triq kollha… iddejqu bla laħam u Alla bgħatilhom is-summien biex jieklu… Meta ġew biex jaqsmu l-baħar Alla fetaħ il-baħar biex għaddew. Sakemm wara 40 sena waslu fl-Art Imqaddsa…. fejn qegħdin aħna llum.

Tifel żgħir

Kemm kienet storja sabiħa… Mela għalhekk din il-festa llum. Xi darba erġa għidhieli.

## L-Attività

Jintwera parti mill-film 'Prince of Eygpt' fejn Alla qed jeħles il-poplu Lhudi mill-Eġittu u kif Alla tahom il-manna fid-deżert.

## Għeluq

Fakkar lit-tfal iġibu ċikkulata għal-laqgħa li jmiss. Bħala għeluq għal din il-Lezzjoni, il-katekist jistieden lill-parteċipanti jgħidu talba ta' grazzi lil Alla ta' xi ħaġa li tahom matul dak il-jum partikulari.

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Alla dejjem jagħtina dak li jkollna bżonn

**L-GĦAN**

- Il-parteċipanti jifhmu kemm hu importanti li nirċievu l-Ewkaristija jekk jista' jkun kuljum. Fl-Antik Testment Alla lill-poplu tiegħu tah jiekol il-manna.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesu aħna qegħdin insiru nafuk dejjem aktar . Aħna nafu li inti tħobbna. Għinna nersqu aktar lejk billi meta nistgħu aħna niġu nitqarbnu.*

**KONTENUT**

**ALLA JIEĦU ĦSIEB IL-POPLU LHUDI**

Kif rajna fl-istorja tal-poplu Lhudi, Alla ħa ħsieb lill-poplu Lhudi. Tkellimna fuq partijiet mill-istorja tal-Poplu Lhudi u t-tbatija fl-Eġittu. Alla sema' lill-poplu jokrob u ħenn għalih billi ħarġu mill-Eġittu. Meta aktar tard il-poplu Lhudi gerger li m'għandux x'jiekol u Alla bagħtlu l-manna.

**Il-manna**

X'kienet il-manna?
Il-Bibbja tgħidilna li l-Manna huwa l-isem ta' dak l-ikel li l-Mulej Alla ta lill-Iżraeliti kemm damu fid–deżert.
Għalkemm il-Mulej Alla qal lil-Lhud biex jiġbru manna kemm

## Ikollok bżonn:

- Bibbja tat-tfal
- Karti u biro / lapes biex il-parteċipanti jiktbu isimhom
- Stampi tal-Lhud fit-tbatija tal-Eġittu
- Stampi tal-Lhud jimxu fid-deżert
- Stampi tal-Lhud jiġbru l-manna
- Ċikkulati extra għal min jinsa
- Qoffa

kien ikollhom bżonn għall-ġurnata waħda billi dak li kien żejjed kien jitħassar u jiddewwed, però fis-sitt jum huma kienu jiġbru kemm ikollhom bżonn għas-sitta u s-sebgħa jum. F'dan il-każ il-manna kienet tibqa' friska u tajba għall-ikel.
Il-Lhud damu jieklu l-manna għall-erbgħin sena sħaħ, mit-tieni xahar li bdew il-vjaġġ tagħhom sakemm daħlu fl-Art Imwiegħeda meta l-manna ma baqgħetx ipprovduta lilhom. (Ara Esodu kap 16 v 31 -32, Lhud kap 9 v3-4).

L-Ewkaristija
Il-manna kienet tixbiha tal-Ewkaristija... Bħalma Alla pprovda lil-Lhud il-Manna biex jibqgħu b'saħħithom matul il-vjaġġ lejn l-Art Imwiegħeda hekk illum Alla jixtieq li aħna kuljum nieħdu minn dan l-ikel tant importanti għalina biex nersqu aktar Lejh u ngħixu ferħanin.

**Min ser jgħidli x'inhu dan l-ikel?**
Ħalli lill-parteċipanti jitkellmu. Ibqa' stenna sa' ma t-tfal jitkellmu fuq l-Ewkristija Mqaddsa.

## L-Attività

Il-parteċipanti jkunu mitluba biex iġibu ċikkulata żgħira magħhom. Waqt l-attivita jridu jiktbu isimhom fuq il-karti pprovduti u jitfgħuhom fil-qoffa ppreparata apposta. Kulħadd jieħu isem mill-qoffa basta ma jagħżilx l-isem tiegħu stess.
Kull parteċipant jagħti c-ċikkulata li jkun ġab lil dak il-parteċipant li jkun tella' ismu.
Hekk kulħadd ikun ta ċikkulata mod u irċieva ċikkulata differenti. Hekk nitgħallmu naħsbu fl-oħrajn u mhux fina nfusna biss.

Il-katekist irid iħalli xi żewġ ċikkulati extra fil-klassi għal min ma jġibx. Il-katekist irid joqgħod attent biex jekk fil-klassi jkollu lil xi parteċipant ibati bid-diabete jew celiac jew b'xi kundizzjoni oħra, jkollu xi ħaġa għalih biex min jagħżel isem dan il-parteċipant partikulari jkollu xi ħaġa xi jtih li tgħodd għalih.

## Għeluq

Bħala għeluq, il-katekist jistieden lil kull parteċipant biex jirringrazzja lil Alla talli ħalaq lil dak il-parteċipant li tah iċ-ċikkulata. Fl-aħħar il-katekist jirringrazzja lil Alla talli ħalaq lil kull parteċipant tal-klassi; bihom u mingħajrhom mhux l-istess il-klassi.



# 2.5 Ċelebrazzjoni

## Introduzzjoni

**L-GĦAN**

- Nuri li nħobb billi nagħti xi ħaġa jew nagħmel xi ħaġa għall-persuna l-oħra.

**KONTENUT**

L-ambjent tal-kamra jkun armat b'mod attrajenti u differenti mis-soltu.

Jindaqq l-innu 'This little light of mine'

## Ikollok bżonn:

- Cd/ Cd Player
- Qoffa jew tnejn skont kemm hemm parteċipanti
- Mejda jew Artal irranġat pulit
- Bookmark templates, waħda għal kull parteċipant
- Ismijiet tal-parteċipanti fuq karta żgħira

**This little light of Mine (Cedarmont Kids)**

This little light of mine
I'm going to let it shine
Oh, this little light of mine
I'm going to let it shine

This little light of mine
I'm going to let it shine
Let it shine, all the time, let it shine

All around the neighborhood
I'm going to let it shine
All around the neighborhood
I'm going to let it shine
All around the neighborhood

I'm going to let it shine
Let it shine, all the time, let it shine.
Hide it under a bushel? No!
I'm going to let it shine

Hide it under a bushel? No!
I'm going to let it shine
Hide it under a bushel? No!
I'm going to let it shine
Let it shine, all the time, let it shine.

Don't let Satan [blow] it out!
I'm going to let it shine
Don't let Satan [blow] it out!
I'm going to let it shine
Don't let Satan [blow] it out!
I'm going to let it shine
Let it shine, all the time, let it shine

**Ċelebrazzjoni**

Il-katekist jitkellem ftit fuq il-fatt li jien nuri li vera nħobb lil Ġesù meta nħobb u ngħin lill-proxxmu bil-verità. Bil-verità jfisser fil-prattika. Nuri li nħobb lill-persuna billi jinteressani minnha, ntiha rigal, eċċ. Jagħmel aċċenn ukoll għall-fatt li bħalissa ninsabu fi żmien il-Milied u dan għandu jkun l-ispirtu bejnietna. Nagħtu rigal lil xulxin fi żmien il-Milied minħabba f'hekk.

Il-parteċipanti ħa jagħżlu isem mill-qoffa ta' xi ħadd mill-parteċipanti li huma preżenti għall-lezzjoni. Huwa importanti li ma jagħżlux isimhom stess, jew l-isem ta' dak il-parteċipant li tawh iċ-ċikkulata fil-lezzjoni ta' qabel.

Il-parteċipanti jingħataw Bookmark kull wieħed. Il-parteċipanti jkunu mistiedna biex jiktbu t-tema 'Inħobbu fil-prattika' fuq in-naħa ta' quddiem. Fuq wara tal-bookmark, il-parteċipanti huma mistiedna biex jiktbu messaġġ ta' kuraġġ u ta' ferħ lil dik il-persuna li għażlu. Jistgħu nniżlu kwalità li jammiraw f'dik il-persuna.

Kif ilestu mill-bookmark, il-katekist jibda jistieden parteċipant biex joħroġ fin-nofs u jaqra l-messaġġ tiegħu għal dak il-parteċipant li għażel. Imbagħad jagħtih il-bookmark. Din il-ħaġa trid issir sakemm kull parteċipant jirċievi bookmark. Din l-attivita' tgħin lill-parteċipanti biex jesprimu lilhom infusuhom quddiem l-oħrajn. Hemm parteċipanti li forsi d-dar ma jisimigħux minn ifaħħarhom. Għalhekk din l-attività tagħmlilhom il-ġid.

Jindaqq innu 'This Little light of mine'

Unità 2

# Niskopru L-Ewkaristija

**Skop tal-unità**
Il-parteċipanti jifhmu xi ftit kemm l-Ewkaristija hija importanti fil-ħajja ta' kuljum.

Hemm il-bżonn li nieħdu sehem attiv. Dan ifisser li ngħixu dak li nkunu smajna u rajna waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Meta noħroġ mill-Knisja ma spiċċatx il-Quddiesa, issa rrid nibda naħdem u npoġġi fil-prattika dak li nkun smajt.

Nikbru flimkien

# 2.1 Il-Ħajja ta' Kuljum

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti ser jindunaw li huma jistgħu jieklu tipi differenti ta' ikel u li bejn dawn it-tipi differenti ta' ikel iridu jagħmlu l-għażliet tagħhom bil-għaqal. Issa aħna għandna ikel speċjali għar-ruħ tagħna, li huwa l-Ewkaristija. Ġesù qabel ma miet ħallilna lilu nnifsu fis-Sagrament tal-Ewkaristija. Ħa naraw ftit xi tfisser iktar l-Ewkaristija u s-sens tal-qadi meta Ġesù ħasel saqajn l-appostli.

**L-GĦAN**

- Il-parteċipanti ser jindunaw li huma jistgħu jieklu tipi differenti ta' ikel.
- Jitgħallmu jagħmlu l-għażliet tagħhom bil-għaqal.

## Ikollok bżonn:

- Stampi ta' ikel *healthy* u ieħor li mhux *healthy*
- Captions
- cd u Cd Player
- captions
- tazzi, platti, frott tal-plastic
- poeżija: Tifel Żaqqieq

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## L-ikel differenti fil-ħajja ta' kuljum

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù jiena għandi ħafna ikel tajjeb. Imma naf ukoll li hemm ħafna tfal bħali li m'għandhomx ikel tajjeb bħal ma għandi jiena. Ġesù nixtieq naqsam dak li għandi ma' dawn it-tfal biex huma wkoll ikollhom affarijiet tajbin bħal ma għandi jiena.*

**KONTENUT**
Waslet il-ġurnata tal-festa. Jonathan kien ilu jistenna li tasal il-festa. Billi kien is-sajf ma kellux skola u allura seta' jgawdi l-festa kemm irid. Lejliet il-festa mar għall-marċ u wara baqa' jara n-nar mal-mama u l-papa tiegħu. Il-papa qal, "Kemm nieħu gost nara n-nar, l–aqwa li ma jkunx hemm esaġerazzjoni." Il-mama qalet "Ankè jiena nieħu gost fil-festa." Jonathan ma tkellem xejn ... Hu kien iħobbha l-festa imma l-aktar li kien jieħu gost kien meta jara dak il-ħafna ikel ... kien jixtri ... xi ġelat... jew xi burger... kien iħobb il-candy floss u xi borża chips ma kienitx tonqos. Il-pastizzi kien jiekolhom ukoll, insomma kien jimla żaqqu sewwa.

Jonathan beda l-ġurnata tajjeb billi fil-għodu qam ftit kmieni u lesta biex imur il-Knisja. Hu kien abbati u allura ried jieħu sehem fil-quddiesa. Kien jieħu gost jagħti sehemu imma xi kultant minħabba s-sħana kien jiddejjaq xi ftit. Imma xorta kien imur.

Wara l-Quddiesa mar id-dar u billi kienet ġejja n-nanna u xi zijiet, allura għin ftit lill-mama tlesti dak li kien meħtieġ għal nofs inhar.

Wara li kielu talab lill-ġenituri biex joħroġ ftit mal-ħbieb. Imma hawn beda l-inkwiet għax Jonathan meta kien jara l-ikel ma kienx jaf jgħid biżżejjed. Beda jixtri kull ma jara: chips u burgers... candy floss u pakketti tal-ħelu... xi erbgħa pastizzi ma naqsux ... xtara xi żewġ flixken luminata ... insomma ma kienx jaf jieqaf.

Meta sar l-ħin mar id-dar u biddel biex jieħu sehem fil-purċissjoni. Veru kien libes pulit fil-purċissjoni ... Wara l-purċissjoni mar id-dar u raqad raqda kbira sa' fil-għodu ... għax fil-għodu ried iqum kmieni biex imur il-baħar mal-mama. Il-ħbieb tiegħu kollha kienu ser ikunu hemm. Kien jaf kemm kienu ser jieħdu gost jilgħabu flimkien u kemm kienu ser jgħumu.

Imma malli l-mama ġiet biex tqajmu Jonathan beda jinduna li kellu xi ħaġa mhux tajba. Kellu uġigħ kbir fl-istonku tiegħu. Il-mama tgħidx kemm inkwetat u bdiet taħseb x'seta' kellu Jonathan. F'daqqa waħda indunat li Jonathan ma kellu xejn speċjali!

Tafu x'kellu Jonathan? Min jaf x'kien ġralu? (Ħalli lit-tfal jitkellmu u jgħidu x'jaħsbu)

Il-mama billi kienet taf kemm kien żaqqieq Jonathan, staqsietu mistoqsija waħda!

Tafu xi staqsietu l-mama lil Jonathan? (Ħalli lit-tfal jitkellmu u jgħidu x'jaħsbu)

Sewwa qed taħsbu. Qaltlu "Jonathan, il-bieraħ meta ħriġt ma' sħabek x'kilt?"
Jonathan qalilha "U ma, x'taħseb li kilt? Ara kilt borża chips li kienu tajbin ħafna, u wara flixkun luminata kiesħa. Imbagħad bilħaqq xtrajt candy floss... eh.. u kien hemm tal-pastizzi u xtrajt tnejn tal-pizelli u tnejn tal-irkotta ... għandu jkun dawk kull ma xtrajt ... ħeqq ... flus ma kienx baqgħali ... xtaqt nixtri sausage roll ... imma ..."

Il-mama xtaqet tagħti tagħlima lil Jonathan. "Jonathan naħseb li naf xi ġralek... inti l-bieraħ kilt ħafna u llum għandek l-istonku juġgħek ... ma' għandek xejn speċjali ... imma ma tistax tiġi l-baħar magħna ... allura inti oqgħod hawn man-nanna u jiena u oħtok sejrin il-baħar kif ftehemna l-bieraħ ..."

Jonathan xejn ma ħa gost b'dak li qalet il-mama u talbha biex ma tmurx il-baħar dak inhar imma tmur l-għada biex hu wkoll ikun jista' jmur ... imma l-mama kienet ġa ftehemet maz-zija Maria u allura qaltlu li huma kienu sejrin ... "Darba oħra oqgħod attent ... ara x'ser tiekol... tiekolx iżżejjed ... u tkun tista' tiġi magħna."

U Jonathan kellu joqgħod id-dar, waqt li oħtu u ommu marru l-baħar u ħadu ħafna gost.

**DISKUSSJONI**
Semmi xi affarijiet li għamel Jonathan
Kieku inti kif taqsam dak li għamel ... Jonathan
Kollox kien tajjeb ? Semmi t-tajjeb ...
Kollox kien ħażin? Semmi l-ħażin.....
Xi ġralu kif qam l-għada fil-għodu?
Ħa pjaċir meta ma setgħax imur il-baħar mal-mama? Għaliex?

Mela jien nista' ngħid: Li l-ikel jista' jkun tajjeb fit-togħma, imma mhux bil-fors ikun tajjeb għal saħħitna.

## L-Attività

Inħarsu lejn l-istampi / ikel tal-plastic li għandna fuq il-mejda... u ikel tajjeb / healthy food.
(Importanti li l-katekist jagħti kas jekk hemm xi ħadd mit-tfal li huwa dijabetiku jew celiac jew għandu xi kundizzjoni oħra u ma jistax jiekol kollox. Importanti li fuq il-mejda ikun hemm ikel addattat għalihom ukoll fin-naħa tal-healthy food.)

Ħalli lill-parteċipanti jikkummentaw...
Aqsam il-mejda fejn hemm l-ikel fi tnejn u agħti ċans lill-parteċipanti jaqsmu l-ikel fi gruppi.
(Faċli li taqsam il-mejda billi tagħmel zigarella b'mod vertikali minn fuq għal isfel.)
Staqsi għaliex l-ikel qassmuh b'dak il-mod.
Ħallihom jitkellmu.....
Oħroġ il-fatt li hemm ikel li hu healthy għalina u hemm ikel li mhux healthy.

## Għeluq

Il-katekist jitkellem mal-parteċipanti dwar dak li jkunu għamlu f'din il-laqgħa flimkien. Qabel ma tispiċċa l-laqgħa l-parteċipanti jintalbu biex fil-laqgħa li jmiss iġibu Bibbja.

## Poeżija - It-tifel żaqqieq

Toninu mar il-festa
bil-pony ġdid li xtara
kien hemm folol u bandieri
u baned jimmarċjaw.

Kemm xtara luminati
pastizzi u qassatat
il-flus tal-karus nefaq
qubbajt, pastizzi u ġelat.

L-għada Toninu ma marx skola
Toninu qam marid.
Kiel wisq għamillu d-deni
b'hekk tgħallem jiekol ftit.

*Nota: Wara li tinqara din il-poeżija mat-tfal jittiekel l-ikel li jkun inġieb mill-parteċipanti. Importanti ħafna li l-ikel li ser jittiekel biss ikun ikel ta' veru. L-ikel li mhux healthy jkun jew stampi jew plastik.*



**B. It-Tieni Laqgħa**

# L-Ikel u l-Ewkaristija

**L-GĦAN**

- Nagħmlu differenza bejn Ikel u Ewkaristija.
- Ġesu qabel ma miet ħallilna lilu nnifsu fis-Sagrament tal-Ewkaristija.
- Il-parteċipanti diġà jafu dan il-fatt imma nippruvaw nagħmlu aktar enfasi biex jifhmu xi ftit aħjar.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù aħna qegħdin insiru nafuk dejjem aktar. Ta' dan nixtiequ ngħidulek grazzi. Nixtiequ nitolbuk biex ikun hemm aktar nies kbar li jkunu jistgħu jgħallmu lil ħafna tfal li ma għandhomx min jgħallimhom.*

**KONTENUT**

*Nota: Agħżel sitt parteċipanti biex jieħdu sehem f'din l-isketch. Spjega l-affarijiet li ser jintużaw fl-isketch: xugaman ... fliskatur ... buqar mingħajr ilma ... fardal ... mejda rranġata.*

## Ikollok bżonn:

- Cd u Cd Player.
- Kliem tas-song li tkun ser titkanta.
- stampa tal-Aħħar Ċena, jew clip tal-Aħħar Ċena mill-film: Jesus of Nazareth
- xugaman
- fliskatur
- buqar mingħajr ilma
- fardal
- mejda bi ftit platti tal-karti jew plastic... xi tazzi u ftit frott tal-plastic.
- video clip ta' żjara fil-knisja tal-lokal
- Bibbji għal dawk il-parteċipanti li ma jġibux waħda magħhom fil-lezzjoni.



# Sketch - L-Aħħar Ċena

| | |
|---|---|
| Pietru | Ġwanni, qiegħed tinduna kemm Ġesù jidher inkwetat? Tgħid ġralu xi ħaġa? |
| Ġwanni | Veru Pietru ilu minn dalgħodu ... qisu jrid jgħidilna xi ħaġa ... |
| Ġesù | Aħjar nibdew naħsbu għall-festa. Ma nistax immur inlesti jien. Hawn ħafna nies li jridu jisimgħu xi storja . Kemm jieħdu gost jisimgħu ... nixtieq li kulħadd jiġi biex jisma' ... b'hekk ħafna nies isiru ħbieb ta' Alla. Iva naf x'nagħmel. (Ġesù jħares lejn Pietru u lejn Ġwanni) Pietru ... Ġwanni .. isimgħu ftit please. |
| Pietru | Hawn Mgħallem sejjaħtli? |
| Ġesù | Iva Pietru.. Inti u Ġwanni, tistgħu tmorru sal-Belt u tlestu l-kamra fejn ser nieklu flimkien fil-festa? |
| Ġwanni | Hawn Ġesù, iva iva żgur li mmorru. Ejja Pietru ħaffef ftit. |
| Narratur A | Pietru u Ġwanni jmorru Ġerusalemm u jibdew ilestu biex fil-għaxija Ġesù u l-appostli l-oħra jieklu flimkien l-Ikla importanti tal-Għid. |
| | (Pietru u Ġwanni jduru mal-mejda jlestu platti u tazzi u frott tal-plastic f'posthom) |
| Narratur B | Jidħlu Ġesu u l-appostli u jgħidu t-talba ta' qabel l-ikel. |
| | (Ġesù u l-appostli jbaxxu rashom u joqgħodu fis-skiet.) |
| Narratur Ċ | Ġesu qagħad jitkellem mal-appostli. |

(Ġesu joqgħod jitkellem mal-appostli).

Staqsi lill-parteċipanti. Tihom ċans jitkellmu.
Meta taħsbu li ġrat din l-istorja?
X'taħsbu li ser jiġri issa fl-istorja?

Il-katekist juri lill-parteċipanti fejn insibu din l-istorja fil-Bibbja. Mhux kull parteċipant jaf kif ifittexx passaġġ mill-Bibbja. Għalhekk importanti li jiġi spjegat sew.

Insibu 4 rakkonti tat-Twaqqif tal-Ewkaristija:
Mattew 26 v 26 - 29
Luqa 22 v 15 - 23
Mark 14 v 22 – 25
1 Kor 11 v 23 - 26
Il-parteċipanti diġa jafuha din l-istorja.

Stieden lil wieħed mill-parteċipanti biex jaqra silta minnhom.

Agħmel referenza fuq il-kliem li qal Ġesù lill-appostli "Ħudu u kulu dan huwa ġismi ... ħudu u ixorbu għax dan huwa demmi"

Staqsi lill-parteċipanti:
X'ġara hawn?
X'kien għamel Ġesù?
(Ħalli lill-parteċipanti jgħidu x'jaħsbu)

Intom tafu li dak il-ħin Ġesù tana lilu nnifsu fl-Ewkaristija bħala ikel u xorb?
L-ostja ma baqgħetx ħobż imma saret il-ġisem ta' Ġesù.
L-inbid ma baqax inbid imma sar id-demm ta' Ġesù.

Qadi lil xulxin
Fl-Evanġelju ta' San Ġwann, jirrakkonta l-episodju tal-Aħħar Ċena b'mod differenti mir-rakkonti l-oħrajn. San Ġwann jenfasizza l-bżonn tal-qadi lil xulxin.

# Sketch - Il-Ħasil tas-Saqajn

Narratur: Wara li Ġesù kien qiegħed fuq il-mejda flimkien mal-appostli, qam minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar, ħa fardal u dawru ma' qaddu, tefa' l-ilma f'żinġla u beda jaħsel saqajn l-appostli.

(Ġesù jaħsel saqajn it-tnax-il appostlu).

## L-Attività - Żjara fil-knisja

Il-parteċipanti huma mistiedna biex jagħmlu familjarizzazzjoni mal-knisja kif ukoll ma x'suppost wieħed jagħmel meta jmur il-knisja.

Jekk hu possibli l-parteċipanti jittieħdu fil-knisja tal-lokal. Fejn dan mhux possibli, jintwera l-feature ta' xi ħadd li qed jidħol fil-knisja.

Fil-feature ser ikun hemm xi ħadd li l-ewwel imur jara l-vara u joqgħod jitpaxxa biha, imbagħad jara kemm hi sabiħa l-knisja u mbagħad imur ħdejn Ġesù fit-tabernaklu. Ikun hemm xi ħadd li jiġbidlu l-attenzjoni lil dan it-tifel u jgħidlu kif għandu jagħmel meta jidħol fi knisja. Kif tidħol il-knisja agħlaq il-bieb bil-mod, agħmel ġeneflissjoni, uża l-ilma mbierek, mur għarkubbtejk u agħmel vista/ għid talba. Wara nibdew naraw il-knisja...

## Għeluq

Il-katekist bħala talba tal-għeluq juża din it-talba: Ġesù grazzi tal-katekisti tagħna li joffru ħinhom biex jgħallmuna fuqek. Kemm jieħdu paċenzja bina. Jekk hemm xi tfal daqsna li ma'għandhomx katekista please ibgħatilhom min jgħallimhom. U għażel minn fostna tfal biex meta jikbru jibdew jgħallmu fuqek.

# 2.2 Imħabba lejn l-oħrajn

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti jindunaw li l-Ewkristija tkompli meta joħorġu mill-Knisja. Fl-aħħar tal-Quddiesa l-qassis jgħidilna "Morru fil-paċi ta' Kristu." Permezz ta' diskussjoni l-parteċipanti ħa jiddiskutu kif ħassewhom l-aħħar darba li ħadu sehem fil-quddiesa biex jagħrfu li dak li semgħu issa jridu jibdew jagħmluh fil-prattika. B'hekk titfisser aħjar kif jistgħu jgħixu fil-paċi ta' Ġesù fil-ħajja tagħhom.

**L-GĦAN**
- Il-parteċipanti jindunaw li l-Ewkristija tkompli meta jiena noħroġ mill-Knisja.
- Fl-aħħar tal-Quddiesa l-Qassis jgħidilna "Morru fil-paċi ta' Kristu."

## Ikollok bżonn:

- clip bl-aħħar parti tal-Quddiesa
- stampi
- video ta' servizz waqt il-Quddiesa
- cd/ Cd player
- Cd b'kant waqt il-Quddiesa

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-Paċi

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù sikwit nisma' l-kelma "PAĊI" ...*
*il-kbar jitkellmu sikwit fuq din il-kelma.*
*Imma ngħidlek il-veru ma tantx naf xi tfisser.*
*Lilna jgħidulna biex meta niġġieldu nagħmlu paċi għax Ġesù hekk irid u aħna hekk nagħmlu... Ġesù please għin lill-kbar biex huma wkoll jagħmlu paċi kif jgħidu lilna.*

**KONTENUT**
Permezz ta' storja jew stampi jew mużika spjega l-kelma Paċi. Aktarx trid turi meta nħossni fil-paċi u meta le... Il-Paċi iġġib il-ferħ... il-kalma...

Uża simboli li juru s-sens ta'paċi bħal ħamiema, qawsalla, baħar kalm, eċċ.

Tista' tuża stampi ta' uċuħ ta' nies ferħanin u oħrajn ta' nies li jidhru imdejqin... Tank tal-gwerra u bini mwaqqa...

**JIENA ĦADT SEHEM FIL-QUDDIESA.**
Staqsi lill-parteċipanti:
Kif ħassejtek l-aħħar darba li ħadt sehem fil-Quddiesa? Agħti ċans lill-parteċipanti jesprimu ruħhom. Forsi mhux kulħadd ħassu ferħan...

**Ħassejtni ferħan**
Għaliex? Jista' jkun li jiena nħobb il-kant u l-knisja jkun hemm il-kant.
Jista' jkun li jiena naf indoqq xi strument u l-Kappillan jew il-katekist talabni biex indoqq u jien ħadt pjaċir.

Forsi s-Superjura talbitni nitla naqra l-lezzjoni jew xi talba bħat-talba tal-komunità jew ta' maħfra. Jista' jkun li jiena abbati u llum jiena għint lill-qassis fil-Quddiesa.

Jista' jkun li jkun hemm il-ħbieb u nieħu gost noqgħod magħhom (imma mhux noqgħodu nitkellmu).

**Ħassejtni imdejqa**
Għaliex? Forsi ħallejt xi nkwiet id-dar.
Il-quddiesa tinħass monotona.
Hemm xi ħadd marid id-dar.
Tensjoni bejn il-ġenituri... (f'din l-età t-tfal jibdew jifhmu li hemm xi problemi)
Iddejjaqt għax il-Quddiesa twila.
Ma stajtx nifhem dak li kien qed jgħid il-father, kien tqil wisq.Jiena kont xi ftit ma niflaħx.

## L-Attività

Il-parteċipanti jkunu mistiedna biex jagħmlu poster bit-tema 'Il-Paċi'. F'dan il-poster il-parteċipanti ser jesprimu xi tfisser għalihom il-paċi. Dan il-poster għandu jitwaħħal fil-klassi fejn jitgħallmu l-parteċipanti.

## Għeluq

Bħala għeluq għal din il-lezzjoni, il-katekist jistieden lill-patećipanti biex f'atmosfera ta' talb jgħidu xi tfisser għalihom il-kelma 'Paċi'. Jibda l-katekist billi jgħid: Ġesù fil-bidu tal-lezzjoni tlabnik biex tfissrlina xi tfisser il-kelma Paċi. Issa fhimna xi ftit aktar xi tfisser.

Kull parteċipant jgħid xi tfisser għalih il-kelma 'Paċi'. Jekk ikun hemm xi parteċipanti li jeħlu, il-katekist għandu jgħinhom biex jitkellmu u mhux jaqbiżhom. Eżempju: Kylie tgħid: Paċi tfisser inkun ferħana. Maria tgħid: Paċi tfisser inkunu ħbieb ma' xulxin. It-talba tagħlaq billi flimkien ngħidu AMMEN.



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Naqdi lill-oħrajn

**L-GĦAN**

- Il-parteċipanti jindunaw li l-Ewkaristija tagħtina l-qawwa biex naqdu lill-oħrajn għax fihom hemm Ġesù.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù sikwit nisma' b'xi ħadd li jinsab marid ħafna u ma jistax joħroġ mid-dar. Għinni biex niftakar ħalli nitlob għalih. Għinni wkoll ħalli nurih li jien jinteressani fih u li ma nsejtux għax bħalisa mhuwiex joħroġ.*

**KONTENUT**

Staqsi lill-parteċipanti:
X'nista' nisma' fil-Quddiesa?
X'nista' nara fil-Quddiesa?
Agħti ċans lill-parteċipanti jesprimu ruħhom.

Il-parteċipanti jistgħu jwieġbu:
X'nista' nisma? storja ta' xi ħadd li għamel xi ħaġa sabiħa, xi storja mill-Bibbja li għoġbitni...
X'nista' nara? xi ħabiba li ma tiddejjaqx titla taqra; xi ħabib tela' bl-offerti l-ewwel darba u nixtieq nitla' jiena bħalu....

## Ikollok bżonn:

- clip bl-aħħar parti tal-Quddiesa
- stampi
- video ta' servizz waqt il-Quddiesa
- cd/ Cd player
- cd b'kant waqt il-Quddiesa



# L-Istorja ta' Faith

Kien il-Ħadd u Faith marret il-Quddiesa fil-Knisja tal-lokal. Dak in-nhar l-Evanġelju kien jirrakonta l-episodju ta' meta Marija marret għand Eliżabetta.
(Tista' taqra l-parti meta Marija marret għand Eliżabetta u sellmu lil xulxin. Mhemmx għalfejn tidħol fil-Manifikant wkoll)

Waqt li l-Father beda jfisser l-Evanġelju, hi bdiet taħseb fuq kemm Marija kienet qalbha tajba tant li marret tgħin lil Eliżabetta.

Faith bdiet tħares lejn dik l-anzjana li kien hemm il-knisja fuq l-ewwel bank li avolja anzjana xorta ġiet il-knisja minkejja li bi tbatija.

Fit-talb tal-komunità talbet għall-ġara tagħha, mara anzjana imma marida, li peres li hija marida ħafna ma tistax toħroġ mid-dar.

Faith tassew ħassitha ferħana u fil-paċi. "Kemm jiena ferħana. Nixtieq li llum u dejjem nibqa ferħana bħal issa."

Xtaqet li dan il-ferħ tieħdu magħha d-dar....l-skola... waqt il-logħob....
Xtaqet tgħin lil dik il-persuna li talbet għaliha.

Hi bdiet taħseb 'x'nista' nagħmel issa?'

**Diskussjoni**
Staqsi lill-parteċipanti: Faith bdiet taħseb fuq x'għandha tagħmel biex tkun ferħana.
Issa kieku jkolli nistaqsi lilkom:
X'għandi nagħmel biex inkun ferħan d-dar?
X'għandi nagħmel biex inkun ferħan l-iskola?
X'għandi nagħmel biex inkun ferħan waqt il-logħob?
X'għandi nagħmel biex ngħin lil dik il-persuna li tlabt għaliha fil-quddiesa?
Ħalli lill-parteċipanti jitkellmu.

Il-parteċipanti jistgħu jwieġbu:

*Meta nkun id-dar ħa nipprova nobdi aktar, ngħid il-verità, ngħin fix-xogħol tad-dar, nħalli l-kamra pulita, eċċ.*
*Meta nkun l-iskola ħa nipprova noqgħod aktar attent, nobdi aktar lill-għalliema, nikteb pulit mhux imħanżer, eċċ.*
*Meta nkun waqt il-logħob ħa nipprova nilgħab bil-fair, ħa nipprova ma ngħajjarx lil min qed jilgħab kontrija, eċċ.*
*Għal dik il-persuna li tlabt għaliha ħa nippova immur nittawlila xi ftit bil-permess tal-mama jew inċemplilha, nibgħatilha xi card, eċċ.*

# L-Attività

Il-parteċipanti ser jiġu mistiedna biex jagħmlu kartolina u/jew ittra lil xi ħadd li nafu li qiegħed marid id-dar jew f'xi sptar jew lil xi nies li qegħdin fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Jista' jkun hemm fil-klassi jew fir-raħal/belt tfal li huma morda fit-tul u għalhekk il-katekist jista' jgħid lit-tfal biex tintbgħat kartolina lilhom. Jista' jkun li l-kartolina tintbgħat lil min qed jieħu ħsieb dawn it-tfal, bħall-ġenituri tagħhom.

# Għeluq

Il-katekist jorganizza prayer meeting fejn il-parteċipanti jitolbu għal dik il-persuna li għamlulha l-kartolina. Il-parteċipanti jistgħu jkunu mitluba jġibu xemgħa li tiġi mixgħula waqt dan il-prayer meeting u fi drabi oħra matul is-sena (il-katekist għandu jara jekk din il-ħaġa hix possibli għall-klassi tiegħu).

# 2.3 Inħobb lil Ġesù

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti ser jindunaw li biex inħobb lil Ġesù jiena irrid nagħmel dak li għallimni hu għax Ġesù qalilna "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jiena." Dak li jiena rrid li xi ħadd jagħmel lili, jien rrid nagħmlu lill-oħrajn. Mhux dejjem faċli li jiena nħobb lil Ġesù billi nħobb lill-proxxmu. Ħafna drabi jkun diffiċli. Imma Ġesù qalilna biex nitolbuh u hu jgħinna.

**L-GĦAN**
- Il-parteċipanti ser jindunaw li biex inħobb lil Ġesù jiena irrid nagħmel dak li għallimni hu. "Ħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jiena."

### Ikollok bżonn:
- whiteboard
- whiteboard marker
- cd u Cd player

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**
## Inħobb lil Ġesu u lill-oħrajn

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù aħna tgħallimna li għandna inħobbuk. Imma xi kultant kemm tkun diffiċli din il-ħaġa. Mhux dejjem ikolli aptit nagħmel dak li tixtieq inti. Ġesù meta naraha diffiċli fakkarni u għini ħalli nagħmel dak li trid inti.*

**STORJA**
Wieħed tifel jismu Karl beda jigdeb fuq il-ħabib tiegħu Cain. Meta Cain sar jaf li Karl kien qiegħed jigdeb fuqu, tgħidx kemm iddispjaċih għax hu kien jaħseb li Karl kien ħabib tiegħu. Aymen tifel ieħor fil-klassi, meta sar jaf beda jgħid lil Cain li issa hu jmissu jivvinta gidba fuq Karl u jpattielu. Cain ħa pjaċir u beda jaħseb kif ser ipattieha lil Karl. Ġih il-ħsieb li meta jkunu l-iskola jieħu xi ħaġa ta' Erika u jaħbiha fis-satchel ta' Karl. It-teacher kienet ssibha fis-satchel ta' Karl u jeħel li ħadha Karl. Hekk ikun pattiha lil Karl.

Imma tafu x'ġara?
Ħalli lit-tfal jaħsbu u jgħidu x'jaħsbu li ġara.

Fil-għaxija mar il-quddiesa man-nanna u waqt l-Evanġelju sema l-istorja ta' dak il-qaddej li wara li sidu ħafirlu ħafna affarijiet, hu ma ridx jaħfer lil ħabib tiegħu ftit affarijiet. Qabel ma raqad, Cain intefa' fuq is-sodda u beda jaħseb.

Min ser jgħidli x'beda jaħseb Cain?
Ħalli lit-tfal jgħidu x'jaħsbu.

Tajjeb qed taħsbu. Cain ftakar kemm kien kattiv Karl. Beda jaħseb li issa hu kien imissu jpattiha lil Karl. IMMA Cain ftakar li Ġesù qalilna li għandna naħfru.

Ħafna drabi jkun diffiċli li naħfru lil xulxin.

**Diskussjoni**
Staqsi lill-parteċipanti
Kieku inti kont flok Cain x'kont tagħmel?
Għaliex kont tagħmel hekk?
X'taħseb li għamel Cain?

**Nitolbu l-għajnuna ta' Ġesù biex naħfru**
Ħa ngħidilkom x'għamel Cain. Cain xtaq jaħfer lil Karl imma... Taħsbu li kienet ħafifa jew tqila biex jaħfer? Għamel enfasi li huwa ferm diffiċli li taħfer. Kieku jiena wkoll kont inkun nixtieq naħfer imma wkoll kont inħossha tqila bħal Cain u forsi bħalkom ukoll.

Imma Ġesù qalilna biex nitolbuh u hu jgħinna. Imma jiena naħseb li tafu x'kont nagħmel. Kont nitlob ħafna lil Ġesù biex jgħini ħalli naħfer lil xi ħadd li jkun għamilli xi ħaġa.

## L-Attività - Aqta' s-sentenza

Il-parteċipanti jridu jaqtgħu l-frażi moħbija li hi: 'Xi drabi jkun diffiċli li jiena nagħmel dak li jrid Ġesù.'

Il-katekist jimmarka fuq il-white board spazzji biex jikteb din il-frażi billi għal kull ittra jagħmel line vojt. Il-parteċipanti jinqasmu f'erba' gruppi. Kull grupp jgħid ittra tal-alfabett u jekk hemm fil-frażi li jridu jaqtgħu, il-katekist jiktibha f'posta. Ta' kull ittra li jaqtgħu f'postha l-grupp jieħu 5 punti. Jirbaħ il-grupp li jġib l-iktar punti.

## Għeluq

Bħala għeluq, stieden lill-parteċipanti biex flimkien jgħidu t-talba tal-Missierna filqawt li jżommu jdejn xulxin.



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Kif nġib ruħi mal-oħrajn

**L-GĦAN**

- Dak li jiena rrid li xi ħadd jagħmel lili jien rrid nagħmlu lill-oħrajn.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù jien nixtieq li nħobb lil kulħadd bħalek. Imma mhux dejjem jirnexxili. Għinni biex lil ħaddieħor nagħmillu dak li nixtieq li ħaddieħor jagħmel lili.*

**KONTENUT**

**DAK LI RRID LI ĦADDIEĦOR JAGĦMEL LILI**

Jiena ma rridx li xi ħadd jigdeb fuqi, mela jiena ma nigdeb fuq ħadd. Erġa fakkar l-istorja ta' Cain, Karl u Aymen. Ibda l-istorja inti u jkomplu t-tfal biċċa kull wieħed.

Jiena rrid li lili l-oħrajn iħobbuni mela jiena għandi nħobb lill-oħrajn. Jiena nixtieq li l-oħrajn jilgħabu miegħi mela jiena nipprova ndaħħal lil.... magħna waqt il-logħob. Itlob lill-parteċipanti jagħtu aktar eżempji.

## Ikollok bżonn:

- żewġt iqfief
- karti maqtugħha puliti
- biro / lapes waħda għal kull parteċipant



**STORJA**

Mary Rose ġiet toqgħod fir-raħal tagħna. Miskina ma tantx kienet kuntenta għax ma kienet taf lil ħadd. Kienet tara lit-tfal tal-klassi jitkellmu, jilgħabu u lilha ħadd ma kien ikellimha.

Intom kif taħsbu li kienet tħossha Mary Rose? Ħalli lill-parteċipanti jgħidu x'jaħsbu.

Veru sewwa ħsiebtu kienet tkun imdejjqa ħafna. Imma darba Maryann tifla tal-klassi ndunat li Mary Rose qatt ma kienet tilgħab magħhom u ddeċidiet li tmur tkellimha.

Maryann qalet lil Mary Rose "Jien jisimni Maryann inti x'jismek?" Mary Rose weġbitha "Jiena Mary Rose".

Maryanne qaltila "Ejja ilagħab ftit magħna illum. Qatt ma ġejt tilgħab magħna." Mary Rose qaltilha "Jien nixtieq niġi ħdejkom imma ma naf lil ħadd." Maryanne qaltila "U iva issa taf lili u jien ngħidlek xi ħaġa fuq l-oħrajn u hekk malajr issir ħabiba ta' kulħadd." Mary Rose marret ma' Maryann. Kemm ħadet gost titkellem u tilgħab magħhom.

Maryann ħasbet "kieku jiena ma kontx nixtieq li jiġu jilgħabu miegħi? Mela allura hekk kelli nagħmel jiena ma' Mary Rose."

**DISKUSSJONI**

Staqsi lill-parteċipanti

Inti ġieli ħassejtek waħdek?

Min għinek biex ma tibqax waħdek?

Inti ġieli għint lil xi ħadd li kien waħdu?

Kif ħassejtek meta għint lil xi ħadd?

Ħa nintervistaw lil Mary Rose ħalli tgħidilna kif ħassitha. Il-katekista tintervista lil Mary Rose. Tintgħażel xi ħadd mill-parteċipanti biex jagħmlilha ta' Mary Rose.

Katekista: Mary Rose smajna l-istorja tiegħek. Nixtieqek tgħidilna fi ftit kliem kif kont tħossok qabel ma ġiet Maryanne tkellmek fil-bitħa biex tistiednek tmur tilgħab mal-grupp?

Mary Rose: Ħeqq... żgur li ma kontx ferħana ...ma naf lil ħadd... l-oħrajn kienu kollha ħbieb ta' xulxin... u jiena dejjem waħdi....

Katekista: Imbagħad nafu x'ġara .. Naħseb li meta ġiet tkellmek Maryanne l-ħajja inbidlet ...mhux hekk?

Mary Rose: U żgur li inbidlet.... Bdejt immur l-iskola ferħana... Meta jasal il-ħin tal-katekeżi kont immur bil-qalb...

Katekista: Għaliex bdejt tħossok differenti issa?

Mary Rose: Issa kont naf li meta mmur l-iskola ... l-MUSEUM .. nilgħab fil-playing field ser ikun hemm il-ħbieb tiegħi u allura ser ikolli ma' min nilgħab.

Katekista: Trid tagħtina xi messaġġ Mary Rose wara dak li għaddejt minnu?

Mary Rose: Naħseb li għandi messaġġ importanti x'nagħtikom. Meta taraw lil xi ħadd waħdu agħtu kasu . Morru ħdejn dik it-tifla jew tifel li tarawhom xi ftit inkwetati u ippruvaw tkellmu ftit magħhom.

# L-Attività

Qassam karta u biro/lapes lil kull parteċipant f'żewġt iqfief. Il-parteċipanti jiġu mitluba jiktbu dak li jaħsbu li Ġesù jixtieq li jagħmlu.
Jiktbu talba lil Ġesù u jitolbuh jgħinhom biex iwettqu dak li jħossu li għandhom jagħmlu.

# Għeluq

Bħala għeluq għal din il-lezzjoni, il-katekist jistieden f'atmosfera ta' talb lill-parteċipanti biex jgħidu dak li jħossu li Ġesù jixtieqhom jagħmlu. Il-katekist jgħid: *Ġesù llum urejtna li jekk nitolbu lilek inti lest li tgħinna nagħmlu dak li tixtieq int anke jekk tkun xi ħaġa ftit tqila.*
Il-parteċipanti wara xulxin jaqraw dak li kitbu fl-attività. Il-bqija tal-parteċipanti jwieġbu "Ġesù għin lill-ħabib tagħna".

# 2.4 Il-Manna

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-parteċipanti jifhmu kemm hu importanti li nirċievu l-Ewkaristija jekk jista' jkun kuljum.
Fl-Antik Testment Alla jagħti l-manna lill-poplu tiegħu. Illum lilna jtina l-Ewkaristija. Dan hu ikel importanti ħafna għalina.

**L-GĦAN**

- Il-parteċipanti jifhmu kemm hu importanti li nirċievu l-Ewkaristija jekk jista' jkun kuljum. Fl-Antik Testment Alla lill-poplu tiegħu tah jiekol il-manna.

### Ikollok bżonn:

- Bibbja tat-tfal
- Parti mill-film Prince of Eygpt
- Script għal play fuq il-ħruġ tal-Lhud mill-Eġittu.
- Karti u biro / lapes biex il-parteċipanti jiktbu isimhom.
- Stampi tal-Lhud fit-tbatija tal-Eġittu
- Stampi tal-Lhud jimxu fid-deżert
- Stampi tal-Lhud jiġbru l-manna

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-poplu Lhudi u l-manna

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesu aħna qegħdin insiru nafuk dejjem aktar. Aħna nafu li inti tħobbna. Għinna nersqu aktar lejk billi meta nistgħu aħna niġu nitqarbnu.*

**SKETCH – L-GĦID TAL-LHUD**
*Agħżel sitt parteċipanti biex jieħdu sehem f'din l-isketch.*

| | |
|---|---|
| Narratur | Qegħdin ġo dar tal-Lhud fi żmien l-Għid. |
| Parteċipant A | Mela l-Għid mhux meta qam Ġesù mill-mewt? |
| Parteċipant B | Iva l-Għid il-Kbir hekk ifisser meta Ġesù qam mill-mewt. Imma ankè l-Lhud kienu jagħmlu l-festa tal-Għid biex jiftakru meta huma ħarġu mill-art tal-Eġittu. |
| Narratur | Il-famija kollha qegħda madwar il-mejda biex jieklu l-Ikla speċjali flimkien. Wara li kienu jgħidu xi talb flimkien it-tifel iż-żgħir nett li jkun hemm fil-kamra kien iqum u jistaqsi lil iktar raġel xiħ preżenti u jgħidlu |
| Tifel żgħir | Aħna għalfejn qegħdin hawn illum? Hemm xi ħaġa speċjali illum? U dan mhux l-ikel li nieklu s-soltu...għaliex? |
| Raġel anzjan | Iva dażgur li llum huwa jum speċjali. Ismagħni ħa ngħidlek din l-istorja. Ħafna snin ilu missierijietna kienu ilsira fl-Art tal-Eġittu ...kienu maħqurin ħafna. Kienu jitolbu bil-qalb lil Alla biex jeħlishom mill-jasar tal-Eġittu. Kienu jbatu ħafna... kienu jaħdmu bla mistrieħ... In- |

nies tal-Eġittu xejn ma kienu qalbhom tajba magħhom. Meta Alla ra li kien wasal iż-żmien li l-Lhud joħorġu mill-Eġittu Hu bagħat lil wieħed raġel jismu Mosé.

**Tifel żgħir** — Iva naf min hu Mosé.

**Raġel anzjan** — Mosé kien magħżul mill-Mulej Alla biex jeħles lil-Lhud mill-Eġittu. Imma meta mar għand il-Farawni...

**Parteċipant Ċ** — Please għidli x'inhu Farawni

**Katekista** — Ara ħi l-Farawni kien dak ir-raġel li kien jikkmanda fl-Eġittu. Tajjeb li staqsejtni ..fejn ma tifhmux staqsu.

**Raġel anzjan** — Imma meta Mosé mar għand il-Farawni biex jgħidlu jħalli lil Lhud jitilqu mill-Eġittu dan bl-ebda mod ma ried iħallihom jitilqu. Kien wara li Alla, permezz ta' Mosé, għamel ħafna sinjali tal-għaġeb li Farawni ħalla lil-Lhud joħorġu mill-Eġittu. L-aħħar sinjal kien meta kien ġie maqtul it-tifel il-kbir tal-familji Eġizzjani. Allura Farawni ħalla lil-Lhud jitilqu minn artu.

Dak il-jum kien jum speċjali... Il-Lhud kienu qatlu ħaruf u bid-demm tiegħu ċapsu l-bieb tad-dar tagħhom. Lestew kollox ... kif qalilhom Mosé u meta Farawni qalilhom jitilqu .. telqu malajr.

**Tifel żgħir** — Imbagħad fejn marru? Kemm damu? Xi ġralhom sakemm waslu x'imkien?

**Raġel anzjan** — Bil-mod kollox ser ngħidlek.. Alla kien wiegħed lil Abraham (naħseb Mosé hux?? mhux Abraham) li ser jagħtih art fejn imur joqgħod hu u l-ġens tiegħu. Din hija l-Art Imqaddsa (Art Imqaddsa jew Art Imwiegħda??). Imma sakemm waslu f'din l-art iltaqgħu ma' ħafna avventuri .. biċċa sbieħ u oħrajn mhux tant sbieħ.. Sakemm waslu kellhom jgħaddu



mid-deżert... bdew igergru għax m'għandhomx ħobż.. u Alla bgħatilhom il-Manna. Bdew igergru li m'għandhomx ilma u Alla tahom l-ilma matul it-triq kollha... iddejqu bla laħam u Alla bgħatilhom is-summien biex jieklu... Meta ġew biex jaqsmu l-baħar Alla fetaħ il-baħar biex għaddew. Sakemm wara 40 sena waslu fl-Art Imqaddsa.... fejn qegħdin aħna llum.

Tifel żgħir

Kemm kienet storja sabiħa... Mela għalhekk din il-festa llum. Xi darba erġa għidhieli.

## L-Attività

Jintwera parti mill-film 'Prince of Eygpt' fejn Alla qed jeħles il-poplu Lhudi mill-Eġittu u kif Alla tahom il-manna fid-deżert.

## Għeluq

Fakkar lit-tfal iġibu ċikkulata għal-laqgħa li jmiss. Bħala għeluq għal din il-Lezzjoni, il-katekist jistieden lill-parteċipanti jgħidu talba ta' grazzi lil Alla ta' xi ħaġa li tahom matul dak il-jum partikulari.

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Alla dejjem jagħtina dak li jkollna bżonn

**L-GĦAN**

- Il-parteċipanti jifhmu kemm hu importanti li nirċievu l-Ewkaristija jekk jista' jkun kuljum. Fl-Antik Testment Alla lill-poplu tiegħu tah jiekol il-manna.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesu aħna qegħdin insiru nafuk dejjem aktar . Aħna nafu li inti tħobbna. Għinna nersqu aktar lejk billi meta nistgħu aħna niġu nitqarbnu.*

**KONTENUT**

**ALLA JIEĦU ĦSIEB IL-POPLU LHUDI**

Kif rajna fl-istorja tal-poplu Lhudi, Alla ħa ħsieb lill-poplu Lhudi. Tkellimna fuq partijiet mill-istorja tal-Poplu Lhudi u t-tbatija fl-Eġittu. Alla sema' lill-poplu jokrob u ħenn għalih billi ħarġu mill-Eġittu. Meta aktar tard il-poplu Lhudi gerger li m'għandux x'jiekol u Alla bagħtlu l-manna.

**Il-manna**

X'kienet il-manna?

Il-Bibbja tgħidilna li l-Manna huwa l-isem ta' dak l-ikel li l-Mulej Alla ta lill-Iżraeliti kemm damu fid–deżert.

Għalkemm il-Mulej Alla qal lil-Lhud biex jiġbru manna kemm

### Ikollok bżonn:

- Bibbja tat-tfal
- Karti u biro / lapes biex il-parteċipanti jiktbu isimhom
- Stampi tal-Lhud fit-tbatija tal-Eġittu
- Stampi tal-Lhud jimxu fid-deżert
- Stampi tal-Lhud jiġbru l-manna
- Ċikkulati extra għal min jinsa
- Qoffa

kien ikollhom bżonn għall-ġurnata waħda billi dak li kien żejjed kien jitħassar u jiddewwed, però fis-sitt jum huma kienu jiġbru kemm ikollhom bżonn għas-sitta u s-sebgħa jum. F'dan il-każ il-manna kienet tibqa' friska u tajba għall-ikel.
Il-Lhud damu jieklu l-manna għall-erbgħin sena sħaħ, mit-tieni xahar li bdew il-vjaġġ tagħhom sakemm daħlu fl-Art Imwiegħeda meta l-manna ma baqgħetx ipprovduta lilhom. (Ara Esodu kap 16 v 31 -32, Lhud kap 9 v3-4).

L-Ewkaristija
Il-manna kienet tixbiha tal-Ewkaristija... Bħalma Alla pprovda lil-Lhud il-Manna biex jibqgħu b'saħħithom matul il-vjaġġ lejn l-Art Imwiegħeda hekk illum Alla jixtieq li aħna kuljum nieħdu minn dan l-ikel tant importanti għalina biex nersqu aktar Lejh u ngħixu ferħanin.

**Min ser jgħidli x'inhu dan l-ikel?**
Ħalli lill-parteċipanti jitkellmu. Ibqa' stenna sa' ma t-tfal jitkellmu fuq l-Ewkristija Mqaddsa.

## L-Attività

Il-parteċipanti jkunu mitluba biex iġibu ċikkulata żgħira magħhom. Waqt l-attivita jridu jiktbu isimhom fuq il-karti pprovduti u jitfgħuhom fil-qoffa ppreparata apposta. Kulħadd jieħu isem mill-qoffa basta ma jagħżilx l-isem tiegħu stess.
Kull parteċipant jagħti c-ċikkulata li jkun ġab lil dak il-parteċipant li jkun tella' ismu.
Hekk kulħadd ikun ta ċikkulata mod u irċieva ċikkulata differenti. Hekk nitgħallmu naħsbu fl-oħrajn u mhux fina nfusna biss.

Il-katekist irid iħalli xi żewġ ċikkulati extra fil-klassi għal min ma jġibx. Il-katekist irid joqgħod attent biex jekk fil-klassi jkollu lil xi parteċipant ibati bid-diabete jew celiac jew b'xi kundizzjoni oħra, jkollu xi ħaġa għalih biex min jagħżel isem dan il-parteċipant partikulari jkollu xi ħaġa xi jtih li tgħodd għalih.

## Għeluq

Bħala għeluq, il-katekist jistieden lil kull parteċipant biex jirringrazzja lil Alla talli ħalaq lil dak il-parteċipant li tah iċ-ċikkulata. Fl-aħħar il-katekist jirringrazzja lil Alla talli ħalaq lil kull parteċipant tal-klassi; bihom u mingħajrhom mhux l-istess il-klassi.



# 2.5 Ċelebrazzjoni

## Introduzzjoni

**L-GĦAN**

- Nuri li nħobb billi nagħti xi ħaġa jew nagħmel xi ħaġa għall-persuna l-oħra.

**KONTENUT**

L-ambjent tal-kamra jkun armat b'mod attrajenti u differenti mis-soltu.

Jindaqq l-innu 'This little light of mine'

## Ikollok bżonn:

- Cd/ Cd Player
- Qoffa jew tnejn skont kemm hemm parteċipanti
- Mejda jew Artal irranġat pulit
- Bookmark templates, waħda għal kull parteċipant
- Ismijiet tal-parteċipanti fuq karta żgħira

**This little light of Mine (Cedarmont Kids)**

This little light of mine
I'm going to let it shine
Oh, this little light of mine
I'm going to let it shine

This little light of mine
I'm going to let it shine
Let it shine, all the time, let it shine

All around the neighborhood
I'm going to let it shine
All around the neighborhood
I'm going to let it shine
All around the neighborhood

I'm going to let it shine
Let it shine, all the time, let it shine.
Hide it under a bushel? No!
I'm going to let it shine
Hide it under a bushel? No!
I'm going to let it shine
Hide it under a bushel? No!
I'm going to let it shine
Let it shine, all the time, let it shine.

Don't let Satan [blow] it out!
I'm going to let it shine
Don't let Satan [blow] it out!
I'm going to let it shine
Don't let Satan [blow] it out!
I'm going to let it shine
Let it shine, all the time, let it shine

**Ċelebrazzjoni**

Il-katekist jitkellem ftit fuq il-fatt li jien nuri li vera nħobb lil Ġesù meta nħobb u ngħin lill-proxxmu bil-verità. Bil-verità jfisser fil-prattika. Nuri li nħobb lill-persuna billi jinteressani minnha, ntiha rigal, eċċ. Jagħmel aċċenn ukoll għall-fatt li bħalissa ninsabu fi żmien il-Milied u dan għandu jkun l-ispirtu bejnietna. Nagħtu rigal lil xulxin fi żmien il-Milied minħabba f'hekk.

Il-parteċipanti ħa jagħżlu isem mill-qoffa ta' xi ħadd mill-parteċipanti li huma preżenti għall-lezzjoni. Huwa importanti li ma jagħżlux isimhom stess, jew l-isem ta' dak il-parteċipant li tawh iċ-ċikkulata fil-lezzjoni ta' qabel.

Il-parteċipanti jingħataw Bookmark kull wieħed. Il-parteċipanti jkunu mistiedna biex jiktbu t-tema 'Inħobbu fil-prattika' fuq in-naħa ta' quddiem. Fuq wara tal-bookmark, il-parteċipanti huma mistiedna biex jiktbu messaġġ ta' kuraġġ u ta' ferħ lil dik il-persuna li għażlu. Jistgħu nniżlu kwalità li jammiraw f'dik il-persuna.

Kif ilestu mill-bookmark, il-katekist jibda jistieden parteċipant biex joħroġ fin-nofs u jaqra l-messaġġ tiegħu għal dak il-parteċipant li għażel. Imbagħad jagħtih il-bookmark. Din il-ħaġa trid issir sakemm kull parteċipant jirċievi bookmark. Din l-attivita' tgħin lill-parteċipanti biex jesprimu lilhom infusuhom quddiem l-oħrajn. Hemm parteċipanti li forsi d-dar ma jisimigħux minn ifaħħarhom. Għalhekk din l-attività tagħmlilhom il-ġid.

Jindaqq innu 'This Little light of mine'

Unità 4

# Kif nimxu wara Ġesù

**Skop tal-unità**
F'din l-unitù ħa nitkellmu b'mod prattiku fuq għażliet fil-ħajja ta' kuljum fejn fihom nidher inhix ta' Ġesù jew le.

Nikbru flimkien

# 4.1 Nimxu wara Ġesù

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din il-lezzjoni l-parteċipanti ser isiru jafu aktar fuq x'irridu nagħmlu biex inkunu followers ta' Ġesù illum bħala tfal ta' 9 snin. Aħna mil-lum irridu nkunu followers ta' Ġesù mhux biss meta nikbru. Ħa jkollhom ukoll quiz fuq nies li semmejna fil-lezzjonijiet ta' qabel u xi nies oħra famużi li għażlu li jimxu wara Ġesù u jkunu 'followers' tiegħu.

**L-GĦAN**
- Il-parteċipanti ser isiru jafu aktar fuq il-fatt ta' x'irridu nagħmlu biex inkunu followers ta' Ġesù illum bħala tfal ta' 9 snin. Aħna mil-lum irridu nkunu followers ta' Ġesù mhux biss meta nikbru.

### Ikollok bżonn:

- Basket tax-xirja
- Kwalitajiet differenti (imħabba, mogħdrija, ħniena, ferħ, paċi, ħbiberija, maħfra, ġenerożità, onestà, sabar, rażan, fidi, ħlewwa, tama, kuraġġ, qawwa, ubbidjenza, umiltà, karità, tbissima, ma tgergirx, ottimiżmu, …) miktubin fuq strixxi tal-kartonċina
- Whiteboard
- Whiteboard marker
- Caption: Kwalitajiet ta' dixxiplu ta' Ġesù

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Kif ħa nimxi wara Ġesù

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù ilni ħafna nisma' fuqek. Ilni ħafna nitgħallem fuqek. Issa rrid nibda ngħix dak li nitgħallem billi nimxi warajk. Irrid nkun follower tiegħek. Għalhekk Ġesù, nitolbok biex tgħini.*

**KONTENUT - DISKUSSJONI**
Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti:
Tistgħu ssemmu xi leaders/captains/mexxejja li tafu bihom?
Għaliex semmejtu lil dawn il-persuni?
X'laqatkom fihom?
F'hiex tixtiequ li kontu bħalhom?

Ħalli l-parteċipanti jitkellmu u ħu nota ta' dak li qed jgħidu ħalli tirreferi għalih matul dawn il-lezzjonijiet fuq x'jolqotna fil-leaders u għaliex insegwuhom.

Il-katekist jistieden lit-tliet parteċipanti biex jagħmlu r-reklam għall-prodott tagħhom quddiem il-bqija tal-parteċipanti.

Sakemm ikunu għaddejjin bir-reklami, ħadd ma jista' jikkumenta.

Il-katekist jagħti kulur lil kull parteċipant li ser jagħmel ir-riklam (eżempju: isfar, aħdar, vjola).

Wara, il-katekist jistieden lill-bqija tal-parteċipanti biex fil-qoffa li ser tkun qed iddur, jitfgħu l-karta bil-kulur tal-iktar riklam li għoġobhom bla ma jgħaddu kummenti.

Il-katekist jgħodd kemm ġab voti kull reklam u fuq il-kartonċina irranġahom bħala graph.

**ĠESÙ LEADER TAJJEB**

Ġesù wkoll kien leader. Kien leader tajjeb ħafna. Kif semmejna fil-lezzjonijiet ta' qabel, ħafna nies kienu qed jimxu warajh. Tiftakru għaliex semmejna li kienu qed jimxu warajh?
Ħalli lill-parteċipanti jwieġbu. Ara li kulħadd ikun qed jipparteċipa mhux dejjem l-istess parteċipanti.

**KWALITAJIET TA' DIXXIPLU TA' ĠESÙ**

Issa kien hemm ħafna li mxew wara Ġesù u allura saru l-followers tiegħu. Bdew jagħmlu kif kien jgħidilhom Ġesù.

Xi kwalitajiet kellhom bżonn li jkollhom dawn il-followers ta' Ġesù biex ikunu vera followers ta' Ġesù? Ħalli lill-parteċipanti jwieġbu. Jekk tara li qed jeħlu, għinnhom ftit.

Eżempju: Riedu jkunu nies ta' sagrifiċċju – mhux dejjem faċli li tagħmel kif jgħidlek Ġesù. Xi drabi tkun diffiċli. Għalhekk ikollok bżonn tmur kontra tiegħek innifsek. Ikollok tagħmel sagrifiċju.

**IX-XIRJA SPEĊJALI**

Ikollok basket tax-xirja u dan ikun mimli bi kwalitajiet miktubin fuq kartonċina flok prodotti tal-ikel.

Il-parteċipanti taparsi ħa jkollhom f'idejhom €200 biex imorru jixtru mingħand dan il-ħanut. Issa l-katekist jibda din ix-xirja speċjali billi jtella' minn ġol-basket kartonċina li jkollha kwalità miktuba fuqha. Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti kemm lesti jħallsu tagħha dik il-kwalità. Min lest iħallas l-iżjed jeħoda. Meta l-katekist jaqbad il-kartonċina għandu jispjega naqra fuq dik il-kwalità u kemm hi importanti ħalli l-parteċipanti jaraw jekk għandhomx bżonnha. Biex tispjega dawn il-kwalitajiet il-katekist għandu juża eżempji konkreti.

Fuq il-whiteboard, il-katekist għandu jniżżel il-kwalità, kemm inxtrat u min xtraha ħalli mbagħad fl-aħħar fid-diskussjoni jikkumenta fuqhom.

L-importanti għall-parteċipanti huwa li jixtru l-kwalitajiet imma ma jaqbżux il-flus li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom.


4.1

Kif se nimxi wara Ġesù?

My Best Friend Cedarmont Kids

Have you heard of the one called Saviour?
Have you heard of his perfect love?
Have you heard of the one in heaven?
Have you heard how he gave his Son?
Well, I have found this love
and I believe in the Son
Show me your way.

I believe in the one called Saviour
I believe, he's the risen one
I believe that I'll live forever
I believe that the King will come
Because I have found this love
and I believe in the Son
Show me your way.

Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that
Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that.

I believe in the one called Saviour
I believe, he's the risen one
I believe that I'll live forever
I believe that the King will come
Because I have found this love
and I believe in the Son
Show me your way.

Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that
Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that.

Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that
Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that.

Nothing will ever change that
Nothing will ever change that
Nothing will ever change that.

Nothing will ever change that
Nothing will ever change that
Nothing will ever change that.

Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that
Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that.

Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that
Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that.

Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that
Jesus you are my best friend
and you will always be
Nothing will ever change that.

SIB DAWN IL-KLIEM

*ferħ ħbiberija imħabba paċi fidi kuraġġ paċenzja ħniena maħfra tama*

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| o | f | f | r | t | a | v | f | i | a | n |
| ħ | a | e | a | e | l | ċ | ż | o | f | m |
| b | r | r | m | r | o | p | a | ċ | i | e |
| i | m | ħ | a | b | b | a | k | f | d | f |
| b | f | n | f | i | a | ċ | u | ċ | i | a |
| e | ċ | m | ż | o | b | e | r | ġ | f | r |
| r | ġ | ħ | n | i | e | n | a | ħ | ċ | t |
| i | ħ | f | r | t | l | z | ġ | a | ġ | a |
| j | a | a | a | e | o | j | ġ | r | ħ | m |
| a | r | r | m | r | m | a | ħ | f | r | a |

**KWALITAJIET GĦALL-BEJGĦ:**
Imħabba, mogħdrija, ħniena, ferħ, paċi, ħbiberija, maħfra, ġenerożità, onestà, sabar, rażan, fidi, ħlewwa, tama, kuraġġ, qawwa, ubbidjenza, umiltà, karità, tbissima, ma tgergirx, ottimiżmu. Il-katekist jista' jżid aktar kwalitajiet fil-basket tax-xirja tiegħu.

Kif il-parteċipanti jkunu xtraw l-kwalitajiet kollha, allura mbagħad ibda ara kull parteċipant xi xtara, kemm nefaq u kemm baqagħlu flus. Iddiskuti mal-parteċipanti fuq x'ġagħlhom jagħżlu kwalità u mhux oħra u fuq x'ġagħlhom jagħżlu l-prezz li riedu jħalsu għal dik il-kwalità partikolari.

## L-Attività

Il-katekist ser jaqsam lill-parteċipanti f'żewġ gruppi. Fuq il-whiteboard ser jikteb l-ittri tal-alfabett taħt xulxin.

Kull grupp irid jagħżel ittra mill-alfabett u jgħid kwalità li tibda b'dik l-ittra. Irid isemmi kwalità li jrid ikollu l-follower ta' Ġesù. Jekk ittra tkun diġa' meħuda ma tistax terġa tintagħżel. Jekk il-grupp jgħid kwalità li tkun tajba jieħu għaxar punti. Jekk ma jkunx jaf jitlef it-turn tiegħu u ma jieħu xejn punti. Jirbaħ min iġib l-iktar punti.

## Għeluq

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jitolbu lil Ġesù jagħtihom kwalità milli semmejna ħalli jkunu followers tajbin ta' Ġesù.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Min kienu d-dixxipli ta' Ġesù?

**L-GĦAN**

- F'din il-lezzjoni ħa jkollna quiz fuq nies li semmejna fil-lezzjonijiet ta' qabel u xi nies oħra famużi  li għażlu li jimxu wara Ġesù u jkunu 'followers' tiegħu.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù fid-dinja għad hawn ħafna nies li għadhom ma semgħux bik. Mulej, tihom iċ-ċans li jsiru jafu fuqek bħalma naf fuqek jien.*

**KONTENUT**

*Nota: Il-katekist jispjega lill-parteċipanti li f'din il-lezzjoni ser ikollna quiz fuq nies li semmejna fil-lezzjonijiet ta' qabel u xi nies oħra famużi li għażlu li jimxu wara Ġesù.*

## Ikollok bżonn:

- Whiteboard
- Whiteboard marker
- Score board
- Karti bin-numri minn 1 sa 24
- Qoffa (jew xi ħaġa biex itellgħu n-numri minna)

## Quiz - Min Jien?

Għalhekk il-katekist jaqsam lill-parteċipanti f'żewġ gruppi. Il-katekist jista' jagħti żewġ ismijiet lill-gruppi. Meta jmissu, kull grupp ħa jtella' n-numru tal-mistoqsija minn ġol-qoffa.

Kull grupp ħa jkollu jwieġeb mistoqsija billi jipprova jaqta' min huma l-personaġġi. Għal kull waħda li tinqata', il-grupp jieħu għaxar punti. Jekk il-grupp ma jkunx jafha, jipprova jweġibha l-grupp l-ieħor.

Waqt li wieħed mill-gruppi jkun qed iwieġeb, il-grupp l-ieħor ma jistax jitkellem, la jissuġġerixxi u lanqas itellef. Inkella jitnaqsulu l-punti u jinqabeż it-turn tiegħu. Jirbaħ min jaqta' l-iżjed u jġib l-iżjed punti.

Mistoqsijiet tal-Quiz:

# Min jien?

| MISTOQSIJA | TEWĠIBA |
|---|---|
| Jien kont l-ewwel kap tal-knisja | Pietru |
| Jien kont marbut wisq mal-ġid li kelli | Żgħażugħ Għani |
| Jien iltqajt ma' Ġesù ħdejn bir u qalli x'kont għamilt | Samaritana |
| Jien aċċettajt is-sejħa li ħabbarli l-anġlu Gabriel | Marija |
| Jien kont nieħu ħsieb lil Ġesù u lill-Ommu | Ġużeppi |
| Jien kont għent wieħed ferut għal mewt u ħadtu f'lukanda | Is-samaritan |



| | |
|---|---|
| Jien ħriġt il-poplu Lhudi mill-Eġittu | Mosè |
| Jien tlajt fuq siġra biex nara lil Ġesù | Żakkew |
| Jien kont ngħix fit-tempju ma' Eli | Samwel |
| Jien għent lil Ġesù iġorr is-salib | Iċ-Ċirinew |
| Jien l-kuġin ta' Ġesù | San Ġwann Battista |
| Jien kont dak li waqt l-aħħar Ċena kont l-aktar viċin Ġesù | San Ġwann Appostlu |
| Jien missier il-fidi f'Malta | San Pawl |
| Aħna l-ewwel nies li rajna lil Ġesù | Rgħajja |
| Aħna ġejna mill-Lvant biex naraw lil Ġesù | Slaten Maġi |
| Aħna nafu sewwa l-liġi Lhudija | Fariżej |
| Jien begħt (spelling?) lil Ġesù għal tletin biċċa tal-fidda | Ġuda l-Iskarjota |
| Jien sibt tfajjel li kellu ftit ikel u Ġesù għamel miraklu biex jiekol kulħadd | Indri |
| Jien kont ma' Pietru u Ġwanni meta tlajna ma' Ġesù fuq il-muntajna | Ġakbu |
| Jien kont niġbor it-taxxi qabel iltqajt ma' Ġesù | Mattew |
| Jien kont taħt is-salib ma' Marija u Ġwanni | Marija Madalena |
| Jien intgħażilt biex nieħu post Ġuda l-Iskarjota | San Mattija |
| Jien magħruf għax iddubitajt | San Tumas |
| Jien, għaref tal-Liġi, mort inkellem lil Ġesù bil-lejl | Nikodemu |

## L-Attività

Wara li jitlesta l-quiz, il-katekist iħalli lill-parteċipanti bħala żewġ gruppi kif kienu għal din l-attivtà. Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex isemmu l-personaġġi li jkunu ssemmew fil-quiz. Suppost iridu jsemmuhom l-erba' u għoxrin li huma. B'hekk il-katekist ħa jara liema grupp l-iktar li ħa jiftakar personaġġi. B'hekk il-personaġġi jibqgħu iktar f'moħħhom!

## Għeluq

Ġesu, ħafna nies iltaqgħu miegħek wiċċ imb'wiċċ. Jiena ma nistax niltaqa' miegħek wiċċ imb'wiċċ bħalhom. Imma jiena nista' nirċevik ġewwa fija. Għinni Ġesù biex ma nitlifx tqarbina.

# 4.2 Biex inkun tassew dixxiplu...

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din il-lezzjoni ħa nsemmu 2 ċirkustanzi prattiċi kif fil-ħajja tagħna rridu nagħmlu biex inkunu followers' ta' Ġesù: irridu ngħidu l-verità u rridu nkunu ħbieb ta' vera.

**L-GĦAN**
- F'din il-lezzjoni l-parteċipanti ser isiru jafu li biex jien inkun follower ta' Ġesù rrid ngħid il-verità.

**Ikollok bżonn:**
- Caption bil-kliem: irrid ngħid il-verità
- Parti mid-Dvd fuq l-istorja ta' Pinokkju
- Poeżija: Pinokkju
- Feature: it-8 kmandament
- Feature: Bernardette Soubirous

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Irrid ngħid il-verità

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù ilni ħafna nisma' fuqek. Ilni ħafna nitgħallem fuqek. Issa rrid nibda ngħix dak li nitgħallem billi nimxi warajk. Irrid nkun follower tiegħek. Għalhekk Ġesù, nitolbok biex tgħini.*

**KONTENUT - DISKUSSJONI**
Il-katekist għandu joħloq diskussjoni mall-parteċipanti u jagħtihom iċ-ċans biex jitkellmu u jesprimu ruħhom. Importanti li l-katekist ikun jaf x'qed jifhmu l-parteċipanti mil-lezzjoni.

Xi tfisser tgħid il-verità? Ngħid dak li hu sewwa. Inkun sinċier.
Meta għandek tgħid il-verità? Dejjem.

Faċli li tgħid il-verità? Mhux dejjem.

Għalfejn mhux faċli li tgħid il-verità? Għax b'hekk jekk tagħmel xi ħaġa ħażina int ser taqlagħha.

Jaqbilli li ngħid il-verità? Iva. Hekk kulħadd jafdani. Meta nigdeb nitlef il-fiduċja minn dawk ta' madwari.

Inti trid lil min jigdiblek? Le. Mela allura tigdibx inti lil ħaddieħor.

# Eżempji mill-ħajja

Il-katekist għandu jagħti eżempji prattiċi ta' tfal tal-età tal-parteċipanti fuq is-sinċerità. B'hekk ikollhom eżempji reali u attwali għalihom.

*Clive ma għamilx il-homework tal-maths u filgħodu tapasri qam ma jiflaħx biex ma jmurx skola.*

*Victoria ma riditx tgħin lill-ommha. Għalhekk qaltliha li għandha ħafna homework u x'tistudja. Imma ma kienx vera. Hi qagħdet tara l-TV fuq Disney Channel.*

*Eleana kienet qed tiġri d-dar u laqtet il-vażun tat-taraġ u sar irmied. Setgħet kieku riedet twaħħal f'ħuha li mbuttaha fit-taraġ biex ma teħilx hi, imma ddeċidiet li hekk ma tkunx fair ma' ħuha. Lil mama qaltilha l-verità.*

Il-katekist jista' jagħti aktar eżempji jew jistieden lill-parteċipanti biex jagħtu eżempji huma.

**PINOKKJU**
Il-katekist jirrakkonta l-istorja ta' Pinokkju. Il-parteċipanti żgur li jafuha u jafu li hi storja b'tagħlima. Tajjeb li jifhmu li meta ma ngħidx il-verità jiena ma nkunx qed nixbah lil Ġesù, il-leader tiegħi. Għalhekk aħna rridu dejjem ngħidu l-verità.

Jintwera biċċa mid-Dvd ta' Pinokkju u tinqara l-poeżija: Pinokkju.

**X'qal Ġesù fuq is-sinċerità?**
Il-katekist irid jispjega lill-parteċipanti li Ġesù tkellem ċar fuq il-fatt li rridu ngħidu l-verità. Ġesù qal: "Kliemkom għandu jkun iva iva u le le għax iktar minn hekk ikun ġej mill-ħażen". Il-katekist jista' jsemmi iktar eżempji ta' Ġesù fejn ried li aħna ngħidu l-verità.

**It-8 Kmandament**
Għandna wkoll wieħed mill-kmandamenti li jgħidilna li irridu ngħidu l-verità. Min ħa jgħidli liema hu?



4.2

**Irrid ngħid**
il-verità

Stand up, stand up for Jesus

Stand up, stand up for Jesus,
ye soldiers of the cross;
lift high his royal banner,
it must not suffer loss.
From victory unto victory
his army shall he lead,
till every foe is vanquished,
and Christ is Lord indeed.

Stand up, stand up for Jesus,
the trumpet call obey;
forth to the mighty conflict,
in this his glorious day.
Ye that are brave now serve him
against unnumbered foes;
let courage rise with danger,
and strength to strength oppose.

Stand up, stand up for Jesus,
stand in his strength alone;
the arm of flesh will fail you,
ye dare not trust your own.
Put on the gospel armour,
each piece put on with prayer;
where duty calls or danger,
be never wanting there.

Stand up, stand up for Jesus,
the strife will not be long;
this day the noise of battle,
the next the victor's song.
To those who vanquish evil
a crown of life shall be;
they with the King of Glory
shall reign eternally.

60

Ikteb 3 ezempji ta' kif tista' tkun sincier...

Kif nistgħu nkunu
**Sinċieri**
fil-ħajja tagħna?

61

Ħalli lill-parteċipanti jaqtgħu liema wieħed hu. It-tmien kmandament jgħid li ma għandniex nixhedu fil-falz. Mela irrid ngħid il-verità.

Jintwera Feature fuq it-tmien kmandament.

Role models ta' nies li qalu l-verità
Il-kateksit ser isemmi eżempji ta' nies li qalu l-verità ħalli jkunu ta' eżempju (role models) għal parteċipanti, ta' kif għandhom iġibu ruħhom. Il-qaddisin martri ħadu l-martirju għax qalu l-verità: huma l-ħbieb ta' Ġesù.

Beatu Ġwanni Pawlu II qal il-verità lill-mexxeja ta' ċerti pajjiżi li kienu qed imexxu ħażin. Dawn il-mexxeja kienu qed jaħqru n-nies ta' pajjiżhom. Il-Papa Ġwanni Pawlu II ma beżgħax jgħidilhom li kienu qed jagħmlu ħażin. Kien għalhekk li ppruvaw joqtluh fit-13 ta' Mejju 1981.

Bernandette Soubirous qalet il-verità fuq dak li qaltilha l-Madonna. Għal bidu ma emmnuhiex imma mbagħad il-kappillan emminha.

Jintwera feature fuq Bernandette Subirous

## L-Attività

Kull parteċipant ħa jpenġi sitwazzjoni fejn trid tgħid il-verità. Kif ilesti kulħadd, il-katekist ser jgħid "Jiena għandi ngħid il-verità meta.." u l-parteċipanti wara xulxin jagħtu l-eżempju ta' x'penġew u juru l-istampa.

Wara dawn l-istampi għandhom jitwaħħlu fil-klassi u l-katekist jikteb fuqhom: Irrid ngħid il-verità.

## Għeluq

Bħala għeluq il-katekist jistieden lill-parteċipanti jirringrazzjaw lil Alla talli tahom il-kapaċità li jkun jistgħu jgħidu l-verità f'mumenti differenti fil-ħajja tagħhom.

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Irrid inkun ħabib ta' vera?

**L-GĦAN**

- F'din il-lezzjoni l-parteċipanti ser jsiru jafu li biex jien inkun follower ta' Ġesù rrid nkun ħabib ta' vera.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù, fid-dinja tagħna kuljum tisma' b'nies li jġġieldu ma' xulxin u m'għadhomx ħbieb ta' xulxin. Ġesù għinhom biex jerġgħu jagħmlu paċi ma' xulxin u ma jibqgħux miġġildin.*

## Ikollok bżonn:

- Caption bil-kliem: irrid nkun ħabib ta' vera
- Parti mid-Dvd fuq l-istorja ta' Cinderella
- Feature: l-opri tal-ħniena - Għallem lil min ma jafx
- Feature: Massimiljanu Kolbe

**KONTENUT - DISKUSSJONI**
Il-katekist għandu joħloq diskussjoni mall-parteċipanti u jagħtihom iċ-ċans biex jitkellmu u jesprimu ruħhom. Importanti li l-katekist ikun jaf il-parteċipanti x'qed jifhmu mil-lezzjoni.

Nista' jiena ngħix waħdi?
Għalfejn għandna bżonn il-ħbieb?
Xi tfisser tkun ħabib ta' vera?

**Eżempji mill-ħajja**
Il-katekist għandu jagħti eżempji prattiċi ta' tfal tal-età tal-parteċipanti fuq il-vera ħbiberija. B'hekk ikollhom eżempji reali u attwali għalihom.

*L-iskola Clive jara lil Victoria mdawra minn grupp ta' tfajliet mill-klassijiet il-kbar. Bdew jgħajruha. Clive ried jgħinna. Imma x'ħa jagħmel? Mar jiġri jgħid lill-għalliema u dawn marru u qabżu għal Victoria. Hekk Clive wera li hu l-ħabib vera ta' Victoria għax għenha meta kellha bżonn.*

Il-katekist jista' jagħti aktar eżempji jew jistieden lill-parteċipanti biex jagħtu eżempji huma.

**Cinderella**
Il-katekist jirrakkonta l-istorja ta' Cinderella. Il-parteċipanti żgur li jafuha u jafu li hi storja b'tagħlima. Tajjeb li jifhmu li ħut Cinderella ma kinux ħbieb ta' vera meta ma kienux jirrispettawha. Anke meta ma ħaduhiex magħhom għall-ballu ma kienux ħbieb ta' vera. Meta ma nkunx ħabib ta' vera jiena ma nkunx qed nixbah lil Ġesù l-leader tiegħi. Għalhekk aħna irrdu dejjem nkunu ħbieb ta' vera.

Jintwera biċċa mid-Dvd ta' Cinderella.

**X'qal Ġesù fuq il-ħbieb ta' vera**
Il-katekist irid jispjega lill-parteċipanti li Ġesù wera xi tfisser tkun ħabib ta' vera: ta ħajtu għall-ħbieb tiegħu. Ġesù bħala bniedem kellu l-ħbieb:- kellu 12-il appostlu li kienu ħbieb speċjali.

Taħt is-salib fit-tbatija kollha ħarbu barra Ġwanni. Imma wara li Ġesù qam mill-mewt, huma urew li kienu għadhom ħbieb tiegħu u Ġesù bagħthom jgħallmu lin-nies madwar id-dinja fuqu.



Fl-antik testament insibu fil-ktieb ta' Bin Sirak: Min isib ħbieb tajba, f'ħajtu jkun sab teżor. Il-katekist jista' jsemmi iktar eżempji ta' Ġesù fejn kien ħabib ta' vera.

L-opri tal-ħniena: Għallem lil min ma jafx
Min hu ħabib ta' vera, jekk ikun jaf xi ħaġa ma jżommhiex għalih imma jgħallimha lill-ħbieb tiegħu. Hekk juri li hu ħabib ta' vera.

Jintwera feature fuq l-opri tal-ħniena: Għallem lil min ma jafx.

**Role models ta' nies li kienu ħbieb ta' vera**
Il-kateksit ser isemmi eżempji ta' nies li kienu ħbieb ta' vera ħalli jkunu ta' eżempju (role models) għall-parteċipanti, ta' kif għandhom iġibu ruħhom. Massimiljanu Kolbe kien jgħix fi żmien il-kampijiet tal-konċentrament meta Hitler ried joqtol lil-Lhud kollha. Ħarab ħabsi u l-Ġermaniżi riedu joqtlu 10 priġunieri bħala kastig. Wieħed minn  dawn l-10 kien missier ta' familja. Massimiljanu offra li jmut hu biex isalva ħabib tiegħu.

Jintwera feature fuq Massimiljanu Kolbe

# L-Attività

Il-parteċipanti ser jagħmlu kartolina żgħira ta' grazzi lil xi ħabib ta' vera tagħhom.

Għalhekk il-parteċipanti ser jiktbu fuq quddiem 'Grazzi talli inti ħabib tiegħi'. Imbagħad iżejnuha kif iridu u jindirizzawha lill-ħabib ta' vera tagħhom. Il-parteċipanti għandhom jiktbu messaġġ fuq ġewwa tal-kartolina.

# Għeluq

Ġesù grazzi talli fil-ħajja tiegħi tajtni ħbieb ta' vera. Permezz tagħhom il-ħajja tiegħi hija ħafna isbaħ. Permezz ta' dawn il-ħbieb ta' vera nista' niftakar li inti l-ikbar ħabib ta' vera li qatt jista' jkolli jiena.

# 4.3 Biex inkun tassew dixxiplu...

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din il-lezzjoni ħa nsemmu 2 ċirkustanzi prattiċi kif fil-ħajja tagħna irridu nagħżlu li nkunu followers' ta' Ġesù: irrid nobdi u irrid ngħin lill-batut.

**L-GĦAN**

- F'din il-lezzjoni l-parteċipanti ser isiru jafu li biex jien inkun follower ta' Ġesù rrid nobdi.

### Ikollok bżonn:

- Caption bil-kliem: irrid nobdi
- Parti mid-Dvd fuq l-istorja ta' Lion King 1
- Feature: ir-4 kmandament
- Feature: Dolores Hart

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Irrid nobdi

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù, kultant ma nkunx irrid nobdi lil min jieħu ħsiebi. Tini l-qawwa biex xorta nobdihom għax niftakar li dawk inti tajtomli biex jieħdu ħsiebi għax inti tħobbni u tridli l-ġid.*

**KONTENUT - DISKUSSJONI**
Il-katekist għandu joħloq diskussjoni mall-parteċipanti u jagħtihom iċ-ċans biex jitkellmu u jesprimu ruħhom. Importanti li l-katekist ikun jaf il-parteċipanti x'qed jifhmu mil-lezzjoni.

Xi tfisser tobdi?
Għaliex għandek tobdi?
Faċli li tobdi?

Lil min għandna nobdu?
Lill-ġenituri, lill-awtoritajiet, lis-superjuri tiegħek (li jieħdu ħsiebek). Tobdi wkoll lil Alla.
Xi tfisser tobdi lil Alla? Alla li ħalaq lili u lilek ġie fid-dinja u bħal kull bniedem kien jobdi l-liġijiet tal-pajjiż. Mhux hekk biss - imma kien jobdi wkoll lill- ġenituri tiegħu.

Ġesù, li bħala Alla ħalaq lil kull bniedem, kien jobdi lil dawk li huwa stess ħalaq!
Allura sejjer int ma tobdix lil dawk li jridulek biss ġid? U sejjer int ma tieħux parir mingħand dawk li jħobbuk u li qed jippruvaw jgħinuk?

**Eżempji mill-ħajja**

Il-katekist għandu jagħti eżempji prattiċi ta' tfal tal-età tal-parteċipanti fuq l-ubbidjenza. B'hekk ikollhom eżempji reali u attwali għalihom.

*Clive jobdi lill-missieru meta jgħidlu biex imur jaqdih.*

*Victoria tobdi lill-għalliema tal-klassi meta tgħidilha biex ma toqgħodx tparla ma' dik ta' ħdejha, imma toqgħod attenta.*

Il-katekist jista' jagħti aktar eżempji jew jistieden lill-parteċipanti biex jagħtu eżempji huma.

**The Lion King**

Il-katekist jirrakkonta l-istorja tal-film The Lion King (1994). Il-parteċipanti żgur li jafuha u jafu li hi storja b'tagħlima. Tajjeb li jifhmu li Mufasa ma riedx lil Simba jmur ħdejn l-għerien tal-'hyenas' għax ma ridux imur fejn il-periklu. Mufasa riedlu l-ġid lil ibnu Simba. Imma Simba xorta mar flimkien mal-ħabiba tiegħu Nala u ma kellux esperjenza sabiħa! Mufasa jmur biex isalvah u wara jkellmu u jikkoreġih ħalli jgħallmu li kien għamel xi ħaġa ħażina. Meta ma nobdix jiena ma nkunx qed nixbah lil Ġesù l-leader tiegħi. Għalhekk aħna rridu nobdu.

Jintwera biċċa mid-Dvd ta' The Lion King.

**X'qal Ġesù fuq l-ubbidjenza**

Il-katekist irid jispjega lill-parteċipanti li Ġesù tkellem ċar fuq il-fatt li rridu nobdu. Ġesù qal: "Agħtu lill-Ċesri dak li hu ta' Ċesri u lil Alla dak li hu ta' Alla".

Fl-ittri ta' San Pawl insibu ħafna sentenzi fuq l-ubbidjenza: "Kristu obda sal mewt, anzi sal-mewt tas-salib" "Ulied obdu lill-ġenituri tagħkom għax dan jgħoġob lill-missier"

Il-katekist jista' jsemmi iktar eżempji ta' Ġesù fejn tkellem fuq l-ubbidjenza.

Ir-4 Kmandament

Għandna wkoll wieħed mill-kmandamenti li jgħidilna li rridu nobdu. Min ħa jgħidli liema hu? Ħalli lill-parteċipanti jaqtgħu liema wieħed hu. Ir-raba' kmandament jgħid li għandna nagħtu ġieħ lil ommna u lil missierna. Mela rridu nobduhom u nirrispettawhom.

Jintwera Feature fuq ir-raba' kmandament.



**Role models ta' nies li obdew**
Il-kateksit ser isemmi eżempji ta' nies li obdew ħalli jkunu ta' eżempju (role models) għal parteċipanti, ta' kif għandhom iġibu ruħhom. Il-qaddisin obdew lil Alla u għamlu dak li ried minnhom.

Dolores Hart twieldet fl-1938 u għadha ħajja sal-lum (2012). Hi kienet attriċi tajba ħafna u popolari. Ħadmet anke 2 films ma' Elvis Presley. Imma mbagħad ħasset lil Alla jsejħilha biex tidħol soru Benedittina. Hi obdiet lil Alla u għamlet dak li ried minnha. Illum tinsab kuntenta ħafna fil-kunvent. Hi tgħid li 'Alla aqwa minn Elvis Presley'.

Jintwera feature fuq Dolores Hart.

## L-Attività

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jagħmlu poster fuq it-tema 'Irrid nobdi lil Alla fil-ħajja tiegħi'. Jistgħu jieħdu eżempji ta' role models fil-ħajja tagħhom li bħalhom iridu jobdu. Dan jgħin biex il-parteċipanti jifhmu tajjeb li hemm bżonn tal-awtorità fil-ħajja tagħhom. Mingħajr min imexxina ma nkunux kapaċi naslu.

## Għeluq

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex wara xulxin jirringrazzjaw lil Alla talli tahom min jieħu ħsiebhom. Hekk il-parteċipanti jsiru iktar rikonoxxenti għal fatt li Alla tahom min jieħu ħsiebhom.

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Irrid ngħin lill-oħrajn

**L-GĦAN**

- F'din il-lezzjoni l-parteċipanti ser jsiru jafu li biex jien inkun follower ta' Ġesù rrid ngħin lill-batuti.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù, hawn ħafna faqar fid-dinja. Dan minħabba li hawn nies egojisti u jaħsbu fihom infushom biss. Għin lil dawk il-foqra biex dejjem jafdaw fik u pprovdilhom dak kollu li għandhom bżonn.*

### Ikollok bżonn:

- Caption bil-kliem: irrid ngħin lill-batut
- Feature: Pier Giorgio Frassati
- Feature: L-opri tal-ħniena: Żur lil morda

**KONTENUT - DISKUSSJONI**
Il-katekist għandu joħloq diskussjoni mall-parteċipanti u jagħtihom iċ-ċans biex jitkellmu u jesprimu ruħhom. Importanti li l-katekist ikun jaf il-parteċipanti x'qed jifhmu mil-lezzjoni.

Xi tfisser tgħin lill-batut?
Min hu l-batut?
Għalfejn mhux bil-fors trid tmur il-missjoni biex tgħin lill-batut?

**Eżempji mill-ħajja**
Il-katekist għandu jagħti eżempji prattiċi ta' tfal tal-età tal-parteċipanti fuq l-għajnuna lill-batut. B'hekk ikollhom eżempji reali u attwali.

*Clive jmur jgħin fl-istitut tal-Creche tas-Sliema flimkien ma' ommu kull nhar ta' Sibt filgħodu.*

*Victoria tagħti nofs l-ħobż tagħha lil tifla li ma kellliex x'tiekol fil-brejk.*

*Eleana tmur iżżur lill-anjanzi li jgħixu fir-Residenza San Vincenz de Paule flimkien ma' missierha kull nhar ta' Ħadd.*

Il-katekist jista' jagħti aktar eżempji jew jistieden lill-parteċipanti biex jagħtu eżempji huma.

**X'qal Ġesù fuq li ngħinu lill-oħrajn**
Il-katekist irid jispjega lill-parteċipanti li Ġesù tkellem ċar fuq il-fatt li rridu ngħinu lill-batut. Ġesù semma ħafna stejjer fuq li ngħinu lil min hu batut u fil-bżonn. L-iktar famuża hi l-parabbola tas-samaritan it-tajjeb. Ġesù stess ukoll għen lil min kien batut u mwarrab fis-soċjetà. Il-katekist jista' jsemmi iktar eżempji ta' Ġesù fejn tkellem fuq l-għajnuna lil min hu batut.

**L-opri tal-ħniena: Żur lil morda**
Hi karità kbira li mmorru nżuru lill-morda u mhux nabbandunawhom u ninsewhom u nħalluhom isoffriu waħedhom. Eżempju prattiku għall-parteċipanti huma n-nanniet. Irridu mmorru nżuruhom u mhux ninsewhom.

Jintwera feature fuq l-opri tal-ħniena:
Żur lill-morda.



Role models ta' nies li għenu lil min kien batut
Il-kateksit ser isemmi eżempji ta' nies li għenu lil min kien batut ħalli jkunu ta' eżempju (role models) għal parteċipanti ta' kif għandhom iġibu ruħhom.

San Martin De Porres għen lill-batut. Fil-fatt għandna t-tradizzjoni tal-'borża ta' San Martin'. San Nikola ta' Bari għen lil min kellu bżonn l-għajnuna. Fil-fatt ħarġet it-tradizzjoni ta' 'Father Christmas'.

Pier Giorgio Frassati twieled f'Turin, is-Sibt 6 t'April 1901.Kien jgħix fi żmien bejn iż-żewġ gwerer dinjija. FL-1918 daħal mas-Soċjetà ta' San Vincenz de Paule fejn kien jiddedika ħafna mill-ħin liberu tiegħu servi l-morda. Il-familja ta' Frassati kienu sinjuri, imma missierhom qatt ma tagħhom ħafna flus x'jonfqu. Madankollu dak li kellu Pier Giorgio kien jagħtih lill-fqar. Sħabu kien jistaqsuh: "Għaliex tirkeb third class fuq it-trejn?" Hu kien iwieġeb: "Għaliex m'hemmx fourth class."

Jintwera feature fuq Pier Giorgio Frassati.

## L-Attività

Il-katekist jiftiehem mal-kappillan tal-parroċċa li l-parteċipanti ħa jagħmlu kartolini lill-anzjani/nies morda tal-parroċċa. Meta dawn il-kartolini jkunu lesti, il-katekist jgħaddihom lill-kappillan u mbagħad il-kappillan iqasamhom hu flimkien mal-qassisin sħabu meta jmorru jqarbnu lill-morda tal-parroċċa. Dan huwa ġest sabiħ għax hekk il-parteċipanti jkunu qed jiftakru f'dan in-nies li ma jistgħux joħorġu mid-dar ħabba problem ta' saħħa.

Għalhekk, il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jagħmlu kartolina żgħira fejn fiha jiktbu messaġġ ta' kuraġġ lil dawn in-nies.

Tkun idea tajba ħafna li l-katekist jista' jistieden lill-kappillan/qassis tal-parroċċa biex jagħtih il-kartolini quddiem il-parteċipanti stess.

## Għeluq

Ġesù ħu ħsieb lin-nies morda tal-parroċċa tagħna, kemm dawk anzjani u kemm dawk li mhumiex. Tihom l-għajnuna li għandhom bonn. Għin ukoll lil dawk kollha li jieħdu ħsiebhom ħalli ma jaqtgħux qalbhom.

# 4.4 Biex inkun tassew dixxiplu...

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din il-lezzjoni ħa nsemmu 2 ċirkustanzi prattiċi kif fil-ħajja tagħna rridu nagħżlu li nkunu followers' ta' Ġesù: irrid naħfer u ma nisraqx.

**L-GĦAN**

- F'din il-lezzjoni l-parteċipanti ser isiru jafu li biex jien inkun follower ta' Ġesù irrid naħfer.

### Ikollok bżonn:

- Caption bil-kliem: irrid naħfer
- Feature: Il-Missierna
- Featrue: Papa Ġwanni XXIII

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Irrid naħfer

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù, meta xi ħadd jagħmilli d-deni jkolli aptit inpattijilu lura. Għini niftakar li bħalma inti ħfirt lil dawk li salbuk, hekk jien irrid naħfer lil min għamilli d-deni.*

**KONTENUT - DISKUSSJONI**
Il-katekist għandu joħloq diskussjoni mall-parteċipanti u jagħtihom iċ-ċans biex jitkellmu u jesprimu ruħhom. Importanti li l-katekist ikun jaf il-parteċipanti x'qed jifhmu mil-lezzjoni.

Xi tfisser il-maħfra?
Faċli li taħfer?
Meta taħfer, int tellief?
Meta taħfer, min jirbaħ?
X'inhi mela l-maħfra skont l-Iskrittura?
David jikteb: 'Hieni min ħtijietu maħfura, min dnubu mistur. Hieni l-bniedem li l-Mulej ma jgħoddlu l-ebda ħtija' (Salmi 32:1,2). Bil-maħfra d-dnub jindifen, il-Mulej ma jibqax jgħodd lill-midneb ħati. Alla jaħbi l-offiża u jingassa d-dejn, kif iwegħdna l-Mulej: 'Fi dnubiethom u ħtijiethom ma niftakarx aktar' (Lhud 10:17).

Mela, il-maħfra hi wegħda minn min kien offiż li ma jsemmix iżjed id-dnub ta' min offendih. Ma jqajjimx aktar il-kwistjoni ma' ħadd. Id-dejn tħassar darba għal dejjem u fil-futur qatt ma jerġa' jixlih bih. Meta taħfer lil xi ħadd effettivament tkun tgħidlu: "Jien inwegħedek li ma nibqax insemmi d-dnub tiegħek iżjed.'

**Eżempji mill-ħajja**
Il-katekist għandu jagħti eżempji prattiċi ta' tfal tal-età tal-parteċipanti fuq l-għajnuna lill-batut. B'hekk ikollhom eżempji reali u attwali.

*Victoria taħfer lil waħda li gidbet fuqha.*
*Clive jaħfer lil wieħed li fil-break qabad itih għal xejn b'xejn.*

*Eleana tirċievi azzjoni ħażina mingħand tifla li toqgħod fit-triq tagħha. Marret tgħid kontra Eleana mal-ħbieb tal-klassi ta' Eleana. Issa ħadd ma jrid joqgħod ma' Eleana u Eleana tinsab imweġġa' ħafna.*

Il-katekist jista' jagħti aktar eżempji jew jistieden lill-parteċipanti biex jagħtu eżempji huma.

**X'qal Ġesù fuq li naħfru**
Il-katekist irid jispjega lill-parteċipanti li Ġesù tkellem ċar fuq il-fatt li rridu naħfru.

Ġesù qalilna ċar u tond li rridu naħfru biex Alla jaħfer lilna, "Aħfru u Alla jaħfer lilkom". (din bħal tal-F2!!! Mela jien nikmanda lil Alla!!!) Ġesù qalilna "Jekk tħobbu lil min iħobbkom biss xi ħlas għandkom? Għamlu l-ġid lil min jagħmlilkom id-deni".

Fit-talba li għallimna Ġesù, il-Missierna, qalilna 'aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina'. Meta staqsewh "Kemm għandna naħfru?" wieġeb "Għal sebgħa u sebgħin darba." Ġesù tana l-aqwa eżempju ta' maħfra meta ħafer lil dawk li salbuh fuq is-salib meta hu kien bla ħtija.

Il-katekist jista' jsemmi iktar eżempji ta' Ġesù fejn tkellem fuq l-għajnuna lil min hu batut. Poġġa fil-prattika dak li għallem.

**Il-Missierna**
Din hija talba li għallimilna Ġesù stess meta Filippu staqsih x'għandna nitolbu. Fiha Ġesù jagħmilina ċara li aħna irridu naħfru lil min jagħmlilna d-deni. Hekk Alla jkun jista' jaħfer lilna. (Kieku jien inħalliha barra din is-sentenza sakemm ma tiġix spjegata b'mod sew inkella t-tfal ser jemmnu li Alla ma jaħfrilhomx – dan mhux Alla ta' mħabba li qed inwasslu!!)

Jintwera Feature fuq il-missierna.

**Role models ta' nies li ħafru**
Il-kateksit ser isemmi eżempji ta' nies li ħafru lil min għamlilhom id-deni ħalli jkunu ta' eżempju (role models) għal parteċipanti ta' kif għandhom iġibu ruħhom.

San Stiefnu, l-ewwel martri għal Ġesù, ħafer lil min ħaġru bil-ġebel.

Santa Marija Goretti ħafret lil Alessandro li taha 14-il daqqa ta' stallet. (Kieku nippreferi l-ġrajja ta' Ġużeppi li ħafer lil ħutu)

San Ġwann Marija Vianney ħafer lil wieħed li prova jwaqqgħu għaċ-ċajt.

Wieħed professor imsemmi pprova jwaqqgħu għaċ-ċajt iżda l-Kurat bl-għajnuna ta' Alla għenu jagħraf sewwa lilu nnifsu. Meta għaraf l-istat ħażin tiegħu l-professur Maissant mhux biss talab maħfra iżda niżel għarkupptejh u mimli umiltà beda jitlob u bidel ħajtu.



Papa Ġwanni XXIII mar iżur lill-ħabsin biex jurihom li Alla ried jaħfrilhom.

Meta laħaq Papa ried imur fejn il-ħabsin għax "dawk ma jistgħux jiġu jarawni... allura mmur jien." Mar ikellimhom, sejħilhom ħutu u wriehom li l-ħniena ta' Alla hija bla tarf u hu dejjem jinsab lest li jaħfrilna. Wieħed mill-ħabsin mimli fiduċja għall-kliem tal-Papa, resaq lejh u minn taħt l-ilsien staqsieh: "Taħseb li għalija wkoll hemm tama?" Il-Papa flok wieġbu ħaddnu miegħu u b'hekk urieh li l-ħniena ta' Alla hi għalih ukoll jekk jitlob maħfra.

---

Jintwera feature fuq Papa Ġwanni XXIII.

## L-Attività

Il-katekist jaqsam lill-parteċipanti fi tlett gruppi u jistedinhom jagħmlu sketch fuq eżempju mill-ħajja tagħhom fejn huma jiltaqgħu ma' sitwazzjoni fejn iridu jaħfru lil xi ħadd li jagħmlilhom il-ħsara.

## Għeluq

Ġesù għinni biex meta nirċievi azzjoni ħażina naħseb fik ħalli naħfer. Meta ma naħfirx l-ewwel li ma nbatti jien għax ma ngħix fil-paċi. Għinni Ġesù ħalli naħfer minn qalbi dejjem.

---

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Ma nieħux dak li mhux tiegħi

**Ikollok bżonn:**

- Caption bil-kliem: irrid ma nisraqx
- Feature: is-7 kmandament
- Feature: Monsinjur Ġużeppi De Piro

**L-GĦAN**

- F'din il-lezzjoni l-parteċipanti ser jsiru jafu li biex jien inkun follower ta' Ġesù rrid ma nisraqx.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù, meta xi ħadd ikollu xi ħaġa li jien ma għandix imma nixtieqa, inkun nixtieq neħodilu. Għinni niftakar li int għidtilna biex ma neħdux affarijiet li mhumiex tagħna.*

**KONTENUT - DISKUSSJONI**

Il-katekist għandu joħloq diskussjoni mall-parteċipanti u jagħtihom iċ-ċans biex jitkellmu u jesprimu ruħhom. Importanti li l-katekist ikun jaf il-parteċipanti x'qed jifhmu mil-lezzjoni.

Xi tfisser ma tisraqx?
Xejn ma nista' nisraq?
Affarijiet biss m'għandiex nisraq?

**Eżempji mill-ħajja**

Il-katekist għandu jagħti eżempji prattiċi ta' tfal tal-età tal-parteċipanti fuq li ma għandix nisraq. B'hekk ikollhom eżempji reali u attwali.

*Clive jmur għand il-ħabib tiegħu, jara l-logħob tal-PSP li għandu, u jara waħda li m'għandux bħalha. Għalhekk jigrifilu ħalli ma tibqax taħdem.*

*Victoria jogħġobha l-pocket tal-kuluri tal-ħabiba tagħha. M'għandhiex bħalu imma ma tisriqux.*

Il-katekist jista' jagħti aktar eżempji jew jistieden lill-parteċipanti biex jagħtu eżempji huma.

**X'qal Ġesù fuq li ma għandhiex nisirqu**

Il-katekist jista' jsemmi iktar eżempji ta' Ġesù fejn tkellem fuq l-fatt li ma għandniex nieħdu dak li mhux tagħna.

Ġesù jgħid: Agħtu lill-Ċesri dak li hu ta' Ċesri u lil Alla dak li hu ta' Alla.

**Is-7 Kmandament**
Għandna wkoll wieħed mill-kmandamenti li jgħidilna li ma rridux nisirqu. Min ħa jgħidli liema hu? Ħalli lill-parteċipanti jaqtgħu liema wieħed hu. Is-seba' kmandament jgħid li ma għandiex nisirqu. Dak li hu tana għandu jkun biżżejjed għalina. Ma rridux nieħdu dak li mhux tagħna.

Jintwera feature fuq is-seba' kmandament.

**Role models ta' nies li mhux talli ma serqux anzi taw minn tagħhom stess lill-oħrajn**

Il-kateksit ser isemmi eżempji ta' nies li mhux talli ma serqux, anzi taw minn dak li hu tagħhom lill-oħrajn.

Il-missjunarji taw ħajjithom biex imorru fil-missjoni biex jgħallmu fuq Ġesù lil min għadu ma semax bih.

San Franġisk Saverju mar ixandar l-Evanġelju ta' Ġesù fil-missjoni.

Monsinjur Ġużeppi De Piro kien missier l-iltiema u l-foqra f'Malta. Hu wkoll il-Fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Jintwera feature fuq Monsinjur Ġużeppi De Piro.

## L-Attività

Il-katekist jaqsam lill-parteċipanti f'żewġ gruppi. Dawn il-gruppi ħa jagħmlu role play fuq il-ħajja ta' Monsinjur Ġużeppi De Piro. Il-parteċipanti jkunu diġà raw il-feature fuq il-ħajja tiegħu għalhekk ikollhom idea fuqha.

## Għeluq

Ġesù għin lil dawk in-nies li serqu xi ħaġa ħalli jiddispjaċihom talli għamlu. Għinnhom jindunaw li għamlu xi ħaġa ħażina ħalli b'hekk jaslu li jitolbuk maħfra u jroddu l-affarijiet li serqu lura.



# 4.5 Ċelebrazzjoni

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Peress li nkunu wasalna fi żmien ir-Randan meta tkun qed issir din l-unità, ħa jkollna ċelebrazzjoni marbuta fuq il-maħfra u l-penitenza. Norbtuha mal-unità billi joħroġ il-punt li fejn jien inqast li nkun 'follower' ta' Ġesù, ħa nitolbu maħfra u Ġesù jaħfirli meta jarani niedem. Mil-lum il-quddiem irrid nagħmel ħilti biex inkun 'follower' aħjar ta' Ġesù.

**Ikollok bżonn:**

- Script taċ-ċelebrazzjoni
- Arranġament ta' kurċifiss mal-artal
- Xewk
- Xemgħa
- Martell imsiemer
- Parteċipanti mħejjija għall-plays

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Żmien ta' penitenza u maħfra

**ĊELEBRAZZJONI**
L-ambjent tal-kamra jkun armat b'mod attrajenti u differenti mis-soltu.

Fuq is-CD tar-riżorsi sib l-i*script* taċ-ċelebrazzjoni biex tkun tista' tmexxi fuqha. Għandu jindaq kant relatat mar-Randan biex iktar nidħlu fl-atmosfera u jintlaħaq l-għan taċ-ċelebrazzjoni.

Unità 5

# Relazzjonijiet

**Skop tal-unità**
Il-parteċipanti jibdew jindunaw li kull bniedem bil-mod il-mod jibni f'ħajtu relazzjonijet differenti. Dawn ir-relazzjonijiet jistgħu jkunu tajba jew ħżiena. Huwa x-xogħol tagħna li nibżgħu għal dawk ir-relazzjonjiet tajbin. Il-parteċipanti ser jifhmu xi tfisser u x'jibni relazzjoni. Ser jiltaqgħu wkoll mar-relazzjonijiet li kellu Ġesù. Fuq kollox ħa jsiru aktar konxi li ankè jien jista' jkolli relazzjoni ma' Ġesù.

Nikbru flimkien

# 5.1 X'inhi relazzjoni?

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din l-unità l-parteċipanti ser jifhmu aktar xi tfisser il-kelma 'Relazzjoni'. Din hija kelma li tintuża għal ħafna affarijiet imma li biex taħdem u tirnexxi trid tkun reċiproka. Il-parteċipanti wkoll ser jarfgħu u jindunaw x'inhu dak li jibni relazzjoni.

**L-GĦAN**

- F'din il-lezzjoni l-parteċipanti ser jifhmu aktar xi tfisser il-kelma 'Relazzjoni'. Din hija kelma li tintuża għal ħafna affarijiet imma li biex taħdem u tirnexxi trid tkun reċiproka.

## Ikollok bżonn:

- Flash Cards: Relazzjoni, relazzjoniet, Samaritan it-tajjeb
- Stampi /dvd Samaritan it-tajjeb
- Stampa tifla waħedha waqt li grupp ieħor jilgħabu/jitkellmu flimkien
- Ismijiet tat-tfal li ser jieħdu sehem fil-playlet

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Xi tfisser 'Relazzjoni?

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù aħna qed niġu hawn biex insiru nafu aktar fuqek u kif nistgħu nibqgħu ħbieb tiegħek. Biex inkunu ħbieb tiegħek irridu nkunu ħbieb mal-oħrajn. Mhux dejjem huwa faċli li nkunu ħbieb għax hemm xi ftit nies li jiena ma jkollix grazzja magħhom. Jekk jogħġbok Ġesù, għinni nkun ħabib ma' kulħadd.*

**KONTENUT - L-ISTORJA TA' MARLENE**
*Marlene kienet toqgħod il-Wardija. Ma tantx kienet kuntenta. Tafu għaliex?* Ħalli lill-parteċipanti jgħidu x'jaħsbu huma.

Il-katekist ikompli:
*Sewwa qtajtu (dejjem jekk ikunu qatgħu)! Miskina Marlene ġiet toqgħod il-Wardija u ma kellhiex ħbieb. Fl-iskola fejn kienet tmur ma' kellha lil ħadd mill-Wardija. Waqt il-break tal-iskola taħsbu li kienet tilgħab Marlene?*

Ħalli lill-parteċipanti jgħidu x'jaħsbu huma. Il-katekist ikompli: *Le miskina għax ma kellhiex ħbieb. Waqt il-lezzjonijiet kienet tkun ftit imdejjqa għax kienet tistħi tistaqsi lill-għalliema meta ma kienetx tifhem. Imma taħsbu li dejjem baqgħet imdejqa Marlene?*

Ħalli lill-parteċipanti jgħidu x'jaħsbu huma. Il-katekist ikompli: *Le. Darba tafu x'ġara? Ħa ngħidilkom.*

Marija li kienet fil-klassi ta' Marlene indunat li Marlene kienet imdejqa u ddeċidiet li tagħmel xi ħaġa biex Marlene ssir ferħana. Darba qabel ma bdiet il-lezzjoni Marija qalet lil sħaba:

Marija — Fil-break ejjew ħdejn is-siġra għax irrid inkellimkom.
Josef — X'ġara kemm tidher ferħana?
Kathleen — U ejja għidilna issa.
Marija — Le ma nistax ngħidilkom issa, min irid jiġi min ma jridx ma jiġiex. Imma tgħidu xejn lil Marlene.

Waqt il-break kulħadd mar biex jara x'riedet Marija.

Marija — Ili ftit naħseb fuq Marlene Kemm tidher imdejqa miskina. Nixtieq li ma narahiex daqshekk imdejqa.
Kathleen — Imma aħna xi tridna nagħmlu? Jekk hi mdejqa aħjar għaliha.
Josef — U mhux hekk Kathleen. Ejja naraw x'qed taħseb Marija u mbagħad nitkellmu. Marija xi trid tgħidilna?
Marija — Kif tafu intom Marlene m'ilhiex ħafna tiġi fl-iskola tagħna. Allura ftit għandha ħbieb. Miskina ma taf lil ħadd u aħna ftit ippruvajna nagħmlu ħbieb magħha. Veru? .. sewwa qed ngħid? (It-tfal jagħmlu sinjal b'rashom u juru li veru )
Thomas — Imma Marija aħna ma nafux x'nistgħu nagħmlu. Jien nixtieq ngħinha. Imma...

Paul — Veru Marija! Imma inti għandek xi idea x'nistgħu nagħmlu?
Marija — Iva naħseb li għandi. Araw intom taqblux? Il-bieraħ meta konna l-Museum u kellna lezzjoni fuq il-parabbola ta' dak li qabduh il-ħallelin u serquh.

Hawn il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti jafux din il-parabbola u jitkellmu ftit fuq il-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb.

Kathleen — Imma dan x'għandu x'jaqsam ma' Marlene. Ara jien sejra 'l hemm. (titlaq)
Paul — Kompli Marijia... jien naħseb li qed nifhem..
Marija — Thank you Paul. Jien bdejt naħseb li aħna lkoll nistgħu nkunu bħal dak ir-raġel li għin lil dak li kien fl-art. Ma nafx x'qaltilna li jgħidulu s-superjura.



| | |
|---|---|
| Thomas | Iva naf is-Samaritan it-tajjeb. Hu għamillu faxxa u tellgħu fuq il-ħmar u ħadu fil-lukanda. Imma xorta għadni mhux nifhem. |
| Josef | Naħseb li rridu nagħmlu kif għamel dak is-Samaritan ... u naraw kif ser ngħinu lil Marlene u b'hekk inkunu qed nagħmlu dak li jixtieqna nagħmlu Ġesù. Hi isma ġa daqqet il-qanpiena sar il-ħin! |
| Marija | Tridux il-lejla kulħadd jaħseb kif ser ngħinu lil Marlene u għada nerġgħu niltaqgħu? |
| Kulħadd | Iva iva hekk nagħmlu. |

L-għada fil-break reġgħu ltaqgħu

| | |
|---|---|
| Marija | Donnu kulħadd qiegħed hawn. Ara hawn Catherine u Censina, tajjeb, tajjeb ħafna. |
| Paul | Marija jiena tkellimt mal-mama u ħadet ħafna gost b'dan li ser nagħmlu... qaltli meta tridu għiduli u nagħmlilkom fruit salad biex tistiednu lil Marlene toqgħod magħkom fil-break u b'hekk tibdew tagħmlu ħbieb magħha. |
| Josef | Kumbinazzjoni jiena ftit jiem oħra ser nagħlaq snieni u tkun idea tajba biex nitlobha tgħinni ndaħħal il-kejk fil-klassi, b'hekk id-daddy qalli tħossha importanti u waħda minna. |
| Marija | Jien bi ħsiebni fil-break għada immur ħdejha u nistedinha tiġi tilgħab magħna ... għax miskina qatt ma għidnilha tiġi ħdejna. |

**Diskussjoni**
Staqsi lill-parteċipanti biex jagħtu r-reazzjoni tagħhom għal din l-istorja. Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti: "Jiena użajt kelma tqila: Relazzjoni. Hawn min jaf xi tfisser din il-kelma?

*Relazzjoni = rabta ta' ħbiberija; ċirkustanza li tressaq wieħed ma' ieħor u twassal għall-ħbiberija.*

Il-katekist jista' jġib eżempji ta' relazzjonijiet differenti li jkollna. Jistaqsi wkoll lill-parteċipanti kieku kienu huma x'kienu jagħmlu biex jibnu relazzjoni ma' Marlene.

Waqt li tpoġġi l-ismijiet tat-tfal li ħadu sehem fl-istorja fuq il-whiteboard itlob lill-parteċipanti jaqsmu dawn l-ismijiet fi gruppi skont kif ġabu ruħhom u fl-istess ħin jgħidu għaliex qasmuhom b'dan il-mod. Aktarx li l-aktar ħaġa li tispikka tkun li Kathleen telqet u m'għamlet xejn. Imma rridu naħsbu fuq l-oħrajn li qablu u taw support lil Marija biex tkun tista' tibda x-xogħol li xtaqet tagħmel. Hemm Paul u Josef li ħadu parir mill-mummy u d-daddy tagħhom. Marija kienet dik li kellha l-kuraġġ li tmur ħdejn Marlene u tkellimha.

**L-imġieba ta' Marija**
Il-katekist ikompli jistaqsi: x'jaħsbu fuq Marija? Irid joħroġ il-punt u jsir emfasi fuq il-fatt li Marija kienet dik li ħadmet ħafna biex tinbena relazzjoni; kemm kienet qalbha tajba; kemm kienet kuraġġuza; kemm kienet attenta waqt il-lezzjoni; kemm ħasbet fuq dak li qal Ġesù fil-parabbola.

# L-Attività

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jippreżentaw l-istorja ta' Marija u sħabha f'forma ta' play żgħira.

Fejn il-grupp ta' parteċipanti jkun kbir il-katekist jista' jagħżel lil xi wħud biex jieħdu sehem jew inkella jista' jagħżel li l-play issir iktar minn darba.

# Għeluq

Bħala għeluq il-katekist jistieden lill-parteċipanti jirringrazzjaw lil Alla talli tagħhom il-kapaċità li jkunu jistgħu jikkomunikaw u jkollhom tipi differenti ta' relazzjonijiet.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# X'inhu dak li jagħmel relazzjoni?

> ## Ikollok bżonn:
> - Stampi tal-istorja ta' Marija

**L-GĦAN**

- Il-parteċipanti wkoll ser jarfgħu u jindunaw x'inhu dak li jagħmel relazzjoni.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù jiena wkoll nixtieq li kull fejn inkun ngħin biex ikollna relazzjoni tajba bejnietna. Jekk jogħġbok għini biex nagħmel dak li nista' biex dan isir.*

**KONTENUT**

*Nota: Il-katekist jitlob lill-parteċipanti jgħidu fil-qosor dak li ntqal fil-lezzjoni ta' qabel. Il-katekist ikompli jistaqsi lill-parteċipanti:*

*Kif taħsbu li spiċċat l-istorja ta' Marija u l-kumplament tal-klassi?* Ħalli lill-parteċipanti jgħidu x'jaħsbu. Tkompli l-istorja ta' Marija:

It-tfal tal-klassi qegħdin fil-bitħa tal-iskola.

Marija — X'jidhrilkom eh? Kemm ħadet gost Marlene l-bieraħ!

Thomas — Jien lanqas ridt nemmen kemm ferħet meta inti mort ħdejha u stedintha tiġi tilgħab magħna. Meta nagħmlu team biex nilgħabu jiena nkun irridha fit-team tagħna daqs kemm taf tilgħab.

Josef — Ara ġejja Marlene! Kemm tidher ferħana!

Marlene — Kollox sew? X'ser nilgħabu llum? Il-mama qaltli biex fil-weekend tiġu d-dar tagħna għax nistgħu nagħmlu BBQ fil-ġnien tagħna. Jekk tistgħu tagħtuni n-numru tat-telefon aħjar għax il-mama tixtieq tavża lill-mama tagħkom biex tħallikom tiġu għandna.

It-tfal kollha ħadu gost b'din l-istedina u bdew jgħaddu l-kumment tagħhom.

Marija — Jien nixtieq niġi.

Josef — Il-mama naħseb li tħallini .

Thomas — Anki jien! Grazzi Marlene tal-istedina



**Diskussjoni**
Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti: Kif taħsbu li spiċċat l-istorja? Żgur li baqgħu ħbieb u bnew relazzjoni tajba ma'xulxin. Min ħadem ħafna biex din ir-relazzjoni tibda? Marija ħadmet ħafna.

Imma Marija waħedha setgħet tibni relazzjoni sabiħa bejn il-klassi kollha? Le għax kien hemm ukoll it-tfal tal-klassi li kollha għamlu dak li setgħu biex ir-relazzjoni ma' Marlene ssir aħjar.

Il-katekist irid jispjega li biex nibnu relazzjoni sabiħa irridu naħdmu għaliha.

X'għamlet Marija ma' ħbiebha biex jibdew isiru ħbieb u jibnu relazzjoni ma' Marlene? Ħasbet u indunat li Marlene kienet imdejqa għax ma kellhiex ħbieb.Ftakret x'kien qal Ġesù fil-parabbola. Mela kienet toqgħod attenta ħafna waqt il-lezzjoni u mhux tħalli kollox itir mar-riħ. Ma ddejqitx titkellem ma' sħabha fuq dak li ħasbet u xtaqet. Setgħet ma tkellmet xejn għax beżgħet li sħabha ma jaċċettawx dak li kienet ser tgħidilhom u forsi wkoll jidħqu biha.

X'għamlu l-ħbieb ta' Marija? Kien hemm min qabel u min ma qabilx.

X'irridu nagħmlu biex nibnu relazzjoni tajba? Ħalli lill-parteċipanti jgħidu x'jaħsbu huma u kkumenta fuqhom. Fuq kollox, Irridu insiru nafu lill-persuna l-oħra. Meta stiednu lil Marlene biex tiġi ħdejhom, indunaw li kienet taf tilgħab ħafna, li ma kienitx tifla li ddejqek.

Irridu nagħmlu sforz. Marija għamlet sforz biex titkellem ma' sħabha u ma ddejqitx u ma qatgħetx qalbha meta Kathleen telqet 'l hemm.

# L-Attività

Il-parteċipanti jkomplu l-mima li bdew fil-lezzjoni ta' qabel skont l-istorja kif żvolġiet issa.

# Għeluq

Ġesù kemm kienet tifla qalbha tajba Marija. Hi kienet toqgħod attenta waqt il-lezzjoni u tifhem dak li kienet tkun qed tgħidilhom il-katekista. Jiena wkoll nixtieq li nkun bħalha biex nitgħallem aktar fuqek u nsir aktar ħabiba tiegħek.

# 5.2 Alla għandu stedina għalina

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din l-unità l-parteċipanti ser jaraw li anki Ġesù kellu ħafna relazzjonijet ma' nies diversi. Hu kien kapaċi jibni relazzjonijiet mal-Appostli, ma' ommu u missieru, mat-tfal u mal-kbar. Kull min iltaqa' ma' Ġesù wara ħassu differenti. Min irnexxilu jibni relazzjoni tajba ma' Ġesù żgur li ma ddispjaċihx li ltaqa' ma' Ġesù.

**L-GĦAN**

- F'din l-unità l-parteċipanti ser jaraw li anki Ġesù kellu ħafna relazzjonijet ma' nies diversi. Hu kien kapaċi jibni relazzjonijiet mal-Appostli, ma' ommu u missieru, mat-tfal u mal-kbar.

## Ikollok bżonn:

- Stampi ta' Ġesù fil-ħanut ta' Ġuzeppi
- Ġesù ma' ommu Marija
- Ġesù mal-Appostli ħdejn il-baħar, f'xi għalqa,
- Ġesù waqt xi miraklu,
- Ġesù mal-kbar, mat-tfal.
- Folla nies fi triq
- Tifla ta' 8/9 snin li għandna mobile phone fil-klassi

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Ġesù u n-nies ta' żmienu

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Kemm nixtieq Ġesù li jiena wkoll ikolli relazzjonijiet tajbin mat-tfal tal-klassi tiegħi. Imma xi kultant ikun hemm xi tfal li lili jdejquni ħafna, inkun nixtieq li qatt ma jiġu ħdejja. Imma aħjar nieħu paċenzja bihom u nilgħab magħhom.*

**KONTENUT - L-ISTORJA TA' CHRISTINE**
Illum ħa ngħidu storja fuq tifla daqskom. Ħa tippruvaw taqgħtu x'jisimha. Tibda bl-ittra C. Ħalli lill-parteċipanti jippruvaw jaqtgħu. F'kas il-katekist jista' jillidja lill-parteċipanti ħalli jaqtgħu l-isem.

Kien jisimgħa Christine.

Christine kellha ħuha jismu Michael. Darba l-mama ħadet lil Christine u lil Michael il-Belt għand Auntie Rita. Il-mama qaltilhom biex joqgħodu attenti li ma jintilfux għax il-Belt ikun hemm ħafna nies. Christine waqfet tħares lejn ħanut sabiħ ħafna mimli ġugarelli sbieħ jiċċaqalqu. Imma l-mama ma ndunatx u baqgħet sejra. Malli Christine ndunat li l-mama ma kinitx ħdejha bdiet tibki. Christine malajr ftakret li l-mama kienet tgħidilhom biex jekk xi darba jintilfu jibqgħu fejn ikunu għax hi zgur li kienet tiġi tfittixhom u ssibhom imma jekk jaraw xi puluzija jgħidulu li ntilfu u jgħidulu l-mobile number tal-mama biex hi malajr tiġi u ssibhom. Il-mama ta' Christine indunat li

Christine kienet intilfet u bdiet taħseb fejn setgħet kienet Christine. Sa dan it-tant Christine bdiet titkellem ma' waħda mara anzjana. Din il-mara ndunat li Christine kienet inkwetata għax ġralha xi ħaġa. Christine bdiet tibki u lill-anzjana qaltilha li kienet tilfet lill-mama. Din il-mara staqsiet lil Christine jekk il-mama kellhiex mobile u meta Christine qaltilha li l-mama kellha mobile, l-anzjana qaltilha jekk tridx iċċemplilha u tara fejn qegħda. Christine ċemplet lill-mama u din malajr ġiet ma' Michael . Kemm ferħet Christine meta rat lill-mama. Il-mama irringrazzjat lill-dik l-anzjana li kien jisimha Vanna. Il-mama stiednet lil Vanna biex imorru jieħdu xi ħaġa flimkien bħala ringrazzjament ta' dak li kienet għamlet ma' Christine.

**DISKUSSJONI**
Intom ġieli mortu l-belt ?
Ħadtu gost?
X'għamiltu?
Hawn xi ħadd li xi darba intilef?
U mbagħad x'għamilt meta ndunajt li ntlift?

Christine x'għamlet meta ntilfet?
Ma' min għamlet ħbieb?
Il-mama x'għamlet biex tgħid grazzi lil Vanna ?

Taħseb li Christine, il-mama u Michael baqgħu ħbieb ma' Vanna? Għaliex taħseb hekk? Billi Christine għamlet relazzjoni tajba ma' dik l-anzjana sabet l-għajnuna u l-mama malajr ġiet ħdejha.

**Ġesù u r-relazzjiet man-nies**
Matul il-ħajja tiegħu fuq din l-art, Ġesù bena ħafna relazzjonijiet sbieħ man-nies ta' madwaru. Ħa nsemmu xi stejjer fuq Ġesù fejn naraw ir-relazzjonijiet li kellu ma' diversi nies.

Għal kull ġrajja tajjeb li jitwera parti mill-video ta' Jesus of Nazzaret fejn jirrakkonta dik il-ġrajja. Il-video għandu jintwera wara li l-katekist ikun fisser l-istorja u ħareġ il-punt li jrid jisspika. Dan biex waqt il-video l-parteċipanti jkunu jistgħu jifhmu aħjar x'ried jgħid il-katekist.

Ġesù mitluf fit-tempju. (Luqa 2 V 41 – 52)
Il-katekist jirrakkonta l-ġrajja fi kliemu.
Il-punt li jrid jisspika f'din il-ġrajja hu li Ġesù intilef u malajr irnexxielu jibni relazzjoni ma' dawk in-nies li kienu fit-tempju.

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti xi ġrajja oħra ta' Ġesù li fiha naraw lil Ġesù jibni xi relazzjoni .


5.2

Ir-relazzjonijiet li kellu Ġesù

A Little Talk With Jesus Cedarmont Kids

O a little talk with Jesus make it right, all right
Little talk with Jesus make it right, all right
Troubles of ev'ry kind
Hank God I'll always find
That little talk with Jesus make it right.

My brother, I remember when I was a sinner lost
I cried, "Have mercy, Jesus"
But still my soul was tossed
Till I heard King Jesus say,
"Come here, I'm on the way"
And little talk with Jesus make it right.

Sometimes the fork lightning and muttering thunder, too
Of trials and temptations
Make it hard for me and you
But Jesus was a friend,
He'll keep us to the end
And little talk with Jesus make it right.

My brother and my sister, you have trials like me
When we are trying to serve the Lord
And win the victory
Old Satan fight us hard
Our journey to retard
But little talk with Jesus make it right.

Ikteb fil-qosor x'tip ta' relazzjoni naraw f'dawn l-istampi

78 79

**Ġesù fil-ħanut ta' San Ġuzepp u fid-dar ma' ommu Marija...**
X'kien jagħmel Ġesù bħala tifel fil-ħanut? Kien jilgħab bl-injam li kien ikun hemm fil-ħanut, kien jiġbor l-imsiemer u jieħu l-martell u joqgħod isammar, kien jgħin lill-missieru biex jaqta' l-injam.

Id-dar Ġesù kien joqgħod jgħin lill-ommu ssajjar, tmur għall-ilma, jarha tħit u jaqbad xi labra u jipprova jħit bħalha. Bħalna Ġesù bena relazzjoni tajba mal-mama tiegħu u ma' missieru San Ġuzepp

**Ġesù mas-Samaritana**
Il-katekist jirrakkonta l-ġrajja fi kliem sempliċi mingħajr dettalji żejda.

Waqt li Ġesù kien għaddej mal-appostli tiegħu, qagħad ħdejn bir jistrieħ. U ġiet mara Samaritana. Ġesù kien bil-għatx u talabha tagħtih jixrob. Ġesù qabad diskursata magħha u qalilha li kien jaf li hi għamlet xi żbalji fil-ħajja tagħha u għinha ma tibqax fl-iżball. Hi tant ħadet gost f'din il-laqgħa sabiħa li kellha ma' Ġesu li marret lura s-Samarija tiġri u ġabet lill-oħrajn biex bħala, huma wkoll jagħmlu ħbieb ma' Ġesù.

Il-punt li jrid jisspika f'din il-ġrajja hu li Ġesù lil din il-mara ma kkundannahiex, kellu diskussjoni magħha u uriha fejn żbaljat. Tant laqatha Ġesù lil dik il-mara marret lura l-belt biex tgħid lin-nies li ltaqgħet ma' Ġesù u n-nies ħarġu magħha biex jarawh huma wkoll.

## L-Attività

Il-katekist jaqsam lill-parteċipanti fi tliet gruppi. Kull grupp (il-parteċipanti tal-grupp flimkien) jagħmel poster fuq ir-relazzjoni li kellu Ġesù ma' dawk in-nies tal-ġrajja.
Dawn il-posters jeħlu fil-klassi wara din l-Attività.

## Għeluq

Bħala talba tal-għeluq il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex jirringrazzjaw lil Alla tan-nies kollha li jiltaqgħu magħhom.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù

**L-GĦAN**

- Kull min iltaqa' ma' Ġesù, wara, ħassu differenti. Min irnexxilu jibni relazzjoni tajba ma' Ġesù meta ltaqa' miegħu żgur li ma ddispjaċihx li ltaqa' ma' Ġesù.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Il-katekist jistieden lill-parteċipanti biex flimkien jitolbu għal persuna li jafu huma li jħossu li għandha bżonn ħafna l-għajnuna ta' Ġesù.*

**KONTENUT - X'NIFTAKAR?**
*Nota: Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti x'jiftakru mill-ġrajjiet fuq Ġesù li ssemmew fil-lezzjoni ta' qabel. Ħalli lill-parteċipanti jitkellmu huma kemm jista' jkun.*

## Ikollok bżonn:

- Stampi ta' ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù li ntużaw fil-lezzjoni ta' qabel
- Qoffa ftit kbira
- Ħut tal-plastic jew tal-kartun ta' kobor differenti
- Xibka tal-plastic jew stampa

**Ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù**
Issa li fhima aħjar fuq ir-relazzjonijiet li kellu Ġesù, ser nsemmu iktar ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù li fihom Ġesù kellu relazzjoni man-nies.

Biex isir dan il-katekist jaqsam il-klassi f'żewġ gruppi. Kull grupp irid jagħmel mima tal-ġrajja ta' Ġesù li jagħżel hu u l-grupp l-ieħor irid jaqta'. Jekk il-grupp jaqta' l-ġrajja mill-ewwel jieħu 50 punt, jekk jaqta' mat-tieni darba jieħu 45 punt, jekk mat-tielet darba jieħu 40 punt, jekk mar-raba' darba jieħu 35 punt, u tibqa sejra hekk sakemm il-grupp ma jkun jista' jieħu l-ebda punt għax ma jkunx rnexxilu jaqtaha. Jirbaħ il-grupp li fl-aħħar iġib l-iktar punti.

Dan il-quiz fuq ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù irid jibqa' jsir sakemm minn tal-inqas kull grupp ikun għamel erba' eżempji ta' ġrajjiet. Jistgħu jsiru iżjed, biss jiddependi skont kemm idumu l-parteċipanti tal-grupp l-ieħor biex jaqtgħuha.

**Eżempji mill-ħajja ta' Ġesù:**
Ġesù jagħżel lill-appostli bħal Pietru, Indri, Ġwanni u Ġakbu jew Mattew il-publikan.
Ġesù ma' Marija Madalena li ħafrilha dnubietha.
Ġesù mat-tfal.

Wara li jiġi mmimat l-episodju u l-grupp l-ieħor jaqtgħuh il-katekist għandu jsemmi x'għamel Ġesù biex bena dik ir-relazzjoni ta' mħabba.

**NILTAQGĦU MA' PIETRU U INDRI**
Il-katekist joħloq atmosfera ta' talb fil-klassi. B'hekk l-aħħar parti tal-lezzjoni ħa tkun forma ta' prayer meeting fejn ser niltaqgħu mill-qrib ma' Pietru u Indri.

Il-katekist ser jagħżel 4 parteċipanti biex jieħdu sehem f'din il-play. Tajjeb li dawn il-parteċipanti jkunu jafu jaqilgħu l-parti sew għax inkella jintilef l-iskop ta' din il-play qasira.

**Ġesù jagħżel lill-appostli Pietru u Indri**

Narratur — Pietru u ħuh Indri kienu sajjieda. Kienu joqgħodu f'pajjiż ħdejn il-baħar. Huma kellhom dgħajsa li kienu jużaw meta jmorru jistadu.

Jidħlu fix-xena Pietru u Indri billi f'idejhom ikollhom qoffa bil-ħut tal-kartonċin jew plastic.

Pietru — Indri kemm qbadna ħut hux!
Indri — Tassew kienet ġurnata sabiħa! Il-



| | |
|---|---|
| | baħar kien kalm! Nirringrazzjaw lill-Mulej li tana qabda ħut tajba. |
| Pietru | Sewwa qed tgħid Indri. Tassew ħadt gost nistad. Insomma ngħiduha kif inhi naqbad u ma naqbadx ħut jien xorta nieħu gost nistad (filwaqt li jkun imiss il-ħut). |
| Indri | Veru Piet int il-baħar ma tibdlu ma xejn. Kieku tista' torqod fid-dgħajsa. Ara Pietru, dak li ġej 'l hawn min hu? Jien qatt ma rajtu hawn. |
| Pietru | Tassew! Dak mhux hawn joqgħod. Kieku kont inkun naf min hu. Imma qisu ġej ħdejna. Hi kemm qed nistħi daqs kemm jien maħmuġ! Għandi riħa ta' ħut! |
| Ġesù | Bonġu. |
| Pietru u Indri | Bonġu ħabib.. Int ma toqgħodx hawn . Donnok ġej mill-bogħod? |
| Ġesù | Tassew mhux hawn noqgħod. Jaqaw intom sajjieda? Qed nara li għandkom dgħajsa sabiħa. U dan il-ħut kollu intom qbadtuh? |
| Pietru | Iva din id-dgħajsa tagħna. Aħna sajjieda. Jiena il-baħar, id-dgħajsa u l-ħut ma nibdilhom ma xejn. Jaqaw inti wkoll sajjied? Għax inti wkoll tidher li tħobb dawn l-affarijiet. |
| Narratur | Indri juri li qed jaħseb bħal ħuh Pietru u jagħmel sinjali b'rasu li qed jaqbel. |
| Ġesù | (filwaqt li jħares lejn Pietru u Indri jgħidilhom) Tassew li jiena nħobb il-baħar. Inħobb il-ħut imma ftit għandi ħin biex immur nistad bħalkom. Tistgħu tgħiduli dan il-ħut x'isem għandu? |
| Narratur | Pietru u Indri dehru li qed jieħdu pjaċir jitkellmu ma' dan il-bniedem. |
| Pietru | Ara din jgħidulha vopa u din jgħidulha lampuka. |
| Indri | (jaqbeż Indri u jgħid) U din ara awrata. |
| Narratur | Ġesù deher qed jieħu gost fil-kumpanija tagħhom. Beda hu wkoll jaqbad u jmiss il-ħut. Pietru u Indri wkoll kienu qed jieħdu pjaċir u ma xtaqux li Ġesù jitlaq minn ħdejhom. Ġesù dar lejhom u qallilhom: |
| Ġesù | "Ejjew warajja u jien nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin". |
| Narratur | Pietru u Indri ħallew id-dgħajsa u l-ħut u jibdew jimxu wara Ġesù. |

Il-katekist jistieden lill-parteċipanti kollha biex jitkellmu u jgħidu dak li jaħsbu. Hawn xi ftit mistoqsijiet biex jgħinnuk fid-diskussjoni.

Kont tixtieq li inti wkoll tkun ma' Ġesù bħal Pietru u Indri? Ġesù bena relazzjoni tajba ma' Pietru u Indri. X'għamel biex bena din ir-relazzjoni? Mar ħdejhom, qalilhom xi ħaġa fuq id-dgħajsa, tkellem fuq xi ħaġa li huma kienu jħobbu.

Pietru u Indri wkoll ħadmu biex bnew din ir-relazzjoni. X'għamlu? Billi tkellmu ma' Ġesù, qgħadu jisimgħuh, urewh il-ħut, u ħallewh imiss il-ħut. Taħsbu li bnew relazzjoni ta' vera Ġesù, Pietru u Indri?

# Għeluq

Ġesù aħna wkoll bħal Pietru u Indri nixtiequ li jkollna relazzjoni tajba miegħek. Għinna biex naħdmu biex nibnu relazzjoni tajba miegħek.

# 5.3 Ir-relazzjonijiet tagħna

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Aħna lkoll nistgħu nibnu relazzjonijet ma' diversi persuni b'modi differenti. Hemm min ikollna relazzjoni partikolari miegħu bħal ngħidu aħna l-ġenituri u l-familjari. Hemm min ikollna relazzjoni ta' ħbiberija miegħu bħalma huma l-ħbieb. Hemm min ikollna relazzjoni ta' subordinazzjoni bħalma huma l-għalliema, il-kappillan, il-katekisti. Imbagħad hemm nies li aħna mhux dejjem naqblu magħhom. Fuq kollox hemm ir-relazzjoni tajba li nistgħu nibnu ma' Ġesù.

**L-GĦAN**

- Aħna lkoll nistgħu nibnu relazzjonijet ma' diversi persuni b'modi differenti. Hemm min ikollna relazzjoni partikolari miegħu bħal ngħidu aħna l-ġenituri u l-familjari. Hemm min ikollna relazzjoni ta' ħbiberija miegħu bħalma huma l-ħbieb. Hemm min ikollna relazzjoni ta' rispett bħalma huma l-għalliema, l-kappillan, l-katekisti. U wkoll hemm nies li aħna mhux dejjem naqblu magħhom.

## Ikollok bżonn:

- Stampi ta' attività mal-familja: waqt l-ikel, xi ħarġa, qed isir xi xogħol flimkien, waqt il-Quddiesa, waqt il-logħob, eċċ.
- Stampi ta' tfal flimkien waqt il-logħob, fil-klassi, waqt diskussjoni.
- Stampi li juru b'xi mod li t-tifel / tifla mhux qed taqbel ma' dak li jkun qed jiġri.

---

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Jiena u l-oħrajn

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù kemm hu mportanti li aħna nibnu relazzjoni tajba ma' ħafna nies. Faċli li ma' dawk in-nies li nħobbu bħal mama, papa, ħbieb, malajr nibnu relazzjoni sabiħa kif tridna nibnu inti. Imma xi kultant ma jkunx faċli li jkollna relazzjoni tajba ma nies li aħna ma tantx naqblu magħhom. Ħa ngħidlek Ġesù nixtieqek tgħini biex meta Jean Paul joqgħod jinkieni meta nitilfu fil-football xorta nibni relazzjoni tajba miegħu kif trid Int.*

**KONTENUT - L-ISTORJA TA' CHRISTINE**
Il-katekist jibda din il-lezzjoni billi jirreferi għat-talba tal-ġurnata.

Min ser jgħidli xi ħaġa minn dak li għidna waqt it-talba tal-lum? Tajjeb ... semmejna lill-ġenituri tagħna jew lil dawk li jieħdu ħsiebna.

Li jkun faċli li nibnu relazzjoni tajba ma' min iħobbna. Imma xi kultant ma jkunx faċli li nibdnu relazzjoni tajba ma nies li aħna ma tantx naqblu magħhom. X'għidna fuq Jean Paul? Ħafif li nħobbu lil Jean Paul? Għaliex?

**Christie u l-Mama**
Tiftakru meta tkellimna fuq Christine?
Ħalli lill-parteċipanti jitkellmu huma u jgħidu dak li jiftakru. Il-katekist jista' jgħin xi ftit lill-parteċipanti jekk jara li ma jistgħux jiftakru.

Christine kienet tifla bil-għaqal. Wara l-iskola meta tmur id-dar kienet tbiddel l-uniformi u waqt li tkun qed tiekol kienet titkellem mal-mama fuq dak li tkun għamlet l-iskola. Christine kienet tgħid li l-mama kienet l-akbar ħabiba tagħha. Kienet tgħidilha kollox.

X'taħsbu li kienet tgħidilha lill-mama? Ħalli lill-parteċipanti jitkellmu huma.

Il-katekist għandu jkompli jżid hu dak li ma jsemmux il-parteċipanti imma jħoss li hu importanti u addattat għal din il-mistoqsija. Dejjem trid tintuża l-prudenza skont il-klassi li jkollok.

Christine kienet tgħid li hi u l-mama kellhom relazzjoni tajba ħafna. Kienu jitkellmu fuq l-iskola, fuq il-ħbieb li kellha Christine u l-ħbieb li kellha l-mama. Il-mama kienet tgħid lil Christine dak li tkun għamlet matul il-ġurnata: marret l-uffiċju u kellha ħafna nies li ċemplulha biex jistaqsuha xi affarijiet, imbagħad ġiet d-dar u bdiet it-tisjir u l-ħasil tal-ħwejjeġ. Kienu jgħidu lil xulxin meta xi ħaġa kienet tkun diffiċli.

Il-katekist jistaqsi lit-tfal x'jaħsbu li setgħu jkunu l-affarijiet diffiċli għal Christine.

Eżempju: Fil-klassi ta' Christine kien hemm tifla li ma tantx kienet ħabiba ma' Christine u dan kien jagħmel lil Christine xi ftit imdejqa.

Meta tkellmet fuq din il-ħaġa diffiċli mal-mama, tafu x'qaltilha?
Ħalli lil parteċipanti jitkellmu huma.

Qaltilha: "Aħseb Ġesù x'kien ikun jixtieq?" jew "kieku Ġesù x'kien jagħmel?"

Il-katekist jistaqsi lit-tfal x'jaħsbu li setgħu jkunu l-affarijiet diffiċli għall-mama.

Eżempju: Meta l-mama jkollha ħafna xogħol l-uffiċju li jgħejjijha u mbagħad tkun trid tiġi d-dar u ssajjar u tnaddaf.

Christine wegħedet lill-mama li fil-għaxija meta jinġabru biex jitolbu flimkien ħa jitolbu b'mod speċjali għall-mama ħalli jkollha s-saħħa biex tagħmel ix-xogħol kollu tal-għada.

**Diskussjoni**
Taħsbu li dejjem kienet faċli għal Christine li tibni relazzjoni sabiħa ma' kulħadd?



Huwa faċli ħafna li tibni relazzjoni malajr u sabiħa ma' dawk li tieħu gost tkun magħhom.

Christine kienet tieħu pjaċir titkellem, tilgħab, taqra xi ktieb sabiħ mal-ħabiba, titlob lill-mama biex il-ħabiba tiġi magħha meta joħorġu, tistieden lill-ħabiba tagħha d-dar biex jagħmlu l-homework flimkien u joqgħodu jaraw it-TV flimkien.

Anke mal-mama u l-papa kellha relazzjoni tajba u ta' pjaċir.
X'kienet tagħmel mal-mama u mal-papa? Titkellem magħhom wara l-iskola, tistaqsihom jgħinuha meta jkollha xi diffikultà fil-HW, tara t-t.v. magħhom u ma' Michael, joħorġu flimkien, imorru mixja fil-kampanja u jużaw r-roti, eċċ.

Mhux faċli li tibni relazzjoni ma' dawk li ma tħossokx komda fil-kumpanija tagħhom.
Fil-klassi tal-iskola kien hemm tifla, Vanessa, li kienet ftit bully ma' Christine. Meta f'xi test kienet tgħaddiha fil-marki kienet toqgħod tgħid lil kulħadd u twaqqagħha għaċ-ċajt.

Fil-break ma kienitx tħalliha tilgħab mal-grupp tagħha. Christine kienet tiddejjaq ħafna imma qatt ma ġġieldet ma' Vanessa. Kienet tieħu paċenzja u tipprova ma tagħtix kasha. Kellha ħabiba ta' veru u din kienet tagħmlilha ħafna kuraġġ u toqgħod magħha. It-tfal tal-klassi bdew jindunaw li Christine kienet imdejjqa bl-imġieba ta' Vanessa u bdew jaraw kif ser jirranġaw din is-sitwazzjoni. Huma ddeċiedew li jitkellmu.

L-għalliema indunat b'dan kollu u ddeċidiet li tkellem lil Vanessa u tara għaliex kienet qed tagħmel hekk lil Christine. Meta tkellmet ma' Vanessa indunat li kienet tagħmel hekk għax kienet tgħir xi ftit għal Christine. Għalhekk ippruvat tirranġa s-sitwazzjoni ta' bejniethom. Għalkemm Christine u Vanessa kienu differenti minn xulxin xorta setgħu jgħinu u jibnu relazzjoni sabiħa bejniethom.

# L-Attività

F'din il-lezzjoni ltqajna ma' diversi nies li magħhom jista' jkollna relazzjoni. Għalhekk il-katekist ser jaqsam il-klassi f'żewġ gruppi.
Kull grupp irid isemmi persuna li jista' jkollna relazzjoni magħha.

Il-grupp l-ieħor irid isemmi perusna oħra.
Ħadd jma jrid jirrepeti l-istess persuna.
Għal kull persuna li jsemmi l-grupp jieħu 10 punti.
Jekk ma jkunx jaf isemmi persuna oħra, jitlef it-turn tiegħu u jwieġeb il-grupp l-ieħor.

# Għeluq

Bħala talba tal-għeluq il-katekist jirringrazzja lil Alla talli tah l-opportunità li jista' jiltaqa' ma' dawn il-parteċipanti li tant jafu jibnu relazzjonijiet tajbin man-nies ta' madwarhom.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Ir-relazzjoni tiegħi ma' Ġesù

**L-GĦAN**

- Fuq kollox hemm ir-relazzjoni tajba li nista' nibni ma' Ġesù.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù kemm kellhom xortihom tajba l-Appostli. Kienu jkunu miegħek il-ħin kollu. Jiena wkoll ser nipprova nsir aktar ħabib miegħek.*

## Ikollok bżonn:

- Script tal-play
- Jew DVD ta' xi tempesta .
- Stampi ta' Ġesù mal-Appostli f'ċirkustanzi differenti.

**KONTENUT - L-ISTORJA TA' JOSEF U MARIANO**

*Nota: Fejn fl-istorja jissemma Katekist, jista' jintuża l-mod kif il-parteċipanti jsejħu lill-katekist tagħhom stess bħal: Pref għall-prefett jew Ms Lilian*

Narattur Josef u Mariano kienu ħdejn il-bieb fejn imorru għall-Katekeżi. It-tnejn kienu bil-ktieb tal-katekeżi f'idejhom. Jidhru li qed jiddiskutu xi ħaġa importanti.

Josef Mariano il-bieraħ tgħidx kemm ħadt gost nisma' l-istorja ta' kif Ġesù kellu ħila jibni relazzjoni sabiħa u malajr mal-Appostli.

Mariano Jiena wkoll! Imma ħa ngħidlek, taf x'għidt bejni u bejn ruħi?! Dawk kienu sew għax kienu jgħixu ma' Ġesù.

Josef U żgur! Kienu jieklu miegħu, joħorġu miegħu, jitkellmu miegħu ...

Mariano U tgħid meta kienu jmorru jistadu ma kienx immur magħhom Ġesù?

Josef Iva mela! Int bis-serjetà jew? Mela insejt meta kienu fuq id-dgħajsa u qamet dik il-maltempata u kienu ser jgħerqu?

Mariano Jien skantajt kif Pietru li kien sajjied tajjeb ħafna beża' mill-baħar qawwi u kif Ġesù baqa rieqed waqt dan kollu.

Josef Veru li kienu xxurtjati l-appostli għax il-ħin kollu miegħu! Jien meta nisma' xi ħaġa hekk aqta' kemm nixtieq li kont flok xi wieħed mill-appostli. Min jaf kemm kienu jieħdu pjaċir ma' Ġesù!

Narratur Issa deher jipparkja l-karozza l-katekist. Niżel mill-karozz u ġie biex jidħol fiċ-ċentru tal-katekiżmu.

Katekist Hawn kif ma dħaltux tilgħabu bħas-soltu? X'intom tgħidu ? Jaqaw ġara xi ħaġa? Tidhru ftit serji.

Josef U le ma ġara xejn. Imma jiena u Mariano konna qed nitkellmu fuq il-lezzjoni tal-bireaħ.

Katekist Donnu ħadtu gost biha dik il-lezzjoni!

Mariano Għax il-bieraħ rajna kemm Ġesù bena relazzjoni sabiħa mal-appostli. U huma wkoll malajr bnew relazzjoni miegħu.

Katekist Tidhru kontu attenti ħafna l-bieraħ. Imma naħseb li aħjar nidħlu u nkomplu ġewwa għax qed isir il-ħin. Fil-klassi issa nkomplu niddiskutu fuqha din.

Josef Tajjeb għax hemm xi ħaġa li ridt nistaqsik.

Narratur Josef u Mariano daħlu, qalu t-talba flimkien ma' sħabhom u daħlu fil-klassi u bdew il-lezzjoni bħas-soltu.

Katekist Allura Josef x'ridt tistaqsini? Nispera li mhux xi mistoqsija tqila ħafna!

Josef U le mhux tqila u naħseb li inti taf tweġibni. Għax jiena l-bieraħ bdejt

ngħid "Iss mhux fair l-appostli kienu l-ħin kollu ma' Ġesù, mhux bħali u bħal Mariano u bħalek! Aħna qatt ma nistgħu nkunu ma' Ġesù".

**Mariano** Jien ukoll ġieli ħsibt fuq hekk, l-iktar meta naqra xi ftit mill-Evanġelju u jkun hemm xi storja li l-appostli kienu jkunu l-ħin kollu miegħu. Kważi nibda ngħir għalihom.

**Katekist** Sewwa qed tgħidu l-appostli kienu jkunu ħin twil ma' Ġesù. Veru kienu ixxurtjati. Imma aħna wkoll nistgħu nkunu ma' Ġesù. Nistgħu ngħaddu ħin twil jew ftit ħin miegħu, skont kemm ikollna ċans jew aptit!

**Mariano** U ejja! Kif nistgħu ngħaddu ħin ma' Ġesù? Mela jiena xi darba rajtu lil Ġesù?! Aħseb u ara kemm nista' nkun miegħu???!!

**Josef** Stenna Mariano! Naħseb jien naf xi jrid jgħid il-katekist. Forsi aħna nsejna xi ħaġa....

**Diskussjoni**

Il-katekist jistaqsi lill-parteċipanti:

Veru li l-Appostli kienu ixxurtjati ħafna li kienu jkunu ħin twil ma' Ġesù?
Kieku inti kont wieħed mill-appostli kif kont tħossok meta tkun ma' Ġesù?
Fuq hiex kont titkellem miegħu?
Kont tistiednu jiġi d-dar tagħkom u forsi jiekol magħkom?
Kieku kellek lin-nanna marida kont titolbu jfejjaqha?
Aħna kif nistgħu inkunu ma' Ġesù?
Kif nistgħu ngħaddu ħin miegħu?
X'taħsbu li ried jgħid Josef?

**Tkompli l-istorja ta' Josef u Mariano**

Josef Jiena naf xi jrid jgħid il-katekist. Insejna x'għidna m'ilux waqt il-lezzjoni: Ġesù qal lin-nies "Fejn hemm tnejn jew tlieta miġbura f'ismi hemm jien inkun f'niofshom." Hekk ridt tgħidilna?

**Katekist** Sewwa sewwa ħafna Josef. Per eżempju bħalissa aħna qegħdin hawn miġburin f'isem Ġesù. Allura għalkemm mhux narawh lil Ġesù imma hu qiegħed hawn magħna. Imma donnu li Mariano għadu mhux konvint!



Mariano — Ara hi jien qed nifhem dak li qed tgħidilna imma jien inkun nixtieq nitkellem ma' Ġesù kif kienu jitkellmu l-appostli u ħafna nies oħrajn li naqra fuqhom fil-Evanġelju!

Katekist — Għandu jkun insejna xi ħaġa! Ġesù dejjem magħna f'post speċjali! Ejja ħa nara min ser jgħidli?

Mark — Din nafha, din nafha! Ġesù jkun dejjem jistenniena fil-knisja meta nitqarbnu. Ġesù jkun hemm u jiġi fina. U aħna nistgħu nitkellmu miegħu kemm irridu jew kemm ikollna ċans. Hux veru?

Josef u Mariano jidhru jagħmlu sinjal b'rashom waqt li Mariano jgħid..

Mariano — Kos veru din kont nafha imma qisni insejtha! Veru li lil Ġesù aħna ma narawhx imma hu jkun fl-Ewkaristija u aħna nistgħu mmorru ħdejh u nitkellmu miegħu meta rridu.

Mark — L-għalliema tal-iskola m'ilux qaltilna li aħna nistgħu nkellmu lil Ġesù u nisimgħu dak li jrid jgħidilna meta naqraw il-Bibbja. Ħa ngħidilkom, jiena lill-mama u lill-papa tlabthom biex għall-birthday jixtruli Bibbja għat-tfal bħal tiegħek (tal-katekista) biex meta jkolli ħin inkun nista' naqra xi storja sabiħa.

Francesco — Fil-għaxija aħna d-dar wara li nieklu nibqgħu fuq il-mejda u kulħadd jgħid xi talba li jrid.

Mark — X'jiġifieri? Aħna meta nieklu kulħadd iqum u wara li ngħinu ftit lill-mama tnaddaf il-kċina mmorru naraw xi programm sabiħ fuq it-tv.

Francesco — Le ħi aħna hekk nagħmlu: kulħadd jieqaf ftit fil-kwiet u xi kultant ngħidu posta tar-Ruzarju. Illum ħija Louis imiss jgħidu. Xi kultant meta fl-aħbarijiet jgħid li ġara xi ħaġa, ngħidu talba għal dawk in-nies jew għal dak il-pajjiż. Din il-ġimgħa l-papa kien imissu jirranġa l-prayer corner. Taf kemm jaf jirranġha!

Katekist — Francesco taf kemm qed nieħu pjaċir nisimgħek. Hawn xi ħadd ieħor li jixtieq jgħid xi ħaġa oħra?

Julio — Iva! Aħna niltaqgħu ma' Ġesù wara li nispiċċaw il-Homework. Intom tafu li aħna nħobbu indoqqu l-kitarra u l-mama tħobb ħafna l-kant. Allura wara l-homework nagħmlu ftit ħin inkantaw xi diska sabiħa li nkunu tgħallimna fil-kor jew waqt il-lezzjoni tal-katekiżmu jew il-mama tkanta xi waħda hi. Imbagħad noqgħodu ftit kwieti u min irid jgħid xi talba jew xi kultant ma ngħidu xejn. Taf kemm nieħdu gost!

Kateksit — Prosit Julio! X'taħsbu Josef u Mariano? Qegħdin tindunaw li aħna wkoll għandna ċans nibnu relazzjoni sabiħa ma' Ġesù bħal ma bnew l-appostli?!

**Diskussjoni**

Il-katekist jagħti ċans lill-parteċipanti biex iwieġbu huma għall-aħħar mistoqsijqa li biha spiċċa l-istorja.

Għalhekk l-ewwel il-katekist jagħti biċċa karta u lapes biex kull parteċipant iwieġeb għal din il-mistoqsija. Imbagħad il-katekist jiġbor il-karti u jibda jaqra waħda waħda u jiddiskutihom u jgħaddi xi kummenti fuqhom. Hekk il-katekist ikollu l-feedback ta' kulħadd u jkun jaf aħjar kulħadd x'fehem fuq ir-relazzjoni tagħna ma' Ġesù.

**Relazzjoni ma' Ġesù**

Biex ikolli relazzjoni tajba ma' Ġesù jiena irrid:

- Inqis lil Ġesù bħala l-ħabib tiegħi
- Insib ħin biex nitkellem miegħu fuq dak li ngħaddi matul il-ġurnata bħalma
- nagħmel mal-ħbieb l-oħra. Nitkellem miegħu fuq xi jferraħni, fuq xi jdejjaqni, fuq x'jinkwetani, fuq l-iskola, insomma fuq kollox.
- Insib ħin biex immur nirċevih ġewwa fija kull nhar ta' Ħadd u mhux biss! Jekk hu possibli immur nirċevih kuljum.

- Ma niddejjaqx nitkellem fuqu.
- Ikolli santa ta' Ġesù fil-kamra tiegħi. Bħalma nkun irrid li jkolli ritratti tal-ħbieb tiegħi, hekk ikolli wkoll santa ta' Ġesù.
- Nemmen li Ġesù jismagħni dejjem.
- Fuq kollox Ġesù lili jħobbni kif jien. Ġesù lili jħobbni mhux jekk ngħaddi mill-eżami, mhux jekk nistudja, mhux jekk naf nagħmel xi ħaġa biss. Ġesù lili jħobbni dejjem. U għax iħobbni Ġesù jridni nsir persuna aħjar.

## L-Attività

Bħala attività l-katekist jista' jistieden lill-parteċipanti biex jagħmlu reċta żgħira ta' sitwazzjoni fejn jiena jista' jkolli relazzjoni ma' Ġesù. Jistgħu jiġu rreċtati eżempji li jkunu ssemmew fid-diskussjoni.

## Għeluq

Bħala talba tal-għeluq stieden lill-parteċipanti biex jitolbu għal xi ħadd ħalli jsaħħaħ r-relazzjoni tiegħu ma' Ġesù.

# 5.4 Kif nibni relazzjoni tajba

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Kull relazzjoni tista' tkun tajba jew mhux tajba. Il-parteċipanti ħa jiġu mgħejjuna biex jindunaw kif relazzjoni tista' tkun relazzjoni tajba u/jew relazzjoni mhix tajba. Il-parteċipanti ħa jsiru jafu li huma jistgħu żommu r-relazzjoni b'saħħitha jew jistgħu ikissruha.

**L-GĦAN**

- Kull relazzjoni tista' tkun tajba jew mhux tajba. Il-parteċipanti ħa jiġu mgħejjuna biex jindunaw kif relazzjoni tista' tkun relazzjoni tajba. Il-parteċipanti ħa jsiru jafu li huma jistgħu żommu r-relazzjoni b'saħħitha.

### Ikollok bżonn:

- Stampi storja ta' Patrick u Josiah.
- Script tal-istorja

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## X'jibni relazzjoni tajba?

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Ġesù għinni biex jiena jirnexxili nibni relazzjonijiet tajbin man-nies ta' madwari.*

**KONTENUT - PATRICK U JOSIAH**
Din l-istorja qasira se tgħina nifhmu kif nibnu relazzjonijiet b'saħħithom.

| | |
|---|---|
| Patrick | Hello!! Ara Josiah. Kif int hi? |
| Josiah | Insomma! |
| Patrick | Imma għandu jkun mhux tajjeb ħafna. |
| Josiah | U bħas-soltu xejn ġdid! |
| Patrick | (kien jaf li t-team li jħobb Josiah ma kienx sejjer tajjeb fil-football) Jaqaw kif mortu l-bieraħ fil-football? |
| Josiah | Uff!!! Int dejjem l-istess! Ħallini! Tkellimnix! Ma tafx li l-biereħ tlifna! |
| Patrick | U iva kemm teħodha bi kbira int! Kelma għidtlek! Mela jien naf li tliftu!! |
| Josiah | Int qatt ma tkun taf li tlifna! Imma meta nitilfu dejjem tistaqsini "kif mortu?" Jien naf għalfejn tistaqsini. Biex mingħalik tinkini. Imma mhux ser tinkini taf. |
| Patrick | Hi ara ħa għalih. Imma veru tliftu? U min jaf hux ser taqgħu mill-premier?! |

Jidħlu Thomas u Franco (Dawn ukoll ikunu akkaniti għall-football. Meta raw lil Josiah imdejjaq indunaw x'ġara.)

| | |
|---|---|
| Franco | (lil Josiah) Jaqaw hi? Jaqaw Patrick bħas-soltu qed jinkwetak?! Dak tagħtix kasu! |

Thomas (lil Patrick) U ajma int dejjem l-istess! Dejjem tara ma' min taqbad! Taf li kulħadd qed jiddejjaq bik? Ħallina ngħixu fil-paċi!

Patrick U ara kemm ser jagħmluha bi kbira! Jiena xejn m'għidtlu! Staqsejtu biss jekk tilfux, u l-bieraħ tilfu! Mela jiena għandi xi tort li għandhom team li dejjem jitlef!

Franco U mela inti xi darba jkollok tort? Int dejjem tara kif jew iġġellidna jew tweġġgħa qalb xi ħadd. Illum hekk għamilt. Ejja Josiah ħi tagħtix kasu! Jiena qisni ma nisimgħux meta jibda jdejjaqni.

Patrick (jiskot għal ftit ma jitkellimx) Imma jiena ma xtaqtx inkun ta' dwejjaq għalikom! Veru ... jiddispjaċini!

Josiah Jiena mhux miġġieled miegħek imma ... meta tagħmilli hekk taf kemm niddejjaq!

Patrick Veru li mhux ser nerġgħa! Tridu tkunu ħbieb tiegħi? Jiena żgur li ser nipprova nkun aħjar u noqgħod attent aktar x'ngħid.



**Diskussjoni**

Il-katekist għandu jqajjem diskussjoni fuq din l-istorja u jħalli l-parteċipanti jitkellmu u jgħidu x'jaħsbu.

*Ġieli ġara xi ħaġa hekk fil-klassi?*
*Kien hemm relazzjonijiet tajbin fil-klassi ta' Josiah?* Iddiskuti.

*X'kien qed jibni relazzjoni tajba f'din l-istorja?*
*X'kien qed ikisser ir-relazzjoni f'din l-istorja?*

**Biex ikollna relazzjoni tajba**

Biex ikollna relazzjoni tajba hemm bżonn

- Li naċċetta li mhux kulħadd jaħsibha bħali.
- Li noqgħod attent dwar dak li ngħid
- Jekk naf li xi ħadd jiddejjaq meta jien nitkellem fuq xi ħaġa noqgħod attent.
- Mhux tajjeb li noqgħod ninki lil xi ħadd.
- Nipprova ma nħalliex lil min jinki lill-oħrajn.
- Meta xi ħadd jinki, jiena nuri li qed niddejjaq u ma nkomplix ma dak li jkun.
- Nipprova ngħin lill-grupp jitkellem flimkien u mhux noħloq klikek fil-grupp.

Flimkien mal-parteċipanti sib dawn il-punti fl-istorja ta' Patrick u Josiah. Il-katekist jista' joħroġ aktar punti fuq x'jista' jibni relazzjoni tajba fil-grupp.

## L-Attività

Il-katekist jaqsam il-klassi f'żewġ gruppi. Il-gruppi jridu jsemmu xi ħaġa li tgħin ir-relazzjoni fil-grupp. Ħadd ma jista' jirrepeti. Min jeħel jew jirrepeti jitlef. Jirbaħ min jibqa' sejjer bla ma jieqaf.

## Għeluq

Grazzi Ġesù talli tħobbni u tieħu ħsiebi. Grazzi talli tajtni tant nies madwari li jħobbuni u li magħhom jiena nista' nibni relazzjoni tajba. Għinni ħalli nagħmel dejjem kif kont tagħmel inti man-nies li għexu miegħek.

**B. It-Tieni Laqgħa**

## Irridu noqgħodu attenti!

**L-GĦAN**

- Kull relazzjoni tista' tkun tajba jew mhux tajba. Il-parteċipanti ħa jiġu mgħejjuna biex jindunaw kif relazzjoni tista' ma tkunx tajba. Il-parteċipanti ħa jsiru jafu li huma jistgħu kkisru relazzjoni.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Ġesù kull meta tisma' l-aħbarijiet dejjem tisma' b'xi aħbar ta' xi ġlied, ta' nuqqas ta' ftehim, b'xi qtil jew xi diżgrazzja. Mulej għamel li tirrenja l-paċi tiegħek fid-dinja tagħna. Ammen..*

**KONTENUT - PATRICK U JOSIAH**

*Nota: Il-katekist ser jgħin lill-parteċipanti biex jerġgħu jiftakru l-istorja tal-aħħar lezzjoni, dik ta' Patrick u Josiah. Jistgħu jintużaw stampi fuq l-istorja biex il-parteċipanti jiftakru, jew captions b'xi siltiet mill-istorja. Tista' wkoll tintuża l-iscript tal-istorja waqt li jkun hemm xi parteċipanti li jirreċtawha.*

## Ikollok bżonn:

- Stampi tal-istorja ta' Patrick u Josiah
- Stampi tal-istorja ta' Doreen

**Diskussjoni**
Il-katekist iqajjem diskussjoni mal-partċipanti fuq  x'jista' jkun li jkisser relazzjoni.

Faċli li jiena jkolli relazzjoni li mhix tajba.

**Eżempji mill-istorja ta' Patrick u Josiah:**
Josiah kien qiegħed jiddejjaq ħafna b'dak li kien qed jiġri fil-klassi. Għaliex kien qed jiddejjaq? Patrick xejn ma kien qed iġib ruħu tajjeb. Taqbel ma' din is-sentenza?

Josef, seta' jagħmel xi ħaġa biex din is-sitwazzjoni tiġi rranġatha?

Xi ħadd induna li Josef kien imdejjaq. Min induna?

Meta Franco u Thomas indunaw, għamlu xi ħaġa. X'għamlu?

**Eżempji  mill-ħajja tagħna:**
Jiena ġieli għint biex fil-grupp ikollna relazzjoni tajba? Jew xi kultant  bl-imġieba tiegħi r-relazzjonijiet marru lura? Semmi kif nista' nkisser ir-relazzjoni fil-grupp li nkun fih.

---

**L-istorja ta' Doreen**
*Fil-klassi kien hemm tifla jisimha Doreen u kienet tieħu pjaċir  tara lit-tfal tal-klassi tagħha jiġġieldu. Darba Kenneth qalilha li Carl kellu kelb ikrah. Dan il-kelb  kellu s-suf kollu nokkli u kien iħobb jinbaħ ħafna.  Meta Doreen ltaqat ma' Carl  tafu x'għamlet?* Ħalli lill-parteċipanti jwieġbu huma.

*Sewwa qed tgħidu. Doreen qalet lil Carl dak li kien qalilha Kenneth u qaltlu wkoll li dak li qed tgħidlu qalulha Kenneth.  X'taħsbu? Carl ħa pjaċir jew le?  Għaliex? U tafu x'ġara?* Ħalli lill-parteċipanti jwieġbu huma.

*Kenneth u Carl iġġieldu u ma baqgħux ħbieb. Minħabba Doreen ir-relazzjoni bejn Kenneth u Carl ma baqgħetx tajba.*



## L-Attività

Aqsam il-klassi fi tliet gruppi. Kull grupp ser ikollu mistoqsija x'jiddiskuti. Wara li jgħaddi l-ħin tad-diskussjoni fil-grupp iż-żgħir, xi ħadd minn kull grupp jgħid dak li jkun intqal fil-grupp tiegħu. Għalhekk tajjeb li din il-persuna tintgħażel mill-bidu ħalli tkun ippreparata. Jistgħu wkoll jittieħdu xi punti bħala noti.

Grupp 1: Jiena inżomm mat-team tal-bojod u inti żżomm mat-team tas-sofor. Kull darba li niltaqgħu, bilfors niġġieldu?

Grupp 2: Jiena naf li l-klassi tagħna maqsuma bejn Jonathan u David. Il-gruppi xejn ma jinġiebu bejniethom. Jiena x'nista' nagħmel biex il-klassi ma tibqax hekk imma tinbena relazzjoni aħjar?

Grupp 3: Kif jista' l-group work fil-klassi jgħin biex jitjiebu r-relazzjonijiet?

## Għeluq

Ġesù, mhux faċli li tibni relazzjoni. Biex iżżomm relazzjoni tajba trid tkun persuna li taħseb fl-oħrajn u mhux fik innifsek biss. Għalhekk nitolbok tgħinni Ġesù biex jiena naħseb fl-oħrajn ħalli jkolli relazzjonijiet tajbin.

# 5.5 Ċelebrazzjoni

## Introduzzjoni

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Bi ftit ħsieb jiena u inti nistgħu ngħinu biex ir-relazzjonijiet fejn inkunu jew jibqgħu sbieħ jew isiru aħjar.

### Ikollok bżonn:

- Skript bil-play tal-Ġelati
- Avża minn lezzjoni qabel lill-parteċipanti ħabba l-ikel

**A. Ċelebrazzjoni**
## Meet 'n Eat

L-ambjent tal-kamra jkun armat b'mod attrajenti u differenti mis-soltu.

Jindaqq innu 'My best friend'

**IKEL**
Mil-lezzjoni ta' qabel stieden lill-parteċipanti biex iġibu xi ħaġa żgħira tal-ikel. Xejn obligatorju jew kbir. Kulħadd skont kemm jista'. Hekk persuna iġġib pakket, oħra iġġib bott zalzatt, min jagħmel it-toast, min iġib xi flixkun ilma u lkoll flimkien ser nagħmlu festin ċkejken biex nifirħu flimkien bil-ħbiberija tagħna.

## Il-Ġelati

Kien hemm grupp tfal li kienu qegħdin ħdejn tal-ġelati. Kien diġà fil-għaxija u tal-ġelati ftit kien baqgħalu ġelati.

| | |
|---|---|
| Leanne | Ara jien imissni .. toqgħodx tqabbeż! |
| Jeremy | Ser tibda hi .. dejjem trid tiġġieled! |
| Leanne | Le mhux niġġieled imma veru jien imissni u jekk tinduna ftit baqgħalu ġelati. |
| Hector | (Tal-ħanut) Ara oqgħodu kwieti u naħseb li jservi għal kulħadd! |
| Leanne | Ara Hector mhux għal xi ħaġa imma jiena irid tliet scoops daqs kemm inħobbu l-ġelat. Irrid wieħed taċ-ċikkulata,  wieħed ..eh.. tal-frawli.. u l-ieħor.. aħdar daqs kemm huma tajbin! |

Jeremy Qed tara kif sewwa ngħid jien! Inti egoista jekk m'hemmx għal kulħadd kif trid tlieta?! U aħna x'nieħdu?!
Marthese Ara Jeremy, jiena wkoll irrid tnejn! Wara kollox jiena kont qablek u nista' nieħu kemm irrid!! Għax ma ġejtx fil-queue qabli int?
Hector Intom ser tieqfu?! Jew nitlaq l'hemm u mmur fil-kantuniera l-oħra u intom tibqgħu b'xejn?!
Viviene Ara ieqfu ftit u nitkellmu sewwa. Inti Leanne trid tliet kuluri hux hekk?
Leanne Iva għax kollha joġgħbuni. U jiena qabilkom ġejt.
Viviene U inti Marthese trid żewġ kuluri ux?
Marthese Mhux ġa għidtlek li tnejn irrid?!
Viviene (tħares lejn Hector tal-ġelati) Ara Hector ħu ftit paċenzja. Aħna qegħdin sitt itfal u kulħadd jixtieq jieħu ġelat. Ibda minn Leanne. Agħtiha tazza u għamlilha ftit mit-tlieta li riedet. U lil Marthese wkoll għamlilha tazza bi ftit mit-tnejn li riedet. Issa dak li baqa' aqsamulna bejn Jeremy, Lilian, Peter u jiena. U hekk kulħadd ikun ħa dak li ried.
Marthese Prosit Viviene kemm ħsibtha tajjeb! Jiena għandi żewġ kuluri kif xtaqt! Naħseb li Leanne wkoll kuntenta għax ħadet tazza bi tliet ġelati differenti kif xtaqet. U inti, Jeremy, Peter u Lilian ukoll ħadtu ġelat kif xtaqtu.
Leanne Kos meta taħseb ftit jirnexxielek tagħmel ħafna affarijiet sbieħ. Tieħu dak li trid u fuq kollox tibqa' jkollok il-ħbieb għax jiena u Marthese konna ser inkunu bla ħbieb. Grazzi Leanne.

**Meet 'n eat**

Biex nuru li aħna ħbieb ta' xulxin, li naħsbu f'xulxin u biex ngħalqu din is-sena kateketika flimkien, ħa naqsmu l-ikel tajjeb li ġibna flimkien.

Kieku kulħadd ħaseb fih innifsu biss, kulħadd jiekol biss minn oġġett wieħed. Hekk kulħadd jiekol minn kolox għax kulħadd jaħseb f'xulxin.

Dan isservi biex ir-relazzjonijet bejn il-parteċipanti jikbru u jsiru aħjar.

Jindaqq innu 'Jesus you are my best friend'

**'My best friend'**

Have you heard of the One called Saviour?
Have you heard of his perfect love?
Have you heard of the One in Heaven?
Have you heard how he gave His Son?
Well I have found this love
and I believe in the Son show me your way

I believe in the one called Saviour
I believe he's the risen one
I believe that I'll live forever
I believe that the King will come
Because I have found this love
and I believe in the Son show me your way
Jesus you are my best friend
and you will always be
nothing will ever change that (x2)

I believe in the one called Saviour
I believe he's the risen one
I believe that I'll live forever
I believe that the King will come
Because I have found this love
and I believe in the Son
show me your way
Jesus you are my best friend
and you will always be
nothing will ever change that
Jesus you are my best friend
and you will always be
nothing will ever change that
Jesus you are my best friend
and you will always be
nothing will ever change that

Nothing will ever change that (x6)